# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Frar 2006 | ĦARĠA SPEĊJALI | Nru. 876



Ragħaj biex imexxina,
Missier biex jaqdina,
Għalliem biex jibnina...



# B'isqof ġdid... f'era ġdida...

## Il-Ħajja f'Għawdex




# Parir tajjeb ta' l-Isqof Nikol

*"L-esperjenza tiegħi bħala editur ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" għallmitni mhux biss kemm jiswa l-frott li tista' tagħti rivista djoċesana, imma anki s-sagrifiċċji u t-taħbit li huma meħteġa biex tkun tista' toħroġ regolarment din il-publikazzjoni. Ir-rivista "Il-Ħajja f'Għawdex" minn mindu kont editur jien sa llum għamlet progressi kbar u laħqet livell għoli kemm fil-kontenut kif ukoll fil-preżentazzjoni tagħha. Fl-opinjoni tiegħi għad baqgħalha postha fid-djoċesi tagħna, u hu meħtieġ li l-insara ta' pajjiżna jħossu d-dmir li jgħinu b'kull mezz il-Media li tkun tista tiddisponi minnhom id-djoċesi. Għalhekk għadni ninsisti li "Il-Ħajja f'Għawdex" jeħtieġ li tidħol f'kull dar Għawdxija."*

Isem ______________________________

Indirizz ______________________________

______________________________

*Nixtieq nabbona (ġdid)* ☐ *jew inġedded l-abbonament* ☐ *għall-2006*

Firma ______________________________

Lm3 Abbonament Regolari ☐ Lm5 Abbonament Sostenitur ☐

*Indirizza lill-* **Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria VCT111, Għawdex**

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 876***
***Frar 2006***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**



***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**



**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***



*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Mons. Mario Grech, Isqof Ġdid • 10
Profil ta' l-Isqof Mons. Mario Grech • 11
Tifsira ta' l-Istemma Episkopali • 12
L-Isqof Mario Grech, kif nafu jien • 13
Minn Dun għal Isqof • 15
L-Isqfijiet kollha ta' Għawdex • 16
Versi Riflessivi • 19
Riflessjonijiet ta' ACM • 20
Ktieb x'Taqra • 22
**SUPPLIMENT SPEĊJALI**
Għawdex 300 sena ilu • 23
Il-Misteru tal-Ewkaristija (8) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (43) • 26
Lenti fuq il-Ħajja Madwarna • 28
Mill-Kunsilli Lokali Għawdxin:
Kerċem • 30
Xhieda Nisranija: Fra Krispin (1) • 32
Mill-Knisja fid-Dinja • 33
Għawdxin li għandna niftakru (31) • 34
Passiġġata Biblika (14) • 36
L-Istorja tal-Mediċina (2) • 38
Ħolm il-Ħajja • 40
Bejnietna n-Nisa • 41
L-Irħula Għawdxin (2): Għajnsielem • 42



**Ritratti:** *Ħajr lil Chris Sant Fournier (The Times), "In-Nazzjon", Alvin Sciclunа, Max Xuereb, Joe Zammit, Joseph Sultana u Daniel Zerafa għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*





## *"Esperjenza mill-isbaħ ta' Knisja"*
## *L-E.T. Mons. Mario Grech u l-Awguri tal-Poplu Għawdxi*

*"Esperjenza mill-isbaħ ta' Knisja" – din kienet l-espressjoni ġenerali tal-poplu kollu Għawdxi u Malti li dan l-aħħar għex mument partikulari ħafna fl-esperjenza tiegħu ta' nisrani : il-Konsagrazzjoni u l-Ingress ta' l-Isqof il-Ġdid tad-Djoċesi tagħna : l-E.T. Mons. Mario Grech.*

*Kienet okkażjoni straordinarja, mhix xi ħaġa ta' kuljum, festa li rnexxiet... iżda mhux dawn l-elementi għamlu minn din il-ġrajja "esperjenza mill-isbaħ". Kien hemm tħejjija fuq kollox spiritwali, kien hemm katekeżi fuq xi tfisser il-figura ta' l-Isqof u s-simboliżmu kollu marbut miegħu u mal-missjoni tiegħu, kien hemm stennija akkumpanjata minn talb, kien hemm laqgħat ta' ferħ, kien hemm liturġija ħajja, kien hemm esperjenza konkreta li b'xi mod kulħadd ħassu parti minnha. Iċ-ċelebrazzjoni fiha nfisha tal-Konsagrazzjoni Episkopali u l-Ingress Sollenni fil-Knisja Katidrali, dak in-nhar tal-Ħadd 22 ta' Jannar, kienet funzjoni li ma tintesa qatt – il-parteċipazzjoni massiva tan-nies, l-organizzazzjoni perfetta taċ-ċerimonja, il-mument ta' l-ordinazzjoni episkopali, l-ewwel messaġġ u l-ewwel barka sollenni ta' l-Isqof Mario Grech huma biss ftit mill-ingredjenti li sawru din il-ġrajja storika għad-Djoċesi Għawdxija.*

*Iżda issa li ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Konsagrazzjoni u l-Ingress għaddew, jeħtieġ li ma tgħaddix dik il-fjamma mħeġġa li tkebbset f'qalb kull wieħed u waħda minnha f'dawn il-ġranet. Jeħtieġ li lkoll kemm aħna nkomplu nfittxu li nħallu mixgħula fina t-tama sabiħa ta' Knisja magħquda mar-Ragħaj tagħha, bħal merħla li timxi wara r-ragħaj, li ma tibżax jekk timxi f'wied mudlam, li tagħraf leħnu u fuq kollox li tħallih imexxija hu lejn il-mergħat ta' dejjem, hemm fejn tkun tista titrejjaq u tistrieħ.*

*Huwa fatt li l-Knisja Għawdxija, bħall-kumplament tal-Knisja fid-dinja, għandha quddiema sfidi kbar: il-kriżi tal-familja, il-prijorità tal-valuri kristjani, l-għajxien tal-vanġelu fil-ħajja ta' kuljum, il-faqar reliġjuż u sfidi oħra mhux żgħar. Iżda bil-kuraġġ, bil-prudenza, bil-fidi qawwija f'Alla u fuq kollox bl-għajnuna divina, flimkien mal-karatteristiċi pożittivi li jsawru l-karattru ta' l-Isqof Mario Grech, żgur li lkoll kemm aħna, Isqof, kleru u poplu t'Alla, m'aħniex telliefa quddiem dawn l-isfidi. Il-sbuħija ta' Kristu, il-qawwa ta' l-Ewkaristija 'in fractione panis' u l-kuraġġ li l-Isqof taghna, ipprova jnissel fina f'dawn il-jiem għandhom jimlewna bit-tama u l-ferħ li din l-"esperjenza sabiħa ta' Knisja" ma tkunx xi ħaġa okkażjonali, iżda tkun waħda dejjiema li takkumpanjana tul ħajjitna kollha.*

*Fl-aħħarnett f'ismi, f'isem id-direzzjoni, il-kontributuri, dawk kollha involuti fil-pubblikazzjoni u fuq kollox f'isem il-qarrejja kollha tar-rivista djoċesana "Il-Ħajja f'Għawdex", nixtieq minn qalbi nawgura lill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, ħafna ħidma fejjieda fl-episkopat tiegħu fostna u filwaqt li nwiegħduh kull kollaborazzjoni, nixtiequlu "Ad Multos Annos".*

***Dun Ruben Micallef***

www.gozodiocese.org

# Il-Ħajja fid-Djoċesi



Mis-Seminarista Maximillian Grech

### *L-E.T. Mons. Isqof Mario Grech jibda ż-żjarat lill-Komunitajiet Parrokkjali tad-Djoċesi mill-Parroċċa tal-Katidral*



Din l-ewwel żjara pastorali tar-Ragħaj tad-Djoċesi fil-Parroċċa tal-Katidral saret mill-31 ta' Jannar sat-2 ta' Frar 2006. Matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu ta' dawn il-jiem, l-E.T. Mons. Isqof żar lill-ħaddiema tas-settur privat, fosthom lill-ħaddiema ta' *Zammit Woodworks, Joseph Caruana Ltd.* u l-ħaddiema tal-fabbrika ta' *Magro Brothers*, kif ukoll lill-anzjani u l-morda tal-parroċċa li jinsabu rikoverati fi djarhom. Matul l-ewwel ġurnata taż-żjara pastorali tiegħu huwa ltaqa' mat-tfal kollha tal-parroċċa fil-Knisja Katidrali, kif ukoll mal-entitajiet tal-parroċċa. L-għada huwa ltaqa' ma' l-anzjani tal-parroċċa f'quddiesa li qaddes għalihom fil-Knisja Katidrali. Wara inżamm *Get-together* fl-*annexe* tal-istess Knisja Katidrali. Aktar tard fil-għaxija l-E.T. Mons. Mario Grech kellu laqgħa ta' merħba fil-Każin tas-Soċjetà Filarmonika *Leone* mill-entitajiet tal-Parroċċa u tas-Soċjetà *Leone*. Għal din l-okkażżjoni kien mistieden ukoll l-Isqof Emeritus l-E.T. Mons. Nikol Cauchi bħala radd il-ħajr tas-servizz li huwa ta b'risq il-komunità parrokkjali tal-Katidral tul l-episkopat tiegħu. Għal din l-okkażżjoni ħadet sehem il-Banda *Leone* bl-eseguzjoni ta' l-Innu Pontifiċju. L-E.T. Mons. Mario Grech temm din l-ewwel żjara pastorali fl-ewwel parroċċa b'Konċelebrazzjoni Pontifikali fil-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej u li għaliha ħadu sehem ir-Rev.mu Kapitlu tal-Knisja Katidrali, is-saċerdoti u r-reliġjużi tal-parroċċa, u s-seminaristi tad-djoċesi u ġiet animata mill-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Tul din il-Konċelebrazjzoni ġew ippreżentati lill-E.T. Mons. Isqof it-tfal li aktar tard tul din is-sena sejrin jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. Wara l-Konċelebrazzjoni Pontifikali nżammet ċena għall-membri tal-Presbiterju Parrokkjali u li għaliha attendew kemm l-Isqof Mons. Mario Grech kif ukoll l-Isqof Emeritus Mons. Nikol Cauchi.

### *Iż-Żjara Pastorali ta' l-E.T. Mons. Mario Grech fil-Knisja Parrokkjali u Bażilika ta' San Ġorġ Martri, Victoria*

Din iż-żjara pastorali bdiet fit-3 ta' Frar u ġiet fi tmiemha l-Ħadd 5 ta' Frar. Tul l-ewwel ġurnata tal-vista l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech żar lill-anzjani u l-morda rikoverati fi djarhom. Aktar tard wara nofsinhar Mons. Isof iltaqa' mat-tfal tal-klassijiet tal-katekiżmu. Fil-għaxija saret ċelebrazzjoni solenni tal-liturġija ta' l-Għasar mir-Rev. Kapitlu tal-Kolleġjata ppresedut mill-E.T. Mons. Isqof. Aktar tard fil-għaxija Mons. Isqof iltaqa' mal-kategorija taż-żgħażagħ f'lejla spiritwali u soċjali organizzata mill-grupp taż-żgħażagħ *23four*. L-għada filgħodu l-E.T. Mons. Mario Grech ppresieda Assemblea Parrokjali u li fiha saret evalwazjoni u qsim ta' fehmiet dwar il-preżenza u l-ħidma tal-parroċċa fis-soċjetà tagħna illum. Wara żar l-istazzjon tar-Radju tal-komunità *Leħen il-Belt Victoria* fejn iltaqa' ma' l-uffiċjali u ta messaġġ ta' l-okkażżjoni *live*. L-E.T. temm in-nofs ta' nhar ta' fil-għodu tat-tieni jum taż-żjara b'dawra mad-Dar tas-Saċerdoti l-ġdida u b'ikla fl-istess dar flimkien mas-saċerdoti tal-parroċċa. Filgħaxija Mons. Isqof żar il-Każin tas-Soċjetà *La Stella* fejn iltaqa' mad-diriġenti ta' l-istess soċjetà. Aktar tard fil-għaxija Mons. Isqof attenda għall-Kunċert ta' Mużika Barokka Maltija bis-sehem tal-Kor *Laudate Pueri*, solisti u orkestra taħt it-tmexxija ta' Mro. Joseph Vella fil-Bażilka ta' San Ġorġ. Din it-tieni żjara li għamel l-Isqof lill-Parroċċi Għawdxin ġiet fi tmiemha l-Ħadd 5 ta' Frar fil-għodu, fejn l-E.T. Mons. Mario Grech ħa l-pussess bħala t-tieni Dekan tal-Kapitlu tal-Bażilka ta' San Ġorġ. Għal din l-okkażżjoni ħadet sehem ukoll delegazzjoni għolja tar-Rev.mu Kapitlu ta' l-Arċibażilka tal-Lateran, u li magħha l-Bażilka ta' San Ġorġ hija aggregata. Ħa ħsieb janima din il-konċelebrazzjoni il-Kor *Laudate Pueri* taħt id-direzzjoni ta' Dun George J. Frendo.



### *Iż-Żjara Pastorali ta' l-Isqof Mons. Mario Grech fil-Parroċċa ta' Kerċem*



Din iż-żjara pastorali ta' Mons. Isqof fil-parroċċa ta' Kerċem bdiet nhar il-Ħadd 5 ta' Frar 2006. Iż-żjara kienet tikkonsisti f'Quddiesa Pontifikali li ġiet iċċelebrata fil-għaxija u li għaliha attenda il-poplu Kerċmiż bi ħġaru sabiex isellem lir-Ragħaj tad-Djoċesi, u li aktar qabel kien qed iservi bħala Kappilan tal-parroċċa tagħhom. Għal din il-Konċelebrazzjoni Pontifikali ħa sehem ukoll il-kleru tal-parroċċa u ġiet animata mill-Kor *Stella Maris* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Carmel P. Grech. Fi tmiem il-quddiesa saru xi diskorsi ta' l-okkażżjoni u Mons. Isqof ġie ppreżentat diversi rigali. Wara il-quddiesa, fuq iz-zuntier u fil-pjazza ta' quddiem il-knisja inżamm riċeviment għal dawk kollha preżenti. B'hekk ġiet fi tmiemha l-laqgħa li l-poplu ta' Kerċem għamel lill-Isqof il-Ġdid Mons. Mario Grech, li trabba fl-istess raħal.

### *Iż-Żjara Pastorali ta' l-Isqof Mario Grech fil-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, Fontana*

L-E.T. Mons. Mario Grech beda ż-żjara pastorali tiegħu f'din il-parroċċa nhar it-Tnejn 6 ta' Frar. Tul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu Mons. Isqof flimkien mal-kappillan żaru il-morda u l-anzjani li jinsabu rikoverati fid-djarhom. Fil-għaxija Mons. Isqof ġie milqugħ mill-Kappillan u l-Kleru fil-Knisja Parrokjali tal-Qalb ta' Ġesù fejn sar diskors ta' merħba mill-



Kappillan. Wara saret l-espożizzjoni tas-Sagrament u ġie reċitat ir-rużarju mqaddes. L-E.T. Mons. Isqof temm dan il-mument ta' talb bil-barka sagramentali. Aktar tard saret laqgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali mal-Kunsill Parrokkjali, *Group Leaders*, *Radio Sacro Cuor*, u l-membri ta' l-Għaqdiet ta' l-Azzjoni Kattolika, *Legion of Mary*, u l-Moviment Kariżmatiku, kif ukoll membri ta' kunsilli oħrajn fil-parroċċa. L-għada, it-Tlieta 7 ta' Frar, Mons. Isqof kellu Laqgħa mal-Kunsill Lokali. Wara żar il-premises ta' *Radju Sacro Cuor* u ħa sehem f'intervista li xxandret *live* fuq l-istess radju komunitarju. Wara nofsinhar iltaqa' mat-tfal tad-duttrina u mal-katekisti fil-knisja parrokjali u aktar tard huwa ltaqa' wkoll mal-Kavallieri tas-Santu Sepulkru, peress li dawn għandhom bħala *sede* f'Għawdex il-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù. Din il-vista pastorali ġiet fi tmiem fil-għaxija b'konċelebrazzjoni pontifikali immexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech mal-Kleru tal-Parroċċa. Wara inżamm riċeviment għal dawk kollha preżenti fiċ-Ċentru Parrokkjali.

### *Iż-Żjara tar-Ragħaj tad-Djoċesi fil-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu – Munxar*



L-E.T. Mons. Mario Grech żar il-Parroċċa tal-Munxar bejn l-Erbgħa 8 u l-Ġimgħa 10 ta' Frar 2006. L-isqof ġie milqugħ nhar l-Erbgħa fil-għaxija mill-Kappillan u mill-Kleru Parrokkjali fil-bieb tal-knisja, u wara li l-E.T. sellem lill-miġemgħa preżenti fil-knisja ġie reċitat ir-rużarju mqaddes u ngħatat il-barka sagramentali mill-E.T. Mons. Isqof. Wara dan il-mument ta' talb Mons. Isqof sellem lis-saċerdoti fis-sagrestija u lill-Abbatini fil-kamra tat-talb "Għajn tal-Ilma Ħaj". Aktar tard fil-għaxija Mons. Isqof iltaqa' mal-Kunsill Parrokkjali u mad-Diriġenti tal-Għaqdiet fis-sala tal-Laqgħat taċ-Ċentru Parrokkjali. L-għada l-Ħamis, Mons. Isqof beda l-ġurnata b'quddiesa u laqgħa għand il-Komunità tas-Sorijiet tal-Karità. Matul in-nofs ta' nhar ta' fil-għodu Mons. Isqof flimkien mal-Kappillan żaru lill-morda u lill-anzjani rikoverati fi djarhom. Wara nofsinhar l-E.T. Mons. Isqof iltaqa' mas-saċerdoti fid-Dar Parrokkjali u aktar tard żar ukoll lit-tfal tal-Katekiżmu fiċ-Ċentru Parrokkjali. Fil-għaxija Mons. Isqof mexxa it-talb ta' l-Ewwel Għasar tas-Sollenità tan-Nawfraġju ta' San Pawl mal-Kleru u l-poplu fil-Knisja Parrokkjali. Aktar tard fil-għaxija Mons. Isqof iltaqa' maż-żgħażagħ tal-Parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali. Nhar San Pawl fil-għodu l-E.T. Mons. Mario Grech ingħaqad mal-poplu u l-kleru fit-talb tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum fil-knisja. F'nofsinhar Mons. Isqof ippranza mas-saċerdoti tal-parroċċa u mas-Sorijiet tal-Karità fid-dar tas-Sorijiet. Kmieni wara nofsinhar Mons. Isqof żar il-grownds taċ-Ċentru u ltaqa' mal-membri, id-diriġenti u l-*players* tal-Klabb tal-Futball. Aktar tard żar l-uffiċini tal-Kunsill Lokali fejn iltaqa' mal-kunsilliera u s-sindku. Fis-6.00pm Mons. Mario Grech mexxa l-Pontifikal Sollenni tas-Sollenità tan-Nawfraġju ta' San Pawl. Iż-żjara pastorali ġiet fi tmiemha b'laqgħa soċjali mal-familji tar-raħal fiċ-Ċentru Parrokkjali.

### *Iż-Żjara tal-Isqof il-Ġdid Mons. Mario Grech fil-Parroċċa ta' San Lawrenz*



Iż-żjara ta' Mons. Mario Grech fl-okkażżjoni tal-bidu tal-ministeru tiegħu bħala Ragħaj tal-Knisja f'Għawdex fil-Parroċċa ta' San Lawrenz saret bejn it-Tnejn 13 u l-Erbgħa 15 ta' Frar 2006. Mons. Isqof ġie milqugħ l-Erbgħa filgħaxija fil-knisja parrokkjali mill-Kappillan u s-saċerdoti li jagħtu sehemhom fil-parroċċa, u mill-miġemgħa preżenti fil-knisja. Wara d-diskorsi ta' merbħa, Mons. Isqof Mario Grech mexxa t-talba ta' l-Għasar u fl-aħħar ta l-benedizzjoni Ewkaristika. Aktar tard filgħaxija Mons. Isqof mexxa l-laqgħa tal-*Lectio Divina* għall-grupp ta' nhar ta' Tnejn. L-għada Mons. Isqof beda t-tieni ġurnata taż-żjara pastorali tiegħu biż-żjajjar lill-anzjani u l-morda rikoverati fi djarhom. Tul in-nofs ta'nhar ta' filgħodu sab ħin ukoll biex iżur l-iskola primarja tar-raħal fejn iltaqa' mal-istudenti u l-għalliema. Wara nofsinhar Mons. Isqof kien disponibbli għal qrar fil-knisja parrokkjali. Filgħaxija Mons. Isqof iltaqa' mal-membri ta' l-għaqdiet u mal-kollaboraturi kollha fil-qasam pastorali. Aktar tard filgħaxija Mons. Isqof żar iċ-Ċentru Parrokkjali fejn iltaqa' maż-żgħażagħ, *St. Lawrence Spurs*, Kumitat Festi Esterni, *Folk Group*, u l-Għaqda Drammatika. L-E.T. Mons. Mario Grech beda l-aħħar jum taż-żjara tiegħu fil-parroċċa ta' San Lawrenz bit-talba tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum. Tul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu Mons. Isqof żar iċ-ċimiterju tal-parroċċa u Dar Dun Ġużepp Cauchi. Kmieni wara nofsinhar Mons. Isqof iltaqa' mal-Kunsill Lokali u mar-reliġjużi tal-parroċċa. Iż-żjara pastorali laħqet il-qofol tagħha b'konċelebrazzjoni solenni flimkien mal-kleru li jaħdem f'din il-komunità parrokkjali bis-sehem tal-kor tal-parroċċa. L-aħħar impenn li kellu Mons. Isqof f'din iż-żjara pastorali kien li mexxa l-laqgħa tal-*Lectio Divina* għall-grupp tal-koppji.

*(ikomplu fil-ħarġa li jmiss)*

PMC
. PAUL M. CASSAR .
TOURS
GITI GHAS-SAJF
28 TA' LULJU - 4 T'AWISSU
SCANDINAVIA
***********
18 - 26 T'AWISSU
LOURDES U FATIMA
************
5 - 12 TA' SETTEMBRU
CRUISE
Bookings u dettalji : Paul M. Cassar
San Giorgio-Triq Vajringa-Victoria
Tel.21551004-79021033

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Monument lill-Arċipriet Saverio Cassar*

Quddiem l-għola awtoritajiet ċivili u ekklesjastiċi ta' Għawdex, tfal ta' l-iskejjel u Għawdxin, nhar il-Ġimgħa 3 ta' Frar, filgħodu, il-President ta' Malta l-E.T. Edward Fenech Adami inawgura monument li jfakkar lill-patrijott Għawdxi, l-Arċipriet Saverio Cassar.

Il-monument fi Pjazza Indipendenza, quddiem il-knisja ta' San Ġakbu, twaqqaf f'għeluq il-mitejn sena mill-mewt ta' l-Arċipriet Cassar li fl-1798 mexxa lill-Għawdxin kontra l-qawwiet ta' Napuljun Bonaparti. Huwa kien ġie maħtur bħala kap tal-Gvern f'Għawdex meta għal sentejn sħaħ il-gżira Għawdxija kienet amministrattivament maqtugħa minn Malta peress li Malta kienet għadha taħt il-ħakma tal-Franċiżi.

Saru kelmtejn ta' l-okkażjoni kemm mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono kif ukoll mill-President ta' Malta, l-E.T. Dr Edward Fenech Adami.

Id-diskors kommemorattiv sar minn Mons. Dr Joe Bezzina filwaqt li s-Sur Anton F. Attard qara saffika dwar l-Arċipriet Cassar u l-ħidma tiegħu. Kor magħmul minn tfal mill-iskejjel primarji ta' Għawdex taw timbru kontemporanju lil din il-ġrajja u bil-kant tagħhom animaw iċ-ċerimonja.

Il-monument sar fuq disinn ta' George Vella u jinkludi bust ta' l-Arċipriet Cassar u plakka li turi l-Kapitulazzjoni tal-Franċiżi f'Għawdex, li ġew skolpiti mill-Kav. Michael Camilleri Cauchi u fonduti fil-bronż fil-fonderija ta' Joe Chetcuti.

Fi tmiem iċ-ċerimonja, il-monument ġie imbierek mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. F'kelmtejn ta' l-okkażjoni, Mons Isqof qal li jħossu kburi li l-ewwel ċerimonja ċivili li kien qed jattendi uffiċjalment kienet propjament din li tfakkar ir-rwol li kellu saċerdot bħalu biex jgħin lil ħutu l-bnedmin mhux biss f'dak li huwa spiritwali imma wkoll f'dak soċjali.







*Ritratti: Waqt iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-Monument f'ġieħ l-Arċipriet Saverio Cassar.*

## *Tħawwil tas-Siġra ta' l-Għargħar*

Masġar żgħir tas-Siġra ta' l-Għargħar tħawwel minn tfal ta' l-iskola f'Għawdex fi skema sponsorjata mill-'APS Bank' biex tinkoraġġixxi t-tħawwil ta' din l-ispeċi ta' siġra, li hi s-siġra nazzjonali ta' Malta.

Għalkemm *Tetraclinis articulata*, s-Siġra ta' l-Għargħar, hi s-siġra nazzjonali ta' Malta, din hi rari mhux ħażin fil-gżejjer Maltin. Tant hu hekk li sa xi 10 snin ilu f'Għawdex kien hemm siġra waħda biss qed tikber.

Is-Sur Lawrence Scicluna, maniġer tal-fergħa ta' *APS Bank* f'Għawdex, qal li l-bank hu kburi li qed igħin l-iskema finanzjarjament u li hu assoċjat magħha, bl-intenzjoni mhux biss li s-siġra tiġi salvata għal min ġej warajna, iżda ukoll biex kulħadd isir iżjed konxju ta' l-ambjent ħadrani madwarna.



*Ritratt: Waqt iċ-ċerimonja ta' tħawwil tas-siġra ta' għargħar*

Il-masġar żgħir ta' 20 Siġra ta' l-Għargħar ġie mħawwel fid-19 ta' Jannar fiċ-Ċentru għall-Ambjent Dar il-Lunzjata, f'Kerċem, waqt programm ta' attivitajiet organizzat mill-i*School Arbor Committee* għall-Ġimgħa Nazzjonali tal-Masġar, li saret bejn il-15-21 ta' Jannar, bil-Jum Nazzjonali tas-Siġar fis-16 ta' Jannar.

Iċ-ċentru Dar il-Lunzjata hu l-faċilità tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni f'Għawdex, u hu wżat mill-istudenti Għawdxin kollha, inklużi studenti ta' l-iskejjel tal-Knisja.

L-i*School Arbor Committee* jirrikmanda li l-iskejjel għandhom iħawlu u jkollhom tlett siġriet ta' l-għargħar fuq l-art tagħhom. Dan jiżgura fertilizzazzjoni u għadd sew ta' żerriegħa kull sena, li mbagħad ikunu jistgħu jinġabru mill-istudenti fil-bidu tas-sena skolastika, ħalli jinżergħu. Xitel tas-Siġra ta' l-Għargħar jibdew ikollhom iż-żerriegħa minn sentejn sa erba' snin wara li jixxettlu, iżda jrid ikun hemm iżjed minn siġra waħda fuq il-post. Nittamaw li joktru madwar Għawdex kollu.

# *Mons. Isqof Mario Grech jirringrazzja lill-Media għas-servizzi tagħhom. Festa ta' San Franġisk de Sales, Patrun tal-Ġurnalisti Kattoliċi*

Fl-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk De Sales patrun tal-ġurnalisti, nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar, filgħaxija, fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, fi Triq Palma, ir-Rabat, Għawdex, Mons. Isqof Mario Grech mexxa quddiesa kkonċelebrata għall-ġurnalisti u dawk li jaħdmu fil-*media*.

Il-qari tal-quddiesa sar minn Charles Spiteri, president tal-Għaqda Ġurnalisti Għawdxin, waqt li t-Talba tal-Fidili nqrat mill-Kavallier Joe M. Attard, Segretarju ta' l-istess Għaqda Gurnalisti. L-Evanġelju nqara mill-Uffiċjal Medja ta' l-istess Għaqda, Dun Ġorġ Mercieca. Fost dawk li kkonċelebraw ma' Mons. Isqof kien hemm l-Editur tar-Rivista "il-Ħajja f'Għawdex" Dun Ruben Micallef; l-Uffiċjal Stampa tal-Kurja Djoċesana, il-Kanonku Anthony Refalo; Dun Eddie Zammit, Mons. Carmelo Scicluna u Mons. Gwann Dimech.

Fid-diskors tiegħu ta' l-okkażjoni, Mons. Isqof Grech, beda billi wera l-gratitudni tiegħu u tad-Djoċesi Għawdxija għall-ħidma tant siewja li wettqu l-ġurnalisti f'dawn il-ġranet.

"F'din l-ewwel laqgħa tiegħi magħkom il-ġurnalisti nixtieq f'ismi u f'isem id-Djoċesi nesprimi r-radd ta' ħajr lejn il-*Media* kollha għall-koperazzjoni li sibna f'dawn il-ġranet tal-bidu tal-ministeru ta' l-episkopat tiegħi. Intom tafu bħali li kien hemm ħafna li ġew u pparteċipaw fil-quddiesa tal-konsagrazzjoni tiegħi imma kien hemm ħafna iktar nies illi segwew dan kollu bit-televiżjoni, bix-xandir dirett tar-*radio* u bl-internett. Kien hemm ħafna li segwew il-konsagrazzjoni tiegħi fuq dawn il-mezzi, u li ċempluli u qaluli li ħassew magħna l-ferħ li ġarrabna aħna li konna preżenti. U dan kollu huwa attribwit għall-kontribut li tatna l-*media* lokali. U għalhekk jekk intom preżenti qegħdin tirrappreżentaw xi enti partikulari, ippermettuli nitlobkom sabiex tikkomunikaw magħhom u tgħidulhom li Mons. Isqof u d-Djoċesi ta' Għawdex huma grati ħafna lejhom. Jien inrodd ħajr ukoll lil *media* li ma setgħux ikunu preżenti għal din il-quddiesa tal-ġurnalisti.

'Il-kelma ta' Alla li qrajna l-lejla qaltilna li David tellgħa l-arka ta' Alla mid-dar ta' Obed-edom għad-dar ta' David. L-arka tpoġġiet f'post prinċipali fit-tempju ta' Alla u l-Lhud kellhom il-fidi li fl-arka kien hemm il-preżenza ta' Alla. David ikkontribwixxa mhux biss biex tellgħa l-arka tal-patt minn post għal ieħor imma biex għamel il-preżenza ta' Alla iktar evidenti fil-belt ta' Ġerusalemm li huwa bena.

Jiena naħseb li l-missjoni tagħna ta' ġurnalisti kattoliċi mhijiex biss li nirrapportaw dwar il-ġrajjiet kurrenti bħalma huma l-isports, il-kultura, ix-xjenza u materji oħra imma li f'dawn ir-realtajiet temporali aħna nagħmlu evidenti l-preżenza ta' Alla.











*Ritratti: Mumenti ħajjin waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Franġisk de Sales.*

Alla mhuwiex preżenti biss fil-Knisja, fit-tabernaklu u fl-azzjoni tal-Knisja jiġifieri fis-sagramenti imma huwa preżenti b'ħafna modi oħra fid-dinja ta' llum. Jibqa' fatt li l-preżenza ta' Alla mhijiex daqshekk ovvja għax mhux kulħadd jinduna, jaqra jew jindividwa din il-preżenza tiegħu. Allura huwa dmir tagħna li bil-professjoni tagħna ngħinu biex il-preżenza ta' Alla tiġi iktar evidenzjata. Per eżempju jekk qegħdin nitkellmu mid-dinja politika, jien nixtieq nara ġurnalisti kattoliċi impenjati li mhux biss jirrapportaw dak li ġara imma illi jaqraw l-esperjenza ta' Alla f'kull ġrajja li sseħħ madwarhom. Fejn hemm azzjoni li ġġib l-għaqda, hemmhekk hemm Alla. Fejn hemm attività illi tippromwovi dak li huwa sabiħ hemmhekk hemm Alla. Fejn hemm aħbar li turi xi ħaġa pożittiva fil-ħajja tal-bniedem, tal-familja u tas-soċjetà hemmhekk hemm Alla. Meta jien nikkomunika aħbarijiet bħal dawn jien m'iniex biss qiegħed nagħmel xogħol ta' ġurnalist imma fuq kollox xogħol ta' ġurnalist kattoliku u bħalma għamel David li ttrasferixxa l-arka ta' Alla , jien inkun qed nitrasferixxi dik l-esperjenza t'Alla għal fuq l-immaġni trasmessa.



*Ritratt: Mons. Isqof f'ritratt ta' l-okkażjoni mal-Grupp ta' Ġurnalisti u kittieba, preżenti għall-quddiesa.*

Meta David ġarr l-arka minn post għal ieħor kien hemm esperjenza ta' ferħ u komunjoni tant li l-iskrittura tgħid li kien hemm daqq ta' trombi u huwa qassam ftira u ċappa żbib lil dawk li kienu preżenti. Liema huwa dak il-ġurnalist li ma jixtieqx li jkun hemm dan il-ferħ u l-ispirtu ta' altruwiżmu li intwera meta David qassam l-ikel lill-poplu biex jagħmel festa? Jien nixtieq li fostna jkun hemm dan l-ispirtu u nemmen li l-iskop tal-ġurnaliżmu mhuwiex li jġib il-firda, l-inkwiet u l-ġlied imma li joħloq l-armonija fostna u madwarna".

Wara l-quddiesa Mons. Isqof iltaqa' mall-membri ta' l-Għaqda Ġurnalisti Għawdxin li kienu preżenti ukoll għall-quddiesa.

## Timbru Speċjali li jfakkar il-Konsagrazzjoni u l-Ingress ta' l-E.T. Mons. Mario Grech






Il-Maltapost PLC, b'tifkira tal-Konsagrazzjoni u l-Ingress Sollenni ta' l-E.T. Mons. Mario Grech bħala Isqof ta' Għawdex, ħarġet timbru speċjali, il-Ħadd, 22 ta' Jannar , mill-Mużew ta' l-Arkeoloġija, iċ-Ċittadella ta' Għawdex.

Għal din l-okkazjoni, il-Kurja ta' l-Isqof ta' Għawdex, b'kollaborazzjoni mal-*Gozo Philatelic Society*, ippubblikat kartolina kommemorattiva li fuqha tqiegħed dan it-timbru. Il-kartolina, turi l-Konsagrazzjoni ta' San Publiju bħala Isqof minn San Pawl Appostlu, disinn magħmul għal din l-okkażjoni mill-Kavallier Paul Camilleri Cauchi. It-timbru ġie ddisinjat mis-Sur Anthony Grech, membru tal-*Gozo Philatelic Society*.

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Jannar, waqt il-Festa Familja, li saret fil-Kumpless Sportiv ta' Għawdex, is-sur Anton Said, president tal-*Gozo Philatelic Society* flimkien mas-sur Anthony Grech ippreżentaw kopja ta' dan it-Timbru fuq *scroll* impitter bl-idejn flimkien mall-kartolina lill-E.T. Mons. Mario Grech.

Dawk kollha li jixtiequ jakkwistaw din il-kartolina kommemorattiva flimkien mat-timbru jistgħu jiktbu lil: *Gozo Philatelic Society*, P.O.Box 10, Victoria, Gozo, jew iċemplu 21553338.

*Ritratti: 1) Waqt il-preżentazzjoni tal-parċmina (scroll) lill-Mons. Isqof Mario Grech. 2) Il-kartolina kommemorattiva.*

## Żjara lill-Iskola tal-Konservatorju



Mons. Isqof Nikol Cauchi, nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Jannar, għamel żjara fil-Konservatorju ta' l-Isqof, fir-Rabat, Għawdex fejn mhux biss qaddes għat-tfal ta' l-iskola imma talli qassam ukoll kopja tal-Ġdid Testment lil dawk it-tfal li qegħdin jitħejjew għall-Griżma ta' l-Isqof.

Bħala rikonoxximent għall-ħidmietu, b'mod speċjali għall-iskejjel tal-Knisja, Mons. Isqof Nikol Cauchi, ġie ppreżentat b'rigal.

*Ritratt: Mons. Isqof Nikol Cauchi jidher flimkien ma' wħud mill-istudenti li jattendu l-iskola sekondarja tal-Konservastorju.*

## L-ITS jipparteċipa fi proġett Comenius barra minn Malta



*Ritratt: F'Ercolano, ħdejn Napli, fl-Italja. Edwin Borg, il-persuna responsabbli mill-Istitut ta' Studji Turistiċi (ITS) f'Għawdex, jidher bilqiegħda, it-tieni mil-lemin.*

Rappreżentanti taċ-Ċentru ta' l-Istitut ta' Studji Turistiċi (ITS) tal-Qala, bejn il-11 u s-17 ta' Jannar, attendew sessjoni ntermedjarja f'Ercolano l-Italja, attività li ġiet organizzata mill-*Istituto Superiore A Tilgher*, bħala parti mill-proġett *Comenius* intitolat "Preservazzjoni tal-valuri kulturali permezz ta' edukazzjoni turistika".

Din it-tieni attività ssegwi l-attività preċedenti f'Antalya t-Turkija bejn is-7 u l-14 ta' Novembru, 2005, li ġiet organizzata mill-istituzzjoni li kkordinat il-proġett, Antalya Koleji, u li fiha ħadu sehem studenti u għalliema miċ-Ċentru ta' l-ITS Qala, l-*Istituto Superiore A Tilgher* (Italja), u l-*Istituto Santiago Hernandez* minn Zaragoza (Spanja). Fit-Turkija ġew organizzati żjajjar edukattivi u kulturali kif ukoll *workshops* immirati lejn l-identifikazzjoni ta' differenzi bejn il-prodott turistiku "standard" u l-prodott ideali, ibbażat fuq il-valuri kulturali, tradizzjonali u ambjentali tal-lokalità.

Is-sessjoni ta' l-Italja kienet tinkludi laqgħat u diskussjonijiet dwar il-ħidma li saret s'issa u ffukat primarjament fuq it-tieni sena ta' l-implimentazzjoni tal-proġett. L-introduzzjoni tal-parteċipanti minn ITCT Sebastiano Satta ta' Sardinja hija mistennija li tagħti valur ikbar lill-proġett. Il-parteċipanti ttieħdu fuq żjajjar gwidati f'Napli, Caserta, l-iskavi f'Ercolano u l-kosta ta' Amalfi.

It-tielet sessjoni li tinvolvi s-sehem ta' studenti u għalliema ta' l-ITS Qala flimkien ma' l-istituti edukattivi l-oħra se ssir f'Zaragoza fi Spanja f'Mejju.

## Il-150 Anniversarju mill-Ftuħ Uffiċjali ta' l-Iskola Sir Arturo Mercieca

Nhar it-Tlieta 17 ta' Jannar, l-iskola Primarja Sir Arturo Mercieca tar-Rabat, Għawdex, fakkret il-150 anniversarju mill-ftuħ uffiċjali tagħha.

Din l-okkażjoni kommemorattiva li għaliha attendew numru ta' personalitajiet fosthom, Mr. Speaker, is-Sur Anton Tabone, il-Ministru għal Għawdex, is-Sinjura Giovanna Debono, Mons. Isqof Nikol Cauchi, is-Sindku tal-Belt Victoria s-Sinjura Vivienne Galea Pace u oħrajn, fetħet b'ċelebrazzjoni ta' quddiesa ta' radd il-ħajr, minn Mons. Isqof Cauchi, li għamel ukoll kelmtejn ta' l-okkażjoni fuq l-edukazzjoni. Wara l-quddiesa tkanta l-innu ta' l-iskola , versi tal-Kanonku Joe Mejlak u mużika tal-Prof. Joseph Vella. Kantaw it-tfal, akkumpanjati fuq il-pjanu mill-għalliema s-Sinjorina Mariella Spiteri. Wara nqrat il-poezija 'Mid-Djarju ta' l-Iskola tal-Vajringa', tas-Sur Joe W. Psaila miktuba propju għal din l-okkażjoni. Imbagħad diversi tfal ċkejknin kantaw 'Barcarolle' silta mill-Opera 'Tales of Hoffman' ta' Jacques Offenbach. 'Ġewwa l-qalba...' poezija oħra

miktuba mill-Poeta magħruf Għawdxi Dun Gorg Mercieca, inqrat minnu stess. Id-diskors ta' l-okkażjoni sar minn Anton F. Attard, li tkellem fuq l-edukazzjoni f'Għawdex b'referenza speċjali għall-iskola tal-Vajringa.

Wara s-Sinjorina Antoinette Psaila, kap ta' l-iskola għamlet il-messaġġ tagħha ta' l-okkażjoni u mbagħad ippreżentat rigal ta' tifkira lill-ex kapijiet ta' din l-iskola li kienu fost il-mistednin preżenti. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, għamlet id-diskors ta' l-għeluq . Hi tkellmet fuq is-sehem importanti li tat l-iskola matul il-150 li ilha miftuħa. Il-programm kompla fl-intrata prinċipali ta' l-iskola. Hawnhekk tkanta l-Innu ta' Għawdex, versi ta' Ġorġ Pisani u mużika tal-Profs. Joseph Vella. Sar imbagħad il-kxif ta' lapida kommemorattiva mill-Ministru Giovanna Debono. It-tberik sar minn Mons. Isqof Nikol Cauchi, fil-preżenza tal-mistednin distinti u t-tfal ta' l-iskola. Iċ-ċerimonja ġiet fit-tmiem tagħha bil-kant ta' l-innu Malti.



*Ritratt: Mons. Isqof ibierek il-lapida kommemorattiva tal-150 anniversarju mill-ftuħ uffiċjali ta' l-Iskola Primarja Sir Arturo Mercieca.*

## *Mario Caffaro Rore f'wirja fil-gallerija art..e*

Il-gallerija tal-arti *art..e* tal-belt Vittorja, Għawdex qiegħda tistabbilixxi ruħha bħala post fejn isiru esibizzjonijiet ta' kalibru u fejn wieħed jista' jsib u japprezza biċċiet ta' l-arti ta' artisti lokali magħrufin u wkoll artisti barranin li għandhom konnessjonijiet ma' Malta. Infatti, il-wirja li qed tittella' bħalissa u li ser iddum miftuħa sa l-aħħar ta' dan ix-xahar ta' Frar, mit-Tnejn sas-Sibt, bejn id-9.00 ta' filgħodu u nofsinhar, hija ffokata fuq xogħlijiet tal-artist taljan Mario Caffaro Rore (1910 – 2001).

L-isem magħżul għall-wirja hu: "Mario Caffaro Rore Disegno". Fil-wirja qegħdin ikunu esibiti diversi disinni mpittra bis-'sangwin' u li fihom l-artist juri l-kapaċità artistika tiegħu. Mario Caffaro Rore għandu diversi konnessjonijiet kemm ma' Malta kif ukoll ma' Għawdex. Dan l-artist kien intgħażel fis-snin ħamsinijiet biex ipitter il-koppla tal-Katidral tal-Mdina, biċċa xogħol monumentali u li hija apprezzata ħafna. Fis-snin ta' wara, Caffaro Rore kien inkarigat biex ipitter diversi xogħlijiet għall-knisja ta' Stella Maris f'tas-Sliema. Fis-santwarju tal-Madonna ta' Pinu hemm ukoll żewġ pitturi kbar li jżejnu ż-żewġ altari laterali f'din il-knisja unika. Barra minn dan, jeżistu diversi xogħlijiet ta' dan l-artist bravu f'diversi kollezzjonijiet privati lokali.

Internazzjonalment, Mario Caffaro Rore hu magħruf sewwa l-iktar għax-xogħlijiet li wettaq u li jidhru f'diversi knejjes, santwarji u istituzzjonijiet tal-ordni Salesjan. Barra r-ritratt magħruf ħafna ta' San Giovanni Bosco, Mario Caffaro Rore huwa l-artist responsabbli li pitter il-wiċċ magħruf sewwa ta' San Domenico Savio u qaddisin salesjani oħra. Min-naħa l-oħra, Mario Caffaro Rore kien artist komplet u l-versatilità tiegħu tidher sewwa fid-disinni tiegħu. Il-mod kif kien kapaċi jpitter l-atonomija umana u wkoll il-fantasija artistika li kellu huma murija sewwa fil-wirja preżenti. Fil-ktieb tiegħu: "Mario Caffaro Rore – Pittore – Scultore" (1984), l-artist innifsu jgħid meta kien ikun ipitter d-disinni tiegħu huwa kien iħossu liberu għax ma kienx ikun marbut ma ebda suġġett partikolari jew kummissjoni. Minn naħa l-oħra r-riżultat finali ta' dawn id-disinni kien ikun importanti għall-artist daqskemm kienu xogħlijiet oħra iktar kbar fil-kobor u forsi iktar importanti. Mario Caffaro Rore kien bniedem li matul ħajtu qatt ma ħabb il-pubbliċità u kien ifittex is-solitudni. Minħabba f'hekk dan l-artist jibqa' figura kemmxejn mhux magħruf fid-dinja artistika. Min-naħa l-oħra x-xogħlijiet fil-wirja huma xhieda tal-kapaċità artistika ta' dan l-artist.

Il-gallerija *art..e* tinsab fit-Triq il-Librerija, ir-Rabat, Għawdex (ma' ġenb Pjazza Santu Wistin) – tel. 2155 7911; art..e@onvol.net.





*Ritratti: Waqt il-ftuħ tal-Wirja. Fuq: Victor Mangion, Dino Stilon, Maria Cassar u Joe Borg Taħt: Il-Maġistrat Paul Coppini u Ann Monsarrat.*

## *Laqgħa Ġenerali Annwali ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi Għawdxin*

Nhar il-Ġimgħa 13 ta' Jannar, l-Assoċazzjoni ta' l-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi Għawdxin organizzat il-laqgħa Ġenerali Annwali, fis-sala prinċipali tad-Dar Ċentrali ta' l-Azzjoni Kattolika, fir-Rabat, fil-5.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa nfetħet b'diskors mill-president Antoine Vassallo. Inqraw u ġew approvati l-minuti tal-laqgħa annwali kif ukoll dawk amministrattivi. Wara sar diskors qasir mill-ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, li tkellmet dwar is-sehem ta' l-għaqdiet mhux governattivi, li lkoll għandhom element ta' volontarjat qawwi, f'Għawdex. Hija qalet li l-ħidma ta' dawn l-għaqdiet tinfirex fuq l-aspetti soċjali, kulturali, filantropiċi u oħrajn. Il-Ministru Debono qalet li s-sehem ta' dawn l-għaqdiet, permezz ta' l-Assoċjazzjoni, hija importanti mhux biss mil-lat soċjali imma anke f'inizjattivi amministrattivi għal Għawdex.



*Ritratt: Il-Ministru Giovanna Debono tidher tippreżenta ċekk ta' Lm500 lil Etienne Micallef, Segretarju tar-Red Cross, f'Għawdex.*

Fl-aħħar kien imiss li jiġi elett membru ġdid fuq l-imsemmi kunsill minn fost il-kategorija filantropika. Dan wara irriżenja ta' Dun Manwel Cordina. Minn fost tliet nominazzjonijiet, ġie elett il-Profs. Giovann Pace mill-ħbieb tal-Morda u l-Anzjani f'Għawdex. Fi tmiem il-laqgħa ġenerali, il-Ministru Debono qassmet għotjiet lil 91 għaqda għawdxija.



## Midluk Ragħaj biex ikun Qaddej tal-Poplu t'Alla f'Għawdex

# MIN HU L-ISQOF MARIO GRECH

**L-E.T. Mons. Mario Grech** twieled u tgħammed fil-parroċċa tal-Qala Għawdex nhar l-20 ta' Frar 1957. Ta' età żgħira missieru George u ommu Stella ħadu liċ-ċkejken Mario fir-raħal ta' Kerċem. Hemm Mario beda jattendi l-iskola tas-Sorijiet Karmelitani u l-Iskola Primarja ta' Kerċem. Wara li temm l-istudji tiegħu fl-Iskola Sekondarja ta' Victoria, fl-1977 beda l-Kors tal-Filosofija u iktar tard dak tat-Teoloġija fis-Seminarju ta' Għawdex. Wara l-ordinazzjoni tiegħu fil-Katidral t'Għawdex, nhar is-26 ta' Mejju 1984, minn idejn l-Isqof Nikol Cauchi, Dun Mario ntbagħat Ruma fejn kiseb il-Liċenzja fil-Liġi Kanonika u Ċivili fl-Università Pontifiċja tal-Lateran. Fis-snin ta' wara, Dun Mario kiseb ukoll id-Dottorat fil-Liġi Kanonika mill-Università Pontifiċja ta' San Tumas t'Akwinu. Fiż-żmien li dam Ruma, barra mill-ħidma pastorali li wettaq fil-parroċċa ta' l-Assunzjoni fejn kien residenti, Dun Mario ħadem ukoll fil-kamp tal-Liġi Kanonika fit-Tribunali tal-Knisja f'Ruma, kemm fil-Vigarjat kif ukoll fis-*Sacra Romana Rota*. Mar-ritorn tiegħu f'Għawdex hu kien assenjat diversi ħidmiet pastorali fil-Kurja Djoċesana, fejn għal diversi snin kien l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Kurja. Iktar tard, fl-1993 hu nħatar Vigarju Ġudizzjali għat-Tribunal Ekkleżjastiku ta' Għawdex, u fl-istess waqt Imħallef fit-Tribunal tal-Knisja f'Malta. Dun Mario kien imdaħħal ukoll fil-proċess għall-Beatifikazzjoni tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita Debrincat, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani Missjunarji tal-Qalb ta' Ġesù, kif ukoll fil-Proċess għall-Beatifikazzjoni ta' Mons. Ġużeppi de Piro, Fundatur tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Fuq livell djoċesan jibqa' mfakkar is-sehem li ta Dun Mario fit-twaqqif tar-Radju RTK u l-parteċipazzjoni tad-Djoċesi Għawdxija f'din il-kumpanija, kif ukoll fil-bini tal-*Lumen Christi Media Centre*. Dun Mario sab ukoll ħin biex jgħin lill-persuni kkonsagrati permezz tal-ħidma tiegħu fost il-grupp ta' lajċi kkonsagrati "Anawim". Fl-2004, Dun Mario aċċetta li jidħol għat-tmexxija tal-Parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors u San Girgor f'Kerċem, Għawdex. Nhar is-Sibt 26 ta' Novembru 2005, Dun Mario ġie nominat bħala t-tmien Isqof ta' Għawdex mill-Papa Benedittu XVI. Il-Konsagrazzjoni u l-Ingress ta' l-Isqof Mons. Mario Grech saru fil-Katidral ta' Għawdex, il-Ħadd 22 ta' Jannar 2006. Mons. Mario Grech ġie kkonsagrat isqof mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, assistit mill-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, u l-E.T. Mons. Felix del Blanco Prieto, Nunzju Appostoliku ta' Malta.












# L-Istemma Episkopali ta' l-Isqof Mons. Mario Grech

*Riflessjoni Teoloġika u Pastorali minn* ***Mons. Joseph Farrugia***
***Arċipriet, Bażilika San Ġorġ, Victoria***

Lil hemm mill-oriġini araldiċi ta' każati u uffiċċji, l-istemma episkopali tista' tkun mhux biss għelm ta' identifikazzjoni personali jew ta' ġuriżdizzjoni ekkleżjali, imma wkoll illustrazzjoni ta' viżjoni pastorali. Dawn l-għanijiet ta' kull stemma episkopali, li hi tradizzjoni antika li tmur lura lejn tmiem is-seklu 13, jistgħu jgħinu biex tinftiehem sewwa l-istemma li għażel għalih l-isqof il-ġdid ta' Għawdex, l-E.T. Mons. Mario Grech.

Il-persuna ta' l-isqof hi waħda eminentement teoloġika. Infatti r-rwol ta' l-isqof ma jirrigwardjax biss l-uffiċċju u l-ministeru tiegħu, imma jirrigwardja wkoll il-persuna nfisha. L-isqof hu magħżul minn fost il-bnedmin biex, f'isem Kristu, bħala vigarju tiegħu u f'għaqda miegħu, jingħata għall-bnedmin u jgħaqqadhom f'miġemgħa li tkun tabilħaqq il-Ġisem ta' Kristu - "lokali" fir-rigward tat-territorju imma "universali" fir-rilevanza ekumenika u missjunarja.

L-istemma ta' Mons. Grech, magħmula minn Dun Roberto Gauci, hi komposta minn tliet elementi: is-simboli ta' l-istat tiegħu, l-arma proprja u l-motto li għażel għalih.

1. Is-simboli ta' l-istat u l-uffiċċju episkopali huma l-kappell prelatizju fil-lewn aħdar imżejjen b'lazz li jiftaħ fi tnax-il ġummiena (sitta kull naħa) u s-salib proċessjonali li jogħla nofsani u jerfa' l-iskudett proprju. Dawn is-simboli huma komuni għal kull stemma episkopali u jistgħu jkunu magħduda ma' elementi oħra. F'dan ir-rigward, l-Isqof Grech għażel li jkun mill-aktar essenzjali.
2. L-iskudett proprju hu kompost minn tliet taqsimiet orizzontali.
    a) It-taqsima ta' fuq nett tgħaqqad ma' xulxin l-ismijiet Grech u Attard. L-arma ta' Grech tokkupa l-lemin ladarba hu l-kunjom tal-familja li fiha twieled l-isqof, filwaqt li tat-tieni tfakkar fil-familja oriġinarja ta' l-omm u tinsab fuq ix-xellug.

Din l-ewwel taqsima tikkostitwixxi l-karta ta' l-identità umana u soċjali ta' l-isqof, u din mhix bla rilevanza teoloġika: l-isqof infatti hu magħżul minn fost il-bnedmin, tnissel u trabba ġo familja ordinarja bħall-familji ordinarji li flimkien isawru s-soċjetà li fiha ngħixu, għandu personalità kulturali u storja proprja tiegħu, hu preżenza li tappartjeni lis-soċjetà u hi mxebilka mar-realtà umana tagħna.

b) It-tieni taqsima tissokta tħabbar l-identità ta' dan is-saċerdot li ntagħżel bħala isqof ta' Għawdex billi tagħti l-viżjoni teoloġika li minn issa 'l quddiem, b'enfasi akbar, hu xtaq jagħti lill-preżenza tiegħu fostna. Hi viżjoni ewkaristika, kif illustrata minn kompożizzjoni simbolika tal-ħobż u l-ħut imnebbħa mill-ġrajja evanġelika tal-multiplikazzjoni tal-ħobż. L-isqof, fit-tagħlim tal-"Missirijiet" tal-Knisja, fosthom Sant'Injazju ta' Antjokja, jippresjedi l-Ewkaristija u jsir Ewkaristija fi Kristu u flimkien miegħu.

ċ) It-tielet taqsima ta' l-iskudett tikkonsisti f'simboli tat-territorju kanoniku li l-isqof se jippresjedi, it-territorju tal-gżira t'Għawdex. Kull isqof hu mibgħut fost il-bnedmin ta' l-art sabiex ifittixhom bħalma sajjied ifittex il-ħut fil-baħar u biex jaħdem fosthom bħal ragħaj li jmexxi u jirgħa l-merħla tiegħu, u jiġma' d-dixxipli madwaru fuq il-mudell tal-Knisja ta' Ġerusalemm, fit-talb, fit-tagħlim ta' l-appostli u fil-qsim tal-ħobż.

3. L-istemma tikkonkludi ruħha bil-motto magħżul mill-isqof bħala tema ispiratorja ta' l-episkopat tiegħu: *In fractione panis*. Dan il-motto jitfa' l-akbar dawl fuq il-viżjoni pastorali li l-Isqof il-ġdid ta' Għawdex irid jagħti lill-ministeru episkopali tiegħu. Dan il-motto jesprimi x-xewqa ta' l-isqof li, b'fundament teoloġiku mill-aktar profond, jixtieq li jkun ragħaj li jissagrifika ruħu u jingħata bħala ħobż għall-merħla tiegħu.

Il-motto hu mislut mill-ġrajja ta' Għemmaws (Lq 24,35) u l-forma letterarja tiegħu tittrażmetti d-dinamiżmu ta' l-azzjoni ta' l-isqof fil-ġemgħa u flimkien mal-ġemgħa tal-Knisja: fil-qsim tal-ħobż niltaqgħu flimkien fi Kristu... ningħataw bl-għotja tagħna nfusna lil Alla u lil xulxin. Dan iseħħ f'ġemgħa pellegrina magħquda ma' l-isqof tagħha li jippresjiedi l-Ewkaristija u li allura hu l-ewwel wieħed li jingħata b'ħobż maqsum u mqassam. Hawnhekk tidher id-dimensjoni ta' oblazjoni mhux biss f'sens sagramentali imma wkoll soċjali ta' solidarjetà fl-imħabba, ta' *caritas*.

Dan il-motto hu wieħed essenzjalment bibliku u jiżżewweġ sewwa mas-simbolu Paleo-Kristjan ta' l-Ewkaristija li jinsab fil-qalba ta' l-iskudett episkopali. Il-motto, għalhekk, jissokta jenfasizza l-għaqda tad-djoċesi ta' Għawdex mal-Knisja ta' żmien l-appostli u mal-viżjoni tal-Knisja tat-tielet millennju nisrani li kemm il-mibki Ġwanni Pawlu II kif ukoll Beneditti XVI jixtiquh ewkaristiku.

L-istemma episkopali ta' Mons. Grech għandha tabilħaqq il-funzjoni ta' identifikazzjoni personali u ġuriżdizzjoni ekkleżjali, imma fuq kollox ta' illustrazzjoni ta' viżjoni pastorali.

# L-E.T. MONS. MARIO GRECH

## Minn tifel ta' l-iskola sa kappillan

Kitba ta' **Joe Grima, B.A.**

### Dun Mario ta' tfuliti

Lil Dun Mario ili nafu minn qabel iż-żgħożija meta ltqajna flimkien l-iskola sekondarja tar-Rabat. L-iskola ta' Kerċem, ma konniex flimkien għax jien kont iżgħar minnu. Sa l-aħħar tas-sittinijiet biex tmur is-sekondarja kont tagħmel l-eżami minn standard IV, V jew anke VI. F'dak iż-żmien l-ewwel sentejn ta' l-iskola ma kienux jissejħu year 1 u 2 bħal-lum iżda *stage* 1 u 2 u mit-tielet sena 'l fuq konna nsejħulha *standard* 1 u kont tista' tibqa' sejjer sa *standard* 4, 5 jew anke 6 qabel ma tagħmel l-eżami li kienu jsejħulu l-11+ għax normalment daqshekk kien ikollhom snin dawk li kienu jagħmluh.

Minn ta' Kerċem fl-1969 kienu għaddew mill-eżami tal-11+ ħdax-il sabi. Fost dawn kien hemm jien u l-Isqof.

Skond il-marki li wieħed kien iġib fl-eżami tad-dħul wieħed kien jispiċċa jew fl-iskola Sekondarja Teknika jew fil-Liċeo. Jiena u Dun Mario fost l-oħrajn konna spiċċajna fl-istess klassi ta' l-iskola Sekondarja Teknika. Minn hemmhekk imbagħad issieħibna sew flimkien għal tul il-ħames snin ta' l-iskola.

Wara l-ewwel sena tas-sekondarja ridna nagħmlu l-għażla ta' dawk is-suġġetti akkademiċi mhux obbligatorji biex nibqgħu nistudjawhom sal-ħames sena. Meta bdejna t-tieni sena tas-sekondarja li issa kienet il-Liċeo, peress illi l-iskola Sekondarja Teknika kienet giet assorbita fil-Liċeo, jiena u Mons Grech spiċċajna fl-istess klassi għax it-tnejn li aħna la għażilna x-xjenzi, lanqas is-suġġetti kummerċjali iżda morna għad-dixxiplina ta' l-arti. Fil-fatt it-tnejn li aħna għażilna l-Latin u l-Ġografija u flok l-istorja l-Isqof għażel il-Mużika. Min jaf lil Dun Mario u lil ħuh Carmelo li hu *Maestro di Cappella* fil-knisja ta' Kerċem żgur li ma jiskantax kif Dun Mario minn bikri beda jitħarreġ fl-arti mużikali.

### Il-karattru ta' Dun Mario

Għall-età li kellna, Dun Mario kien l-iktar student matur fil-klassi. Aħna sħabu tal-klassi ntbaħna b'dan, forsi bi ftit għajnuna mill-għalliema ukoll, u mill-ewwel sena ta' l-iskola sekondarja għażilnieh prefett tal-klassi. Il-mod kif kien jikkontrolla l-klassi bejn lezzjoni u oħra kien wieħed eċċellenti. Fil-pożizzjoni li kellu la qatt abbuża mis-setgħa billi jaġevola lil xi ħadd minn taċ-ċirku ta' ħbieb tiegħu fosthom jiena, la qatt ddiskrimina ma' ħadd u jekk kien iħoss il-bżonn li jikteb lil xi ħadd fuq il-*blackboard* wara li jkun wissieh minn jaf kemm-il darba kien jagħmilha. Il-ħniena tiegħu wrieha kemm-il darba u mhux darba jew tnejn malli l-għalliem kien ikun ħa jitfaċċa fil-bieb kien iħassar l-isem ta' l-istudent miktub. Però jekk kont tipprova tabbuża mill-ħniena tiegħu ma kienx jaċċetta u għalkemm niftakar li lili stess darba ħallieli ismi miktub – u kien ħaqqni – daħal l-għalliem fil-klassi u dan l-għalliem tani biċċa xogħol barranija li kienet tikkonsisti filli mill-enċiklopedija nikteb biċċa fuq l-għerien Altamira.

Però dik kienet l-ewwel u l-aħħar *copy* li ħadt kemm domt skola. Prova ċara ta' kemm kif igħid il-Malti, "s-sawt ħareġ mill-ġenna u min iduqu jitħenna." Bil-maqlub meta wieħed joqgħod jagħlaq għajnejh u ma jikkoreġix ikun jagħmel ħsara u deni lil min ikun jonqos b'xi mod jew ieħor.

L-imġiba tiegħu wkoll kienet eżemplari ħafna. Nista' ngħid li kien student serju, ta' l-affari tiegħu u jirrispetta ħafna lis-superjuri tiegħu. Dejjem kien b'seba' għajnejn biex lis-superjuri u lil sħabu ma jonqoshom f'xejn. Niftakar darba meta konna l-ħames sena l-Liċeo, jiena u hu wasalna xi ftit tard l-iskola għax ix-xarabank damet ma wasslitna. Il-kap ta' l-iskola dak inhar kien Mons. Anton Gauci, il-lum Dekan tal-Kapitlu tal-Katidral. Ngħid għalina, aħna konna nibżgħu minnu daqs il-bard għax fejn kienet tidħol dixxiplina ma kontx ħa tilagħblu.

Kif wasalna u konna ħa nifthu l-bieb qalbna bdiet tħabbat sitta sitta. Lil Mario kont intfajtlu lura ħa jidħol hu l-ewwel. Fis-sala ta' quddiem ma rajna 'l ħadd, bqajna deħlin, u kif ġejna ħa niksru fuq il-lemin u nibdew mexjin tul il-kuritur mingħalina ħadd ma ntebaħ bina, qisna ħadna r-ruħ. Fil-pront tinfetaħ it-tieqa ta' l-uffiċċju tas-surmast li kienet tagħti għall-bitħa u minn fejn seta' jarana, smajna żewġ tektikiet mal-ħġieġa u l-leħen sod u tal-biża' tal-



*Mario Grech student fil-Form IIB tal-Liċeo t'Għawdex qed jirċievi l-Miss Montimer Prize. Il-premju "Miss Montimer" mogħti lil min juri ħiliet fit-tmexxija, diliġenza u kwalitajiet oħra.*

Mons igħajjat: "*boys*, intom it-tnejn, ħdejja fl-uffiċċju." Aħna anqas issograjna nerfgħu rasna mill-art, demmna kesaħ u bħal kelb marbut b'denbu bejn saqajh, tlaqna għall-uffiċċju tas-surmast. Mario, waqt li konna sejrin l-uffiċċju qalli nitolbuh skuża u nispjegawlu li aħna ma kellniex tort. Kif wasalna fil-bieb is-surmast berraq waħda għajnejh lejna minn taħt in-nuċċali, kemmex moħħu, qaleb rasu kemmxejn 'il quddiem biex juri d-diżapprovazzjoni u staqsa x'kienet il-biċċa. Mario pront, pront, talbu skuża u wieġbu li ddawwarna għax damet ma wasslitna x-xarabank. "Morru," qalilna u waqt li ħares ċass lejn Mario u mbagħad lejja qalilna, "Qis li ma tkunx darba oħra." Kif qbiżna mill-bieb 'il barra morna b'pass mgħaġġel għall-klassi.

Il-ħames sena tal-Liċeo jiena u Mario konna fuq żewġ imwejjed ħdejn xulxin, fl-ewwel ringiela, eżatt quddiem il-mejda ta' l-għalliem li kienet tkun fuq bradella. Dik is-sena kull min kien ħa jkompli kien jaħdem b'ilsienu barra. Mill-klassi tagħna kellna min laħaq għalliem, minn daħal fil-ġurnaliżmu, min taha għan-negozju, min il-bank, min laħaq tabib, min fis-servizz ċivili, min kellu l-vokazzjoni u laħaq qassis u min laħaq il-milja tas-saċerdozju u sar Isqof kif propju huwa l-każ ta' l-E. T. Mons. Mario Grech.

## Il-ħajja ta' Mario waqt il- ħin ħieles fl – iskola.

Meta aħna konna l-iskola kellna l-brejk ta' nofsinhar ta' iżjed minn siegħa. Għalhekk l-iskola kienu jiġu organizzati attivitajiet *extra*-kurrikulari. Mario kien dilettant ħafna tal-fotografija kif ukoll tad-drama u l-mużika. Barra minhekk kellu wkoll laqgħat li minn żmien għal żmien kienu jsiru għall-prefetti. Hu għamel xi żmien ukoll kap tagħhom u membru tal-kunsill ta' l- istudenti. Għalkemm hemmhekk jien qatt ma kont imdaħħal, però l-impressjoni tiegħi kienet li hu kien jagħti servizz impekkabbli u kien jirnexxilu jżomm l-aqwa rapport ma' sħabu, mal-*form teachers* kif ukoll mal-kap ta' l-iskola.

Ħaġa oħra li Mario kellu flimkien ma' xi oħrajn li tgħoddhom fuq is-swaba' t'idek waħda, hi r-rażna f'ilsienu. Kelma waħda ħażina jew baxxa jien minn fommu qatt ma smajt, lanqas kontra sħabu u meta xi ħadd igħid xi ċajta mhix xierqa kien juri li ma japprovax.

## Il-Palk

It-tnejn li aħna l-palk konna nikluh. Mario minn bikri kellu xeħta għall-palk u kull parti li kien jinterpreta kien iqaxxarha. Jidhirli li kemm-il darba ngħata l-premju ta' l-aħjar attur. Ħafna drabi ġieli ħadem anke ma' atturi stabbiliti. Fir-raħal aħna kellna l-Kerċem *Drama Circle* li magħhom ħadem ħafna fuq il-palk. Kellna ukoll l organu l-Ballut u Mario kien ukoll kontributur tiegħu.

## Fil-Knisja

Minn meta kien għadu żgħir Mario kien igħix viċin il-knisja u qeda dmiru fil-knisja. Kien abbati u kull nhar ta' Sibt kien joħroġ bil-qoffina jagħmel ir-rakkolta tal-bajda mill-knisja 'l fuq. Kien iħabbat bieb bieb b'ħeffa ħalli kif jeħles dan il-qadi jinġabar id-dar għall-istudju.

Nhar ta' Ħadd imbagħad fl-għasar konna niltaqgħu flimkien il-knisja fejn wara l-kant kienet issir l-ispjega tal-katekiżmu. Jiena ma kontx abbati u għalkemm kont inkun bilqiegħda fuq is-siġġu ħdejn missieri u hu fil-kor xorta ta' tfal moħħ ir-riħ li konna kien jirnexxilna nikkomunikaw ma' xulxin bis-sinjali.

## Fl-Għaqdiet

L – isqof kien membru attiv fl-għaqdiet ta' l-appostolat tal-lajċi. F' dak iż - żmien ħafna ġuvnotti mill – parroċċa ta' Kerċem kienu membri tal- Leġjun ta' Marija. Mons. Rużar Borġ kien direttur spiritwali tagħna u kien ħalla impatt kbir fuqna. Jien personalment inħossni obbligat ħafna lejh.

## Fix-xogħol tad-dar

Bħala studenti tal-Liċeo kien ikollna ħafna xogħol id-dar. Jiena u l-isqof ħdimna ħafna flimkien u mhux darba jew tnejn spiċċajna d-dar ta' xulxin nistaqsu 'l xulxin u niċċaraw flimkien xi diffikultajiet tat-tagħlim li seta' kellna.

## Wara s-sekondarja

Għalkemm it-tnejn bqajna ngħixu fl-istess raħal imbagħad wasal mument meta t-toroq li għażilna ma baqgħux l-istess. It-tnejn iddeċidejna li nkomplu nistudjaw. Però l-E. T. daħal is-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù fejn hemmhekk beda l-kors tas-saċerdozju. Jiena Malta kważi ġimgħa sħiħa u hu Għawdex. Għalhekk rari konna niltaqgħu. Wara li l-E. T. temm ukoll l-istudju u x-xogħol pastorali tiegħu bħala saċerdot barra meta ġie lura fostna erġajna bdejna niltaqgħu waqt ħidma li konna nagħmlu f'xi għaqdiet tal-parroċċa ta' Kerċem. Bħala saċerdot imbagħad żied ix-xogħol pastorali f'Ta' Kerċem meta sar Kappillan fejn baqa' sa qabel ġie kkonsagrat Isqof fit-22 ta' Jannar 2006.

Xerri l-Bukkett

Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 21553500

# MINN DUN GĦAL ISQOF



*Kummentarju minn* ***Frederick Azzopardi, M.P.***

Dun Mario ilkoll nafuh bħala bniedem dħuli, sinċier u ta' kelma soda. Matul il-ħidma tiegħu ta' saċerdot dejjem inqeda b'dawn il-kwalitajiet naturali tiegħu biex jiggwida u jdawwal lil dawk li kienu jiltaqgħu miegħu. Ħafna Għawdxin jiftakruh għal ħafna snin bhala konfessur fis-Santwarju ta' Pinu, fejn diversi kienu jinqdew bis-servizz tiegħu.

Oħrajn huma midħla tiegħu fil-Knisja Katidrali fejn kien jagħti regolarment is-servizz tiegħu. Kulħadd jgħidlek li fih kienu jaraw qassis sempliċi, imma fl-istess waqt għaref u kapaċi jagħti kelma tajba lil kulħadd.

Il-ħidma tiegħu ta' kappillan ta' Kerċem f'din l-aħħar sena, kompliet poġġietu f'kuntatt mal-poplu ta' dak ir-raħal. Għalkemm hu residenti f'Kerċem u midħla sewwa tan-nies ta' dak il-lokal, imma fil-ħidma tiegħu bħala kappillan in-nies kompliet rat fih bniedem ta' kapaċità u dedikazzjoni.

Ma kienx jitlef okkażjoni biex jiltaqa' man-nies, jitħallat magħhom, jismagħhom, iżurhom u jgħinhom. Bħala kappillan kellu għal qalbu ħafna dan il-kuntatt personali u n-nies tgħidlek li kompliet tinġibed lejh aktar minn qatt qabel.

Qatt ma ddejjaq joħroġ fit-triq u r-residenti jgħidulek li mhux l-ewwel darba li ħareġ personalment jistieden lin-nies għal xi priedka jew inkella biex jgħidu r-rużarju flimkien fuq bankina.

Dun Mario għandu għal qalbu ħafna l-familji. Il-ħidma tiegħu fit-tribunal tal-Knisja ħafna drabi laqqgħetu ma' problemi fil-familji u forsi din hi r-raġuni li fil-ħidma tiegħu dejjem enfasizza l-bżonn li l-Knisja tilħaq il-familji b'kull mezz.

Ta'spiss bħala kappillan kien iżur id-djar u l-familji, jitkellem magħhom, jaqsam magħhom il-ferħ u xi drabi wkoll in-niket u t-tbatija li tagħti l-ħajja. Minn dan l-aspett dejjem kien attent għall-morda u l-anzjani u ta' spiss kien iżurhom fi djarhom u fl-isptar.

Bħala kappillan ried li jagħti importanza lill-familji, għax kif kien jgħid ta' spiss 'il-familji huma knejjes żgħar'. Għandu wkoll għal qalbu ħafna qari u l-istudju, u din il-preparazzjoni tidher fil-kelma soda tiegħu fl-omeliji. Għandu l-ħila li meta jitkellem iżommok attent u kapaċi jagħti messaġġ rilevanti għal żmienna. Il-kapaċitajiet intellettwali tiegħu, dejjem kien ukoll kapaċi jinżel għall-livell tan-nies u jitkellem magħhom b'mod li jifhmuh. Hekk l-għerf tiegħu hu kapaċi jwasslu lil kulħadd anki lil dak l-aktar sempliċi. Fi kliem San Girgor il-Kbir li għalih hi ddedikata l-parroċċa ta' Kerċem hu 'għaref mal-għorrief u sempliċi maż-żgħar.' Fuq kollox, Dun Mario hu bniedem sinċier, bniedem li dejjem fittex il-verità u li jagħmel dak li hu sewwa.

Iżda dan jagħmlu b'attenzjoni biex ma jweġġa' lil ħadd. Dawk li huma qrib tiegħu dejjem stqarrew li fil-ħidma tiegħu hu bniedem li jieħu l-parir ta'kulħadd, kapaċi jisma' l-ideat u jikkonsulta. Fil-fatt bħala Isqof diġà smajnieh jgħid li beħsiebu jaħdem f'għaqda sħiħa ma'sħabu s-saċerdoti. Il-kariga ta' Isqof ta' Għawdex, lil Dun Mario ma firditux min-nies, iżda diġà jidher li l-ħidma l-ġdida tiegħu qed tpoġġih aktar f'kuntatt mal-poplu. Dan deher diġà f'xi żjajjar li għamel però dan l-aħħar, fejn wara ċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija, rajnieh jinżel qalb in-nies, bit-tbissima fuq wiċċu, ħerqan li juri lil kulħadd li hu qiegħed hemm għan-nies.

Għalkemm issa Isqof, Dun Mario jidher li beħsiebu jibqa' dak il-bniedem dħuli u sinċier kif dejjem kien. Ħaġa li laqtitna ħafna hu li jħobb jindirizza lilu nnifsu bħala 'Isqof għall-ġid tagħkom'. Imma żgur li kwalità kbira ta' Dun Mario hi li hu konvint u juri li verament jemmen f'dak li jagħmel. Ħafna drabi smajnieh jisħaq fuq il-ħtieġa tat-talb, fuq relazzjoni serja ma'Alla. Smajnieh ukoll dan l-aħħar jistqarr li kull ħidma trid titlaq mis-smigħ tar-rieda ta'Alla. U jekk Dun Mario hu mżejjen b'ħafna doni naturali, imma żgur li l-ispiritwalità tiegħu tagħmlu dak li verament għandu jkun ragħaj li jqaddes il-poplu Għawdxi.




**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**





Mons. Mikiel Buttigieg (1793 - 1866)



Mons. Anton Grech Delicata (1722 - 1876)

# Is-Seba' Isqfijiet TA' GĦAWDEX

Kitba ta' Mons. Joseph Bezzina

Il-Beatu Papa Piju IX waqqaf id-djoċesi ta' Għawdex bil-Bolla *Singulari Amore* – B'imħabba liema bħalha, nhar is-16 ta' Settembru, 1864.

Nhar it-22 ta' Settembru, ħatar lill-isqof awżiljarju **Mikiel Buttigieg** bħala l-ewwel isqof ta' Għawdex. Buttigieg kien inħatar isqof awżiljarju mill-istess Papa f'Marzu 1863. Twieled il-Qala, dak iż-żmien fil-parroċċa tan-Nadur, fit-3 ta' Novembru, 1793. Ta sehem kbir fit-twaqqif tad-djoċesi ta' Għawdex. Wara li sar isqof ħadem ħafna għat-twaqqif tas-Seminarju ta' Għawdex. Id-dar tiegħu li kienet fl-inħawi tal-parroċċa ta' San Ġorġ serviet bħala kurja u bħala residenza ta' l-isqfijiet sas-sena 1880. Miet fit-12 ta' Lulju, 1866. Bejn il-mewt ta' Buttigieg u l-ħatra ta' warajh, id-djoċesi tmexxiet mill-isqof Agostinjan Pawlu Micallef bħala amministratur appostoliku.

It-tieni isqof ta' Għawdex kien **Antonio Grech-Delicata** dei Marchesi Testaferrata-Cassia, imwieled il-Belt Valletta fil-21 ta' Frar, 1822. Inħatar isqof ta' Għawdex fl-24 ta' Settembru, 1868. Is-sena ta' wara hu mexxa dik li ċertament hi l-iktar vista pastorali li qatt saret fid-djoċesi sa issa. Beda riforma kbira, iżda miet qasir il-għomor fil-31 ta' Diċembru, 1876.

Il-għażla tat-tielet isqof kienet waħda naturali. Nhar it-12 ta' Marzu, 1877, il-Papa Piju IX ħatar lil Dun **Pietru Pace**, il-bniedem li tant kien tħabat biex titwaqqaf id-djoċesi bħala t-tielet isqof. Imwieled ir-Rabat, Għawdex, fid-9 ta' April, 1831, l-isqof Pace kien l-id il-leminja taż-żewġ isqfijiet ta' qablu. Fl-1880 ta l-approvazzjoni lil Dun Ġużepp Diacono u Madre Margerita De Brincat biex iwaqqfu l-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. F'Novembru 1882, ħallas għat-twaqqif ta' Uffiċċju Meteoroloġiku fis-Seminarju. F'April 1885, waqqaf *Il Propugnatore*, l-ewwel ġurnal ta' Għawdex. Ħadem bis-sħiħ biex beda servizz regolari minn Għawdex għal Malta permezz ta' vapuri bl-istim f'Ġunju 1885. Ta l-approvazzjoni għall-manifestazzjoni tal-Madonna ġewwa l-kappella Ta' Pinu, limiti ta' Għammar fl-1886. Ta bidu għal salt inizjattivi oħra sakemm fi Frar 1889 kien trasferit minn Għawdex u laħaq arċisqof ta' Malta.

Nhar il-11 ta' Frar, 1889, il-Papa Ljun XIII ħatar lil **Ġwanni-Marija Camilleri** bħala r-raba isqof ta'


Mons. Pietru Pace (1831 - 1914)


Mons. Giov. M. Camilleri (1843 - 1925)

Għawdex. Kien imwieled il-Belt Valletta, fil 15 ta' Marzu, 1843, u meta kiber ingħaqad mal-patrijiet Agostinjani. L-episkopat tiegħu hu marbut intimament mal-iżvilupp tad-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu u l-bini tas-Santwarju ddedikat lilha – biċċa xogħol li swietlu l-għaraq tad-demm. F'Ottubru 1903, laqqa' l-ewwel Sinodu ta' Għawdex, l-ewwel wieħed li kien sar fil-gżejjer Maltin mis-sena 1703. F'Ottubru 1903, hu għadda t-tmexxija tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù minn idejn il-patrijiet Ġiżwiti għal idejn il-kleru djoċesan. Irriżenja minn isqof ta' Għawdex minħabba saħħtu fl-20 ta' Jannar, 1924, wara li kien ilu jmexxi d-djoċesi ħamsa u tletin sena.

Nhar it-13 ta' Gunju, 1924, Professur Dun **Mikiel Gonzi**, imwieled il-Kalkara, Malta, fit-13 ta' Mejju, 1885, kien elett il-ħames isqof ta' Għawdex. Dlonk beda riformi kbar f'kull settur tal-ħajja pastorali. F'Ġunju, 1929, organizza Kungress Ewkaristiku Djoċesan fuq skala mill-iprem. Ħadem għall-inkoronazzjoni tal-Madonna Ta' Pinu li saret minn legat tal-Papa Piju IX f'Ġunju 1935. Kien maħtur arċisqof ta' Malta nhar it-22 ta' Ottubru, 1943.

Is-suċċessur tiegħu, Monsinjur **Ġużeppi Pace**, intgħażel fil-11 ta' Novembru, 1944, iktar minn sena wara. Dan id-dewmien kien kawża ta' xnigħat foloz li l-Arċisqof Gonzi kien qiegħed jitħabat għall-għaqda taż-żewġ djoċesijiet. Is-sitt isqof ta' Għawdex twieled ir-Rabat, Għawdex, fit-30 ta' Mejju, 1890. Tul l-episkopat


Mons. Mikiel Gonzi (1885 - 1984)


Mons. Ġużeppi Pace (1890 - 1972)



Mons. Nikol Ġ. Cauchi (1929 - )

tiegħu ħadem ħafna biex jipprovdi l-appostalat tal-lajċi ma' Għawdex kollu u l-ħidma fejjieda tiegħu waslet biex numru kbir ta' Għawdxin minn kull stat ta' ħajja u ta' kull età jidħlu membri tal-għaqdiet. Miet bħala isqof ta' Għawdex nhar il-Ġimgħa l-Kbira, 31 ta' Marzu, 1972. Iżda, minħabba l-età, f'Marzu 1967, ma kienx baqa' jmexxi u l-amministrazzjoni tad-djoċesi għaddiet f'idejn amministratur appostoliku.

Is-seba' isqof ta' Għawdex, Dun **Nikol Ġ. Cauchi**, twieled l-Għarb, Għawdex, nhar it-2 ta' Marzu, 1929. Fl-24 ta' Frar, 1967, hu kien maħtur isqof awżiljarju għal Għawdex u fit-22 ta' Marzu nħatar ukoll amministratur appostoliku. Kien maħtur effettivament bħala isqof ta' Għawdex nhar il-20 ta' Lulju, 1972. L-episkopat tiegħu Għawdex dam għalhekk kważi 39 sena. Il-ħidma li wettaq tul dan iż-żmien kollu ma tingħadx. Fost l-aqwa hemm il-mod kif irnexxielu joħloq tmexxija ġdida fid-djoċesi skond l-*aggiornamento* mitlub mill-Konċilju Vatikan II li ntemm fl-1965, sentejn qabel il-ħatra tiegħu bħala isqof. Barra dan irnexxielu jġedded is-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù u jqiegħed kemm l-istruttura, kif ukoll it-tagħlim fuq bażi soda.

Il-Papa Benedittu XVI ħatar lill-kappillan ta' Kerċem, Dun **Mario Grech** bħala t-tmien isqof ta' Għawdex nhar is-26 ta' Novembru, 2005, bid-digriet li jġib l-isem *Redemptorem Nostrum*. Hu kien ikkonsagrat isqof fil-Katidral nhar it-22 ta' Jannar, 2006.

## IT-TMIEN ISQOF



## *Ftit tentufiet...*

*L-isqof Grech hu* ***l-ewwel*** *wild ta' Ġorġ u Marija Stella Attard u għandu tliet ħutu: Joyce, Raymond, u Carmel.*

*L-isqof Grech hu t-****tieni*** *isqof li twieled il-Qala ; l-ewwel isqof Buttigieg kien imwieled il-Qala wkoll.*

*L-isqof Grech hu t-****tielet*** *wieħed li kien ikkonsagrat fil-Katidral ta' Għawdex ; it-tnejn ta' qablu Pace u Cauchi kienu wkoll ikkonsagrati f'Għawdex.*

*L-isqof Grech hu l-****ħames*** *Għawdxi li qiegħed imexxi d-djoċesi ; l-isqfijiet Grech-Delicata, Camilleri, u Gonzi kienu mwielda Malta.*

*L-isqof Grech, maħtur fl-età ta' 48 sena, hu s-****sitt*** *l-ikbar isqof ta' Għawdex. Hu iżgħar mill-isqof Buttigieg u l-isqof Ġużeppi Pace, maħtura fl-età ta' 71 sena u 54 sena rispettivament. Iżda hu ikbar mill-ħames isqfijiet l-oħra. L-iżgħar kien Monsinjur Cauchi maħtur fl-età ta' 38 sena.*

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

**VERSI RIFLESSIVI** — *Poeżija ta' Euchar Mizzi (Qala)*

# LILL-E.T. MONS. MARIO GRECH
## L-Isqof il-Ġdid ta' Għawdex

Daqqew ferħana l-qniepen f'dik il-għodwa,
Tas-Sibt, sitta w għoxrin minn ta' Novembru.
Tas-sena elfejn u ħamsa wara Kristu,
L-aħbar ta' Isqof ġdid marru jħabbru.

U ħarġu n-nies jistaqsu dwar x'kien ġara
U x'kien l-iskop tal-mota f'dakinhar.
Il-Kappillan ta' Kerċem kien inħatar
Isqof tal-gżira t'Għawdex għad'kemm sar.

Kbir kien il-ferħ tal-poplu t'Għawdex tagħna,
Fuq wiċċ kulħadd deher sens t'approvazzjoni,
Bħal donnu l-poplu ried unanimu juri
Li jaqbel u jaċċetta d-deċiżjoni.

U fost l-irħula kollha l'għandna f'Għawdex,
Fosthom hemm tnejn ħassewhom ferm kburin,
Bil-ħatra ta'dan l-isqof ġdid reċenti,
Għax miegħu jħossuhom imħalltin.

Ta' Kerċem huwa r-Ragħaj u l-post fejn trabba,
Għalhekk "dan tagħna" jgħidu w ma tlumhomx,
Tal-Qala, bir-raġun, jgħidu li minnhom,
Għax hemm twieled u tgħammed, tmerihomx.

Mons. Mario, żagħżugħ mimli żelu u ħeġġa,
Għall-ħwejjeġ t'Alla anzjuż u ppreparat,
Lill-merħla afdata lilu biex imexxi,
U lilha jidderiġi fit-triqat.

Għalhekk hemm bżonn li fih kuljum niftakru,
Fit-talb li aħna nlissnu lill-Mulej,
U nagħmlu patt li dan qatt ma jitħalla,
Bla jsir b'mod regolari u jibqa'għaddej.

Biex il-Ħallieq li għażlu sa mill-bidu,
W għabbielu fuq spallejh il-piż tal-merħla,
Ikompli jtih il-għerf u d-don tas-Sema,
Biex b'hekk jagħraf idewwi tagħha l-ġerħa.

Jistagħna jkompli l-Isqof fit-tjubija,
Il-ħeġġa għall-ħaqq u s-sewwa jkompli jżid,
It-triq dejqa u diffiċli tal-qdusija,
Jikber ġo fiha dejjem huwa jrid.

Biex meta d-dlam tal-lejl jaqa'madwaru,
U tgħib kull tama t'għada iż-żernieq,
Ħarstu'l fuq, lejn DAK li għażlu jitfa',
Li Huwa kbir għax HUWA il-Ħallieq.

U l-merħla tħares lejn ir-Ragħaj minn tagħha,
Biex minnu tieħu tajjeb il-messaġġ,
Li jwassal għas-serħan u l-kuntentizza,
U r-ruħ b'hekk tkun kapaċi tkompli l-vjaġġ.

Ilkoll flimkien inkunu solidali.
Inħobbu, ngħinu w naħdmu ma'xulxin,
Biex fuq din l-art tgħaqqadna ħaġa waħda,
Lil Alla nżżuhajr mal-qaddisin.



## X'ifisser TIMXI WARA R-RAGĦAJ?

# IR-RAGĦAJ u

### MIN HU L-ISQOF?

Hekk qal il-**Papa Ġwanni Pawlu II**. L-isqof hu:

1) **L-EWWEL EVANĠELIZZATUR**
2) **L-EWWEL KATEKIST**

*(Lill-Isqfijiet tal-Amerika Latina 2 ta'Lulju 1986)*

3) **IĦARES**
4) **JINTERPRETA L-KELMA T'ALLA**
5) **U JIĠĠUDIKA B'AWTORITÀ DAK LI JAQBEL JEW MA JAQBILX MAL-KELMA T'ALLA.**

*(Lill-Isqfijiet tal-Filippini 5 t'Ott. 1996)*

6) **GĦASSIES ATTENT**
7) **U XANDÀR ĦABRIEKI TAL-VANĠELU**

*(Lill-Isqfijiet ta' Western Canada OSS Rom 22 ta' Sett 1993)*

8) **IĦARES L-VERITÀ**
9) **IXANDAR L-VERITÀ**
10) **JIĊĊELEBRA L-VERITÀ FIS-SAGRAMENTI**
11) **JGĦIX IL-VERITÀ FIL-KARITÀ U FIL-QADI**
12) **JAGĦTI XHIEDA PUBBLIKA TAL-VERITÀ LI HU KRISTU**

*(Lill-Isqfijiet ta' Baltimore 11 t'Ott. 1995)*

13) **PROFETA**
14) **XHUD**
15) **U QADDEJ TAT-TAMA**

*(Lill-U.S.A, 2 ta' April 2004)*

16) **SINJAL TA' GĦAQDA**
17) **MISSIER U RAGĦAJ**
18) **GĦALLIEM AWTENTIKU**
19) **U XANDÀR TAL-FIDI**

*(Lill-Isqfijiet Spanjoli 21 ta'Ott. 1982)*

### FEJN HEMM L-ISQOF, HEMM IL-KNISJA.

Il-Kattoliċi veri ma jifirdux il-Knisja Kattolika lokali mill-Isqof tagħha li fid-djoċesi huwa l-Vigarju ta' Ġesù. Fejn hemm l-Isqof u l-għaqda ma' l-Isqof hemm hi l-Knisja.

*Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca. 29.9.81*



### TALBA TA' WIEĦED ISQOF

Mulej, xi trid minni?
X'għandi nagħmel għall-ġid tal-Knisja.?
Mulej agħtini d-dawl. Int xi trid?
Kulħadd jipproponi elf soluzzjoni.
Imma int...... Int xi trid?
Agħtini li nimxi bl-umiltà fid-dawl li Inti tagħtini ta' kuljum.

Mulej, int xi trid?

- Jekk trid iżżommni fid-dlam... naċċetta.
- Jekk trid li t-talba tiegħi ma tismagħhiex, naċċetta...
- Jekk trid li inti torqod fil-poppa tad-dgħajsa (ta' Pietru)... orqod .
- Minhix ser inqajmek. Ma rridx li nlaqqat iċ-ċanfira li għamilt lill-Appostli: "Nies ta' fidi ċkejkna".

Mulej, minkejja kollox, inti taf, jiena seren u kalm.

- GĦAX IL-MERĦLA AFDATA LILI, MHIX TIEGĦI, IMMA TIEGĦEK
- GĦAX IL-KNISJA MHIX TIEGĦI, IMMA TIEGĦEK
- IL-KNISJA HIJA L-GĦARUSA TIEGĦEK, MULEJ.

*Kardinal Anastasio BALLESTRERO*
*li kien Arċisqof ta' Turin*
*(ikkwotat f' **'LA VOCE DEL POPOLO'** 5.6.1986)*

*Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.*

# L-MERĦLA

## DOĊILITÀ LEJN L-ISQOF

Fil-prattika, jeħtieġ fil-fidili rieda tajba, ħalli filwaqt li jippruvaw jifhmu l-ministeru ta' l-episkopat u tal-ħajja pastorali, jagħmlu ħilithom biex jaqsmu ma' l-Isqof il-preokkupazzjonijiet tiegħu u bħala wlied għaqlin, ikollhom l-istess veduti tiegħu.
Mingħajr din il-karità lejn l-Isqof, u doċilità lejh, l-unità fil-Knisja tkun imfixkla bi sħiħ.

*L-Isqof Nikol Ġ. Cauchi*
*Il-Kelma tar-Ragħaj, Vol 1. paġ 120*

## TIMXI WARAJH MHUX QABLU

*Sant Injazju ta'Antijokja* kiteb lill-insara ta' MAGNEZJA:

*'Irridu nobdu lill-Isqof.... Inkella mhux bl-isqof viżibbli nkunu nidħku, iżda bl-isqof inviżibbli li hu Kristu Ġesù. Il-Mulej tagħna, Ġesù li hu ħaġa waħda mal-Missier, ma għamel xejn mingħajr il-Missier.*

*Hekk ukoll intom, tagħmlu xejn mingħajr l-Isqof u l-Presbiteri* (Magn 3.2 ss).

## X'IFISSER "TAGĦMEL XEJN MINGĦAJR L-ISQOF"

*Patri Raniero Cantalamessa* jgħidilna:

Dan ma jfissirx li toqgħod tiskomoda lill-Isqof għal kull tip ta' pass li taghmel, iżda jfisser;

- Tobdi d-direttivi tiegħu.
- Ma tagħmilx dak li int taf bejn tajjeb li mhux ser japprovah.
- Tkun f'komunjoni u tobdi lis-saċerdoti li huma kollaboraturi tiegħu.
- Irridu nimxu wara l-isqof u mhux qablu.
- Tissottometti ruħek għall-prudenza u għas-sapjenza tal-Knisja.
- Ma neħdux pożizzjoni, qabel ma l-isqof jagħti l-ġudizzju tiegħu, iżda nimxu wara l-ġudizzju mogħti mill-isqof.
- Tħobb lill-isqof bl-istess imħabba ta' Kristu jiġifieri b'imħabba ġenwina.
- Hu propju permezz tal-imħabba li l-kariżmi jidħlu u jiġu milqugħin mill-istituzzjoni. U mhux bil-ġudizzji, bil-polemika jew bil-kritika.

*mill-ktieb: **"RINNOVARSI NELLO SPIRITO"***
*(Ediz Paoline paġni 86-89)*

## TIMXI WARAJH IMMA MHUX TKARKAR FL-AĦĦAR

**TALBA**

Mulej, anki jien nagħmel parti mill-merħla tiegħek.

Imma għandi drawwa misħuta li noqgħod inkarkar fl-aħħar filliera.

Mulej, m'hemmx għalfejn ngħidlek, x'noqgħodu nagħmlu fl-aħħar filliera.

Noqogħdu ngergru
- Li t-triq iebsa.
- Li riġlejna juġgħuna.
- Li x-xemx taħraq.
- Li griżmejna nixfu bil-għatx.

U filwaqt li int ir-Ragħaj miexi quddiem bil-pass ħafif...aħna noqogħdu nkarkru wara
- Bla kont
- B'nofs qalb

Imma għaliex Mulej, dejjem nimxu għat-telgħa?

Ma tistax tagħżlilna triq għal wita, fejn ma jkunx hemm bżonn daqshekk sagrifiċċju?

Aħna, li noqogħdu fl-aħħar, dejjem nimxu b'rasna 'l-isfel.

Issa naf Mulej x'għandna nagħmlu:

Għandna bżonn nitgħallmu darba għal dejjem li nerfgħu ħarsitna 'l-fuq.

Li **NĦARSU LEJK**, int li int ir-Ragħaj u t-Triq.

Li nimxu pass pass miegħek. U hekk il-pass jeħfief.

*Don Alessandro Pronzato*
***IL-PANE DELLA DOMENICA CICLO C.***
*Pag 79. (traduzzjoni libera)*

## MIDLUK F'ISEM IL-MULEJ BIEX IMEXXINA FIS-SEWWA TIEGĦU

KTIEB X'TAQRA

# *"IL-KELMA TAR-RAGĦAJ, VOL.8"*

***Mons. Cauchi Nikol, il-Kelma tar-Ragħaj, it-Tmien volum, Ed. Lumen Christi, Għawdex, 2006, p. 191, Lm3.***

## *SENSIELA IMPREZZABBLI*

*Waqt li konna qed nassistu għall-bidla fit-tmexxija spiritwali għall-gżira għawdxija deher volum ieħor ta' Mons. Isqof Emeritus Nikol Cauchi fis-sensiela ta' "IL-KELMA TAR-RAGĦAJ."*

*Kif jixhed l-isem, dan it-tmien wieħed fih ġabra mill-ittri pastorali ċirkulari u atti oħra ta' Mons. Cauchi ta' dawn l-aħħar 5 snin. Is-suġġetti trattati jvarjaw tant li jħaddnu diversi punti mill-ħajja liturġika kif ukoll dwar aspetti reliġjużi oħra marbuta ma'ċentinarji, ċelebrazzjonijiet jew ċirkustanzi oħra fil-Knisja lokali.*

*Ħarsa ħafifa lejn l-indiċi toffrilna wkoll għadd ta' temi ta' natura soċjali, dejjem fid-dawl tat-tagħlim tal-Knisja. Hekk per eżempju dwar il-vittmi tat-traffiku, il-valuri tal-ħajja, il-ħidma għall-paċi, ir-reponsabbiltà tal-familja, in-nisrani u x-xogħol, il-jedd għall-libertà, il-formazzjoni tal-kuxjenza, il-valuri morali, ir-rwol tal-ġurnalista, eċċ.*

*Din il-lista tiżdied magħha sensiela ħafna itwal li wieħed jista' fis-7 volumi l-oħra ta'qabel, li flimkien ma' dak preżenti jkopru b'kollox medda ta' 34 sena. Anki jekk l-ewwel 3 volumi huma eżawriti, l-oħrajn kollha jistgħu jinkisbu mil-Lumen Christi Media Centre.*




*Il-kollezzjoni ta' "IL-KELMA TAR-RAGHAJ" hija xhieda ċara ta' kif il-Knisja lokali kkontribwiet biex tippronunzja ruħha fuq dak li kienet qed tħoss u tgħix il-komunità nisranija tul terz ta'seklu.*

*Għalkemm Mons. Cauchi temm il-missjoni tiegħu ta' ragħaj responsabbli mid-djoċesi, kif stqarr hu mhux se jieqaf mill-kontribut tiegħu ta' kitba, diskorsi mis-sehem fil-komunikazzjoni tal-kelma lill-oħrajn. Dawn ukoll ghad jistgħu jkomplu jsebbħu l-istess sensiela fil-ġejjieni li minn żmien għall-ieħor jiġu ppubblikati għas-servizz tal-qarrej kattoliku.*

***Mons. Salv Grima***

**RAYMOND CEFAI**

***TAL-KELBA LTD.***

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**

**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**




# Midluk Ragħaj u Qaddej għall-Poplu t'Alla f'Għawdex

# † MARIO

## *ISQOF GĦALL-QADI TAGĦKOM*

### Festi tal-Konsagrazzjoni u tal-Bidu tal-Ministeru Tiegħu bħala Isqof ta' Għawdex 12 - 29 ta' Jannar 2006



Rapport mill-Kav. **Joe M. Attard**

Għawdex laqa' bil-ferħ l-aħbar tal-ħatra ta' Dun Mario Grech, ex-Kappillan ta' Kerċem, bħala t-tmien Isqof Djoċesan u ħareġ bi ħġaru biex isellimlu u jipparteċipa fl-għadd sabiħ ta' attivitajiet li saru bħala tħejjija għall-Ingress u l-Ordinazzjoni Episkopali tiegħu li saru fil-Katidral l-Ħadd 22 ta' Jannar 2006. Żgur li ħaqqu kull tifħir it-'team' li l-Isqof il-ġdid ħatar madwaru biex jorganizza tant laqgħat u funzjonijiet sbieħ li konna ilna ma naraw bħalhom.

**Il-Ħamis 12 ta' Jannar 2006: Laqgħa ta' talb għas-Saċerdoti f'Ta'Pinu**

Intant kien il-Ħamis 12 ta' Jannar li saret Laqgħa ta' Talb fis-Santwarju Nazzjonali ta' Pinu għas-saċerdoti kollha flimkien maż-żewġ Isqfijiet tagħna. Sar talb biex il-Mulej iżomm idejh fuq l-Isqof il-Ġdid, li f'din l-okkażjoni tkellem ma' bosta saċerdoti li kienu



preżenti, miġbura flimkien wara t-tribuna, quddiem ix-xbieha tal-Madonna ta' Pinu. Is-saċerdoti talbu wkoll lill-Madonna biex tkompli sseddaq lill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi waqt li raddewlu ħajr għas-servizz li ta tul l-Episkopat twil tiegħu.

**Il-Ħadd 15 ta' Jannar: Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Katidral**

Il-Ħadd 15 ta' Jannar Mons Isqof Nikol Cauchi mexxa quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Katidral li għaliha attendew bosta Għawdxin. F'kelmtejn li għamel l-Isqof Cauchi f'din l-okkażjoni, huwa ħeġġeġ biex il-familja tissokta titlob flimkien b'mod speċjali bit-talba tar-rużarju. Huwa anke talab skuża jekk xi darba seta' naqas lil xi ħadd. Dan id-diskors ġie milqugħ b'applaws kbir minn dawk kollha preżenti. Fi tmiem il-funzjoni kollha, kienu ħafna dawk li rringrazzjaw lill-Isqof Cauchi għas-servizz twil (38 sena) li ta lid-Djoċesi Għawdxija u offrewlu xi rigali.

**It-Tlieta 17 ta' Jannar: Laqgħa ta' Talb għar-Reliġjużi f'Kerċem**

It-Tlieta 17 ta' Jannar, kien imiss lill-Isqof Mario Grech li jiltaqa' mar-Reliġjużi Nisa u Lajċi Ikkonsagrati fil-Knisja Parrokkjali ta' Kerċem, fejn trabba u kiber l-Isqof Grech.

**Is-Sibt 21 ta' Jannar: Velja ta' Talb fir-Rotunda tax-Xewkija**

Ma naħsibx li r-Rotunda tax-Xewkija qatt rat daqshekk ħlejjaq daqs is-Sibt fil-għaxija 21 ta' Jannar,

waqt Velja ta' Talb li saret u li fiha tbierku l-Insinji Pontifikali ta' l-Isqof il-ġdid: iċ-Ċurkett, il-Mitra, u l-Baklu. F'din l-okkażjoni, l-Isqof Mario Grech għamel Stqarrija ta' Fidi u ħa l-Ġurament ta' Fedeltà lejn il-Knisja quddiem in-Nunzju Appostoliku. Kien preżenti wkoll l-Isqof Cauchi li talab mal-miġemgħa. Sar ukoll talb speċjali u mima ħelwa u li l-versi tas-salmi li kienu jingħadu stajna narawhom ukoll fuq żewġ screens li twaqqfu apposta, billi mhux kulħadd seta' jara x'kien għaddej għax fil-knisja ma kienx hemm fejn taqa' labbra.

L-isqof il-ġdid wasal hawnhekk akkumpanjat b'carcade mir-raħal ta' Kerċem fejn kien għadu kemm temm iqaddes l-aħħar quddiesa tiegħu bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' Kerċem. F'messaġġ li ta f'dik l-okkażjoni huwa stqarr fost ħwejjeġ oħra li "*il primo amore non muore mai; il-primo amore non si scorda mai*", u għalkemm kien qed iħalli dik il-kariga, ma kienx ser jinsa qatt iż-żmien li għamel fost ħutu l-parroċċani. Huwa raddilhom ħajr għall-koperazzjoni u l-għajnuna li dejjem sab fihom u wegħidhom it-talb u l-attenzjoni tiegħu. Għal dad-





diskors wieġeb wieħed mis-saċerdoti tal-parroċċa, Dun Roberto Gauci, li ħa ħsieb iddisinja l-arma l-ġdida li għażel għalih l-Isqof Grech.

## Il-Ħadd 22 ta' Jannar: Jum il-Konsagrazzjoni u l-Ingress ta' L-Isqof Grech

Gżiritna ħarġet bi ħġarha biex tilqa', tifraħ u ssellem lill-E.T. Mons Isqof Mario Grech il-Ħadd fil-għodu 22 ta' Jannar 2006, li telaq mill-Kunvent tal-Kappuċċini f'karozza mikxufa akkumpanjat mill-Assistent Personali tiegħu, Dun Eddie Zammit u mexa parti mit-triq sal-Knisja Katidrali, akkumpanjat mill-Kavallerija u mill-Banda tal-Pulizija. Id-dehra fil-Katidral kienet waħda memorabbli, fil-preżenza ta' l-ogħla awtoritajiet Ċivili u Ekklesjastiċi, u l-funzjoni twila u interessanti żgur li sa tibqa' fil-memorja ta' dawk kollha li kienu fil-Katidral kif ukoll dawk li segwewha minn ġewwa djarhom fuq it-television.

Fl-omelija li ħejja għall-okkażjoni Mons Isqof Nikol Cauchi huwa tkellem dwar is-sinjifikat ta' dik il-funzjoni, li bħalha kienu saru biss tnejn oħra fil-Katidral, dik fl-1944 fl-okkażjoni ta' l-Isqof Ġużeppi Pace u dik ta' l-1967 meta ndilek huwa stess. L-Isqof il-ġdid ukoll ta l-messaġġ tiegħu fi tmiem funzjoni li ħadet 'l fuq minn erba' sigħat. Huwa radd ħajr lil kull min b'xi mod għen fl-organizzazzjoni ta' dik il-għodwa memorabbli, twila, strapazzanti u kommoventi, u wiegħed li għalkemm din il-kariga kienet qed titfa' fuqu piżijiet mhux żgħar, hu kien lest li bħala ragħaj, imut għal merħla tiegħu. Il-funzjoni kollha kienet imżewqa b'mużika sabiħa minn orkestra apposta bit-tħabrik sħiħ ta' Mro Carmel P. Grech, ħu l-isqof u l-iben iż-żgħir ta'Ġorġ u Stella Grech.



Fi tmiem il-funzjoni, l-Isqof il-Ġdid intlaqa' b'applaws li jtarrax u ħareġ fil-pjazza tal-knisja u qasam u kiel minn *cake* sabiħ u kbir li sar għall-okkażjoni u wara attenda għal riċeviment li sar fil-bini tal-Kurja Veskovili.

## Żjajjar mill-Isqof Mario Grech

It-Tlieta 24 ta' Jannar, l-Isqof il-ġdid qatta' ġurnata fl-Isptar Ġenerali jiltaqa' mal-morda u ma' l-istaff mediku u iktar tard, fil-għaxija, qaddes għall-Ġurnalisti u Kittieba fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Franġisk de Sales, Isqof ta' Ġinevra u Patrun tal-Ġurnalisti.

Matul il-jumejn ta' wara, Mons Isqof Mario Grech għamel żjarat lill-anzjani residenti fid-Djar ta' l-Anzjani kif ukoll lill-ħabsin f'Kordin, Malta.



## Il-Ħadd 29 ta' Jannar: Festa-Familja fil-Kumpless Sportiv t'Għawdex

Il-Ħadd, 29 ta' Jannar, il-Kumpless Sportiv tagħna kien litteralment imballat u maħnuq bin-nies għall-"Festa Familja Għawdxija" tassew ikkulurita bis-sehem ta' ħafna tfal u żgħażagħ, bl-għoti tat-*Trophy/ Shield* "Familja Qalb tad-Deheb" u b'messaġġi miż-żewġ isqfijiet. Kienet wirja ta' appoġġ u apprezzament lill-isqof il-ġdid li għandu kelma u tislima għal kulħadd.

Biex ikomplu jkabbru din il-festa, kor ta' madwar tlett mitt tifel u tifla mill-iskejjel primarji Għawdxin żewqu s-serata bil-kant tagħhom kif l-istess għamlu Fr Karm Debattista u Andrew Cauchi, kantanti magħrufa Maltin. Familja Għawdxija tkellmet dwar l-esperjenzi tagħha waqt li familja minn kull belt u raħal fi gżiritna sellmu lill-Isqof Grech. Komplew taw kulur lil din is-Serata kbira seba' gruppi Folkloristiċi Għawdxin. Studenti mill-iskola primarja tax-Xagħra flimkien ma' l-Adoloxxenti ta' l-A.K. ta' l-istess raħal ippreżentaw mima dwar ir-Ragħaj it-Tajjeb, waqt li grupp ta' żgħażagħ mill-Oratorju Don Bosco wkoll taw is-sehem tagħhom b'allegrija u kulur.

F'messaġġ li ta f'din l-okkażjoni' Mons Isqof Nikol Cauchi tkellem dwar il-ħtieġa tal-karità u li din għandha tibda mid-dar, għax anke' f'pajjiżna għadek issib familji qed jgħixu fil-miżerja u l-għera. Huwa tkellem ukoll dwar id-djakonija (li nkunu ta'



servizz għall-oħrajn), l-importanza tal-Liturġija u l-ħtieġa tal-Katekeżi.

L-Isqof il-ġdid temm din il-Festa-Familja-Għawdxija billi wera l-ferħ tiegħu għal dik il-laqgħa li forsi ma stennihiex, u beda biex indirizza lit-tfal u qalilhom li Ġesù huwa r-Ragħaj it-Tajjeb li jieħu ħsieb il-merħla kollha. Il-merħla hi magħmula mill-familji kollha. Il-familja hi magħmula mill-ġenituri u l-ulied li tant hi għal qalb dan l-Isqof li hu wkoll ġej minn familja ta' erba' aħwa. Mons Grech radd ħajr f'isem il-Knisja lil dawk kollha preżenti li ġew bi ħġarhom minn kull rokna tal-gżira għawdxija. Hu ried ukoll isellem u jilob għal dawk il-familji li għaddejjin minn xi problema, minn xi luttu fil-familja, milquta minn xi mard inkella xi niket jew inkwiet ieħor, għax dawn ukoll huma t-teżor tagħna. Dawn kollha flimkien jagħmlu l-Knisja preżenti f'Għawdex. Hawnhekk isaltnu l-paċi u l-armonija, l-għaqda u l-ferħ, u dawn għandhom jibqgħu għal dejjem, kif wera x-xewqa tiegħu l-Isqof li wara, tħallat u daħal fil-folla u bierek lit-tfal u lill-familji kollha.





## Żjajjar lill-Parroċċi Għawdxin:

Bejn l-aħħar ta' Jannar u s-26 ta' Marzu, l-E.T. Mons Isqof Mario Grech jinsab għaddej biż-żjarat tiegħu lill-Parroċċi Għawdxin fejn qed jiltaqa' mal-Presbiterju Parrokkjali, Kunsill Parrokkjali, membri tal-Gruppi Ekklesjali, Kunsilli Lokali, tfal fl-iskejjel, persuni morda, kif ukoll gruppi kulturali u soċjali preżenti fil-parroċċa.

Dik kienet ħarsa lura fil-qosor lejn dak li għaddejna minnu f'dawn l-aħħar ġimgħat. "Il-passat huwa l-mera tal-futur" u żgur li b'dan ir-ritmu u b'dan iż-żelu, id-Djoċesi Għawdxija sa tibqa' miexja 'l quddiem bl-għerf, bil-ħila, u bl-imħabba ta' Mons Mario Grech, wild Għawdex midluk Ragħaj ġdid għal Għawdex u l-Għawdxin. *Ad Multos Annos!*



# *Mill-Album ta' Ħajtu...*























Arkivju Nazzjonali Għawdex

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -142

Riċerka ta' Joseph Bezzina

©2006

# *Rikors ta' servjent fl-"Universitas"*

Id-dokument numru mija tnejn u erbgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu traskrizzjoni ta' rikors għal impjieg ma' l-*Universitas* minn qaddej. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1705–1706), folju 46r (NAG, UG, *Acta,* 9/1705–1706, f. 46r).

Din hi traskrizzjoni tar-rikors:

**Lorenzo Grech, figlio di Vittorio del Gozzo, umilissimo servitore di Vostra Illustrissima et Eccelentissima, espone haver detto Vittorio predetto, servito all'Università del Gozzo quale serviente circa quaranta anni, et essendo pervenuto in età cadente, desiderebbe gubernare in luogo del predetto, purchè questo rimarsi pure a servire detta Università et in consegna godere i soliti emolumenti; che perciò ricorre dalla benigna di Vostra Illustrissima et Eccelentissima, humilmente supplicandola degniarsi eliggere, incominciare ad esso, erede esserlo, con la futura successione in luogo del detto Vitorio predetto, restando della gratia, quod vult Deus.**

Vitor Grech, Għawdxi, kien ħadem ma' l-*Universitas* bħala qaddej għal ħajtu kollha. Tliet mit sena ilu, meta sar l-imsemmi rikors, kien ilu ma' l- erbgħin sena jagħmel dan ix-xogħol.

Fil-ħlasijiet li b'mod regulari kienu jsiru mill-*Universitas* jissemma' kemm-il darba s-servjent. Is-servjent kien qaddej li jagħmel kulma kien ikollhom bżonn fl-uffiċċju. Kien inaddaf, imur iwassal messaġġi, jiġbrilhom xi ħwejjeġ mibgħuta minn Malta mill-Imġarr, u kull ħtieġa oħra.

Vitor beda jixjieħ u xtaq li dan il-post ta' servjent, li miegħu kien hemm marbuta paga fissa, jiġi mgħoddi lit-tifel tiegħu Wenzu. Għal dan il-għan, Wenzu jindirizza dan ir-rikors lill-Granmastru Ramon Perellos (1697–1720).

Wenzu nforma lill-Granmastru li missieru li tant qeda tajjeb l-*Universitas* bħala servjent kien beda jixjieħ. Wera x-xewqa li meta missieru ma jkunx jiflaħ iktar jingħata dak il-post minfloku. Ma riedx li jieħu l-post minnufih, iżda bħala werriet ta' missieru ried li jingħata garanzija ta' ħatra *cum futura successione*, jiġifieri li ma' l-irtirar ta' misseru jidħol jaħdem minfloku.

L-erba' ġurati ta' l-*Universitas* dik il-ħabta Giuseppe Strasquadaini Luigi Grech, Salvatore Seichel, u GianFrancesco Del Bono kienu favur dan ir-rikors ta' Wenzu u taw l-approvazzjoni tagħhom billi ffirmawh fuq wara.

Minħabba din l-approvazzjoni, ir-rikors kien dlonk milqugħ meta wasal fil-Kanċellerija ta' l-Ordni l-Belt, Valletta. Wenzu ngħata d-dritt li jilħaq servjent ta' l-*Universitas* flok missieru Vitor.





# IL-MISTERU TA' L-EWKARISTIJA

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IT-TMIEN PARTI)*

## L-ELEMENTI KOSTITUTTIVI TAS-SAGRAMENT TA' L-EWKARISTIJA

Bħal f'kull sagrament ieħor, fl-Ewkaristija hemm is-sinjali li jidhru li huma l-materja u l-forma.

(i) Il-Materja tas-sagrament ewkaristiku, huma l-ħobż tal-qamħ u l-inbid ta' l-għeneb, li fil-quddiesa jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Id-Digriet lill-Armeni (1439) jirripeti t-tagħlim ta' San Tumas u jgħid li l-materja ta' dan is-sagrament huwa l-ħobż magħmul mill-qamħ, (*Denz, 689*) u nsibu l-istess affermazzjoni fil-Liġi tal-Knisja (*Kanoni 924*). Skond il-kotra tat-teoloġi, li jkun ħobż tal-qamħ, huwa meħtieġ għall-validità tas-sagrament, jiġifieri jekk il-ħobż ikun magħmul minn materjal ieħor li mhux qamħ, is-sagrament ma jkunx validu.

Fir-rit Latin, sa mit-tmien seklu ilu jintuża ħobż ażżmu, fil-waqt li fir-rit Griek, jiġi wżat il-ħobż bil-ħmira. Skond ix-xhieda tas-Sinottiċi, fl-aħħar ċena, Kristu kellu f'idejh ħobż ażżmu, għax l-aħħar ikla saret "fl-ewwel jum ta l-Ażżmi"(Mt.26, 17; Mk.14, 12; Lq.22,7). Dawn kienu jiem li fihom il-Lhud kienu jieklu biss ħobż mingħajr ħmira. Dan jispjega għaliex fir-rit latin jiġi wżat dan it-tip ta' ħobż. Iżda s-sagrament huwa dejjem validu, dment li l-ostja tkun mill-ħobż tal-qamħ, għaliex il-Konċilju ta' Firenze ddikjara li "l-Ġisem ta' Kristu jsir, kemm mill-ħobż ażżmu, kif ukoll mill-ħobż bil-ħmira." Difatti, għall-konsagrazzjoni valida ta' l-Ewkaristija jeħtieġ u huwa biżżejjed il-ħobż veru; iżda kemm l-ażżmu kif ukoll dak bil-ħmira hu ħobż veru.

It-tieni element tal-Ewkaristija, huwa l-inbid magħmul mill-għeneb. Il-Knisja timxi fuq l-eżempju ta' Kristu, meta għamel dan is-Sagrament, (Mt.26,29; Mk.14,25) għaliex jekk ma jkunx inbid tal-għeneb, il-konsagrazzjoni tkun invalida. Skond drawwa li kellhom l-ewlenin insara, ma' l-inbid jiżdiedu ftit qatriet ta' l-ilma, iżda l-validità tas-sagrament ma tiddependix minn dan. Il-missirijiet tal-Knisja, ta' l-ewwel sekli, bħal San Ġustinu (*Apologia I,* 65,67) u Sant Irinew (*Adv Haereses* V, 2,3.) jagħtu xhieda li kemm fost il-Lhud, kif ukoll fost il-Griegi u r-Rumani, kien hemm din id-drawwa, li ma l-inbid iħalltu xi ftit ilma. Kemm fil-Liturġija tal-Lvant kif ukoll f'tal-Punent, inżammet din id-drawwa. Dawn il-qatriet ta' l-ilma li jiġu kkonsagrati ma' l-inbid huma obbligatorji, għaliex għandhom tifsira simbolika importanti, difatti jfakkru fl-aħħar qatriet ta' demm u ilma li ħarġu mil-kustat minfud ta' Kristu, u jfissru l-unjoni ipostatika tan-natura umana u n-natura divina fil-persuna ta' Kristu, kif ukoll għaqda ta' l-insara fil-Ġisem Mistiku tal-Mulej.

(ii) Il-forma: tikkonsisti fil-kelmiet li jgħid is-saċerdot fil-konsagrazzjoni tal-quddiesa "Dan hu Ġismi"; "Dan hu l-kalċi ta' Demmi." Id-Digriet lil Armeni fuq it-tagħlim ta' San Tumas jistqarr li "Il-kliem tal-Feddej, li Huwa uża meta għamel dan is-sagrament, huma l-forma ta' dan is-sagrament" (Denz.698). Il-Konċilju ta' Trentu, jgħallem, li skond it-twemmin tal-Knisja, "immedjatament wara l-konsagrazzjoni" jiġifieri malli jiġu ppronunzjati l-kelmiet tat-twaqqif ta' l-Ewkaristija, taħt ix-xbiehat tal-ħobż u ta' l-inbid ikunu preżenti l-Ġisem veru u d-demm veru tal-Mulej (*Denz. 876*).



## *Il-frott tas-Sagrament ta' l-Ewkaristija*

Id-dixxiplu fidil ta' Kristu, li jirċievi l-Ewkaristija bid-dispożizzjonijiet meħtieġa u bi tħejjija xierqa, jirċievi wkoll mit-Tqarbin kotra ta' frott spiritwali, fi kliem ieħor dan is-sagrament iħalli fir-ruħ ta' min jirċievih, ċerti effetti qaddisa li huma ta' min jgħożżhom ħafna.

Kif jgħallimna, il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (n.1392) "Dak li jagħmel l-ikel materjali fil-ħajja ta' ġisimna, it-Tqarbin jagħmlu b'mod tal-għaġeb fil-ħajja tar-ruħ. It-Tqarbin bil-Ġisem ta' Kristu rxoxt, 'mogħti l-ħajja mill-Ispirtu s-Santu u jagħti l-ħajja' iħares, ikabbar, u jġedded il-ħajja tal-grazzja li ngħatat fil-Magħmudija."

(i) L-ewwel frott tat-Tqarbin huwa dak ġenerali, jew it-tkattir tal-grazzja abitwali. Is-sagramenti kollha, jekk nirċievuhom kif imiss, jagħtuna l-grazzja jew ikkatruhielna. L-Ewkaristija peress li hija sagrament tal-ħajjin, iżżid il-grazzja li jkun hemm fina, iżda barra mill-grazzja qaddisa, mill-Ewkaristija niksbu wkoll ħafna grazzji attwali.

(ii) It-Tqarbin iżid u jsaħħaħ l-għaqda tagħna ma' Kristu li qal: "Min jiekol Ġismi u jixrob Demmi jibqa' fija u jiena fih" (Gw.6,56); "Bħal ma bagħatni l-Missier li hu ħaj u jiena ngħix b'Missieri, hekk ukoll min jiekol lili, hu wkol jgħix bija" (Gw.6,57). Din nistgħu nsejħulha, "il-grazzja unitiva". Kristu stess xtaq li jkollna din l-għaqda miegħu għaliex Huwa qal: "Ibqgħu fija u jiena fikom" u ġabilna it-tixbieħa tad-dielja (Gw.15,1-10). Kristu huwa d-dielja, u dawk li jitqarbnu huma l-friegħi, li fihom tissawwab il-ħajja sopranaturali tal-grazzja.

(iii) L-Ewkaristija mhix magħmula biex taħfer id-dnubiet mejta, dawn jinħafru bis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, iżda tħarisna biex ma naqgħux fihom, għaliex tagħtina qawwa spiritwali biex nirbħu t-tentazzjonijiet u nrażżnu l-ġibdiet tagħna, u b'hekk nitbegħdu mid-dnubiet. Il-Konċilju ta' Trentu, fuq it-tagħlim ta' San Tumas, (S.Theol. III. 79, 6) jafferma li "l-Ewkaristija hija l-mediċina li biha niġu mħarsa mid-dnubiet gravi" (*Denz. 875*).

(iv) L-Ewkaristija tfejjaqna mill-mardiet tar-ruħ, billi tilliberana mid-dnubiet venjali, għaliex tħeġġeġ fina l-imħabba sopranaturali, u tagħtina l-ħila li ninqatgħu mir-rabtiet tal-ħlejjaq li jwaqqgħuna ta' kuljum f'ħafna ħtijiet żgħar. L-Ewkaristija teħlisna wkoll mill-pwieni temporali li jistħoqqulna għan-nuqqasijiet tagħna. Dan iseħħ bis-saħħa ta' l-atti ta' karità perfetta li jitqanqlu fina, meta nirċievu dan is-Sagrament; il-maħfra tad-dnubiet venjali u tal-pwieni temporali tkun proporzjonata ma' l-intensità ta' dawn l-atti ta' karità (*S.Theol. III,79,4,5*).

(v) l-Ewkaristija, iżżid fina l-imħabba lejn għajrna, u b'hekk tgħaqqadna mhux biss ma' Kristu iżda wkoll ma' l-aħwa tagħna fi Kristu, membri tal-Ġisem Mistiku tiegħu. Difatti San Pawl (I Kor.10,16-17), jwissina: "Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu m'huwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda." L-Ewkaristija żżid u ssaħħaħ il-għaqda tal-membri tal-Knisja u tħeħħiġhom biex iħabirku biex ikun hemm merħla waħda taħt ragħaj wieħed. L-Ewkaristija twassal ukoll għall-unità, fost dawk li jemmnu fi Kristu u rċievew il-Magħmudija tiegħu.



(vi) It-Tqarbin inissel fina ferħ u konsolazzjoni spiritwali u b'hekk jisfa' ta' għajnuna għalina biex naċċettaw b'qalbna kollha d-dmirijiet u s-sagrifiċċji tal-ħajja nisranija.

(vii) L-Ewkaristija hija pleġġ jew garanzija tal-glorja futura. Difatti f'talba antika tal-Knisja "*O Sacrum Convivium*" nitolbu, "O mejda mqaddsa li fiha Kristu jittieħed bħala ikel, issir it-tifkira tal-Passjoni tiegħu, ir-ruħ timtela bil-grazzja, u lilna jingħatalna r-rahan tal-ħajja ta' dejjem." Ġesù wiegħed li dawk li jitqarbnu jkollhom il-ħajja eterna u l-irxoxt fl-aħħar tad-dinja. "Min jiekol ġismi u jixrob demmi, għandu l-ħajja ta' dejjem u jiena nqajmu fl-aħħar jum" (Gw.6,55). L-Ewkaristija fiha l-wegħda li jekk nibqgħu maqgħudin ma' Kristu, aħna jkollna l-glorja tal-qawmien. Il-Konċilju ta' Trentu jafferma li l-Ewkaristija hija "pleġġ tal-glorja futura u tal-hena li ma jintemmx." Il-Ġisem ta' Kristu li nirċievu fl-Ewkaristija, iqaddes mhux biss ir-ruħ imma wkoll il-ġisem tagħna, hekk li kif jgħidu xi Missirijiet tal-Knisja, "iqiegħed fina ż-żerriegħa ta' l-immortalità". It-Tqarbin jagħti grazzja speċjali u jippreparana għall-ħajja ta' dejjem u għall-qawmien glorjuż fl-aħħar jum.

Kif insibu fil-ktieb tal-*Imitazzjoni ta' Kristu* (IV ktieb, kap IV); "Dan is-sagrament wisq nobbli u għażiż, hu s-saħħa tar-ruħ u tal-ġisem, huwa d-duwa ta' kull mard spiritwali, ifejjaq mill-vizzji, irażżan il-passjonijiet ħżiena, bih jintrebħu t-tentazzjonijiet jew tiddgħajjef il-qawwa tagħhom, tissawwab grazzja ikbar, titkattar il-virtù, titqawwa l-fidi, tissaħħaħ it-tama, u titħeġġeġ il-karità, waqt li r-ruħ timtela bil-ferħ". ***(jissokta)***

**FOLKLOR GĦAWDXI**

*Anton F. Attard jirrakkonta u jfisser...*



drawwiet missirijietna

© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(It-Tnejn u Erbgħin Parti )*

## IT-TADAM

It-tadam, bħall-patata, ġie mill-Amerika ta' Isfel, mill-artijiet ta' l-Ekwador, il-Perù u l-Bolivja. Għax din il-pjanta tagħmel ma' l-istess familja tal-patata u anki tat-tabakk, li wkoll ġie mid-Dinja l-ġdida, bħalma tissejjaħ ukoll l-Amerika. Xjentifikament il-pjanta tat-tadam tissejjaħ *Lycopersicon esculentum* tal-familja *solanaceae*. Għall-bidu, bħall-patata, ix-xitla tat-tadam, xitla annwali li tixxeblek, kienet titkabbar fil-ġonna bħala kurżità jew pjanta rari.

M'għandniex xi ngħidu, kienet Spanja l-ewwel nazzjon li żergħet minn dawn il-pjanti, li wħud mis-suldati tagħha kienu ġiebu magħhom mill-Peru'. Wara ftit taż-żmien il-pjanta daħlet l-Italja.

### Tadam ta' lwien differenti

Aħna mdorrijin bit-tadam ta' lewn aħmar. Imma fil-fatt hemm tadam isfar, u anki tadam roża, imsejjaħ "tadam ikħal". L-ewwel ma daħal fl-Italja kien it-tadam isfar u, għalhekk, fis-sena 1554, issemma *pomo d'oro* jew "tuffieħ tad-deheb". Fl-Italja wkoll it-tadam aħmar kien jissejjaħ Tuffieħ tal-Perù. Sew l-Ispanjoli u kemm it-Taljani malajr intebħu bil-valur ta' din il-frotta u bdew jużawha bħala l-iktar ikel meħtieġ. L-Ingliżi ma ntebħux mill-ewwel bil-valur ta' dan l-ikel sakemm l-Ingilterra kienu waslu xi refuġjati Lhud u bdew jieklu t-tadam nej jew misjur bħalma kienu jagħmlu t-Taljani u l-Ispanjoli. Minn dak iż-żmien it-tadam kiseb l-aqwa importanza fil-pajjiżi kollha u l-erba' kwalitajiet li kienu magħrufa bdew jitħawlu u jiġu kkultivati b'ħeġġa u ħerqa kbira.

Fil-gżejjer tagħna l-bdiewa, l-aktar f'Għawdex, isejħulu "tuffieħ tadam". Hawn min jaħseb li din il-kelma tfisser "tuffieħa ta' Adam", billi skond il-leġġenda l-frotta pprojbita li kielu Adam u Eva fil-ġenna ta' l-Art, u hekk waqgħu fid-dnub tad-diżubbidjenza, kienet tuffieħa. Imma aktarx li l-kelmiet "tuffieħa ta' dam" tfisser tuffieħa ta' lewn ħamrani billi d-dam hu grass lewn kannella, bħal tax-xema' tan-naħal u allura tfisser "tuffieħa ta' lewn id-dam".

B'xorti ħażina, minħabba l-lewn aħmar tat-tadam, din il-frotta damet ma qabdet l-art għax ħafna nies kienu jaħsbu li hi velenuża. Per eżempju, il-boċoċ taż-żerriegħa tal-garni wkoll huma ħomor, imma velenużi. Kien biss għall-aħħar tas-seklu dsatax, jiġifieri qrib is-sena 1900, li bdiet tittiekel minn kulħadd. Għax fil-fatt, għalkemm il-faxxina, jiġifieri z-zkuk u l-weraq, hija velenuża, il-frotta, it-tadama, hija verament tajba, sustanzjuża u meħtieġa ħafna.

### Tipi differenti ta' tadam

Hemm ħafna kwalitajiet ta' tadam. Nibdew l-ewwel billi nsemmu xi tadam li qatt ma rajna bħalu f'pajjiżna, talinqas sa ftit ilu. Il-varjetà tat-tadam l-iktar komuni li tikber weħidha fil-Perù tagħmel frott mhux akbar minn ċirasa. u l-għasafar ta' l-inħawi jgħaddu ġmielhom minn fuq din il-kwalità ta' tadam billi jibilgħuh sħiħ mingħajr xejn tbatija. Fost dawn il-varjetajiet ta' tadam li jikber waħdu hemm minnu li jibqa' b'kulur abjad għal kollox u ieħor li jiħdar u jibqa' aħdar.

Il-varjetajiet li daħlu fl-Ewropa m'humiex ħlief parti żgħira mill-għadd kbir ta' varjetajiet li kienu jikbru fl-Amerika qabel ma rifsu fuqha l-Ewropej. Il-bżenguli (jew żenguli) hu l-aktar imlaħħam u l-aħjar biex minnu ssir il-kunserva. It-tond l-isbaħ u l-aktar preżentabbli. Iċ-ċatt ħafna drabi fil-għajn ma tantx jidher sabiħ, imma l-aktar tajjeb biex wieħed jiekol bih il-ħobż biż-żejt. Il-bdiewa meta jieklu l-ħobż bil-ġobon, jużaw ukoll li jieklu tadama jew tnejn mal-ħobż. Xi żmien ilu daħal ukoll it-tadam-ċiras jew *cherry tomatoes*, li wkoll għandhom togħma tajba ħafna u hawn min ifittixhom biex jikolhom b'xejn.

### Kunserva u tadam imqadded

Illum il-kunserva nixtruha lesta. Imma l-bdiewa kienu jafu jagħmlu l-kunserva huma stess. Qabel xejn kien hawn magni żgħar ta' l-idejn, qishom passatur bi skrun ġo fih, li bihom kienu jagħsru t-tadam. It-tadam kien jingħasar f'borma kbira b'din il-magna. Imbagħad kienu jsibu investa nadifa u bajda, u jbattlu l-kunserva ftit ftit ġo fiha biex isaffuha mill-ilma żejjed. Wara dan, il-kunserva jqassmuha fil- platti, jixħtulha l-melħ, u jnixxfuha fix-xemx fuq xi bejt jew ċint tar-razzett. Jekk ikun meħtieġ iżidulha iżjed melħ biex ma tiqrasx u jkomplu jnixxfuha. Fl-aħħar nett, jimlewha ġo vażetti apposta u, billi tkun mielħa, isservi x-xitwa kollha. Iż-żerriegħa bil-għasir ma jiġrilha xejn, anzi tinġabar biex tkun tista' tinżera' s-sena ta' wara.

It-tadam jista' wkoll jitqadded fix-xemx billi wieħed jaqsmu tnejn u jitfagħlu l-melħ fuqu u jħallih jinxef. Xħin jinxef kemm ikun meħtieġ it-tadam jerġa' jingħalaq u jitħalla ftit ieħor fix-xemx, imbagħad jinġabar u jintrass sewwa f'xi vażett tal-ħġieġ biex jiġi kkunsmat fix-xitwa, l-aktar fit-tisjir u bil-ħobż biż-żejt.

## *Prodotti oħra tat-tadam*

Fis-seklu għoxrin, it-tadam sar hekk popolari li tista' tgħid il-Maltin u l-Għawdxin kollha bdew jużawh fit-tisjir, għax it-tadam jagħti dik id-dehra ħamranija u sabiħa lill-ikel. Bdew ukoll jitwaqqfu magni apposta li jagħsru t-tadam u jagħmluh kunserva. Il-kunserva tal-magna ma tkunx mielħa bħal dik tad-djar, imma b'togħma ħelwa u tinbiegħ fil-landi u fil-bottijiet, illum anki fil-vażetti, biex tiġi kkunsmata ftit wara li tinfetaħ. Din tista' tkun ta' diversi gradi skond il-konċentrat tat-tadam li jkollha. Illum bil-magni jagħmlu wkoll fil-bottijiet il-pelat (tadam imqaxxar), iz-zalza, il-*ketchup* u l-meraq (juice).

## *Il-biedja tat-tadam*

It-tadam irid jinżera' kull sena malli jgħaddi l-ksieħ. Għall-ewwel it-tadam jinżera' fil-mixtla minn April 'l quddiem. Aktar ma l-mixtla tinżera' kmieni, aktar ix-xitel jilħaq kmieni għat-taħwil. Għalkemm tibża' mill-kesħa, ix-xitla tat-tadam m'hix delikata wisq u għalhekk, sakemm ma tkunx marida, wara li titħawwel u tingħata daqsxejn ilma, malajr taqbad u tibda ġejja 'l quddiem. It-tadam jista' jitħawwel f'kull tip ta' ħamrija, basta tkun imdemmla minn qabel: ħamri, bajjad, u ħamrija mrammla fil-każ tas-saqwi, u ħamrija xi ftit grassa jew żejtnija fil-każ li t-taħwil isir fir-raba' bagħli. It-tadam li jikber bit-tira m'għandux bżonn tisqija. Il-bdiewa ta' llum iħawlu għelieqi sħaħ tadam u jbigħuh lil tal-Magna tal-Kunserva.

Biex iħarsuh mill-mard it-tadam kienu jgħabbruh bil-kubrit. Infatti, għat-tadam il-kubrit hu l-aqwa mediċina kontra l-mell u l-fungi.

L-istaġun tat-tadam jaħbat fix-xhur tas-sajf. Imma l-aktar tadam li jilħaq kmieni jitkabbar fil-għelieqi tan-Nadur, Għawdex, li jħarsu għal fuq il-baħar. Dari dan it-tadam bikri kien iġib ħafna flus għax kien uniku għall-gżejjer tagħna. ħafna minnu kien jinbiegħ Malta. llum ukoll it-tadam jikkultivawh b'diversi modi. Hekk insibu tadam tal-qasba (jixxeblek ma' qasba), tadam tal-werqa (jkun imkennen b'werqa ta' d'Indja jew tal-pal tal-bajtar), tadam tas-saqwi (li jissaqqa), u tadam tal-bagħli (jikber bla ma jissaqqa). It-tadam jitkabbar ukoll fis-serer jew *glasshouses* u, għalhekk, daż-żmien ikollna t-tadam is-sena kollha. Dari t-tadam konna nsibuh fis-sajf biss u għall-ewwel kien jidher it-tadam tan-Nadur li jibda jilħaq f'Ġunju. It tadam ta' l istaġun, dak li jitkabbar fir-raba', jispiċċa malli joħroġ ix-xahar ta' Ottubru, għax ma' l-ewwel xita t-tadam jibdel it-togħma.

F'Għawdex it-tadam jinqata' bl-idejn u jimtela f'kaxxi apposta biex jinbiegħ jew fil-pitkalija jew lill-magni tal-għasir tal-kunserva.

Normalment, it-tadam li jitkabbar fis-serer imur għall konsum fid-djar jew fl-istabbilimenti ta' l-ikel, u għalhekk, jew jinbiegħ direttament mill-bidwi mill-għalqa tiegħu, jew inkella permezz tal-pitkal u mbagħad mingħand tal-ħaxix. Fis-sajf imur għall-konsum fid-djar tadam ieħor li jitkabbar fir-raba'.

It-tadam li jittieħed il-magna għall-għasir biex isir kunserva jitkabbar fir-raba' fl-istaġun tas-sajf u jkun fl-aqwa tiegħu fix-xhur ta' Lulju, Awissu u Settembru. Ħafna drabi s-sidien tal-magna tal-kunserva kienu jipprovdu d-dugħ huma stess li kien jikkonsisti f'kaxxi ta' l-injam ta' l-istess qies u kienu jibagħtu t-trakk biex jieħdu l-magna.

Xi sidien tal-magna Maltin kienu jixtru t-tadam minn Għawdex u għalhekk kien ikollhom postijiet fejn jinġabar dan it-tadam li jkun se jittieħed Malta. Min-naħa tagħhom is-sidien Għawdxin kienu jixtru t-tadam minn Malta wkoll.

Hawn ta' min igħid ukoll li t-tadam li kien jittieħed il-magna għall-għasir kien jinqasam f'żewġ tipi: dak bżenguli u dak ċatt. Il-bżenguli kien iġib prezz ogħla minn dak ċatt. It-tadam kien jinxtara min-neguzjanti "bir-raġuni" jiġifieri meta l-bidwi jiġi biex jitħallas, kienu jaqtgħulu sitt ħabbiet (2 mils) fuq kull qantar, li kienet tissejjaħ "tar-raġuni". Din is-sistema kienet tintuża wkoll dari fil-ħlas tal-qoton u tal-kemmun.

## *Il-valur tat-tadam bħal ikel*

It-tadam huwa frott veġetali li ġie biex jibqa'. Huwa għani bil-vitamini A u C u minn studji li saru dan l-aħħar sirna nafu li min jiekol u jikkonsma ħafna tadam (u kunserva) jiffranka li jimrad bil-kankru tal-prostata, tal-pulmun u ta' l-istonku. It-tadam ta' Għawdex huwa fost l-aħjar li jitkabbar fil-Mediterran għax jara ħafna xemx u m'hux imbiegħed mill-baħar. Fis-snin ta' qabel il-gwerra l-bdiewa tagħna kienu talbu lill-Gvern biex jipproteġihom għax kien jidħol ħafna tadam mill-Eġittu. B'xorti ħażina, billi issa sirna membri ta' l-Unjoni Ewropea, jista' jasal żmien meta l-bidwi tagħna ma jkunx jaqbillu li jkompli jkabbar dan il-prodott lokalment.

## *Il-Magni tal-Kunserva*

It-tadam jitkabbar l-aktar biex jinħadem kunserva u prodotti oħra tal-kunserva f'magni u fabbriki apposta li jaħdmu b'makkinarju modern.

F'Għawdex l-ewwel magna tal-kunserva li twaqqfet kienet dik ta' l-aħwa Magro ta' Għakrex, neguzjanti Għawdxin, li bdiet taħdem nhar l-Erbgħa, 28 ta' Lulju, 1937, u dak in-nhar kienet imsejħa '*St. Mary*'. Wara l-prodott beda jġib il-marka *Three Hills*. Din il-magna kienet tinsab fi Triq il-Wied, tad-Dawwara, ir-Rabat, Għawdex. (Il-Berqa 2 ta' Awissu, 1937, p. 11).

Fi Frar 1960 fetħet il-fabbrika "*Gozitano*" tal-Koperattiva Għawdxija tal-ħalib u l-Biedja f'Tal-Barmil, ix-Xewkija, għalkemm uffiċjalment kienet ġiet inawgurata mill-Gvernatur ta' Malta, Sir Guy Grantham fit-30 ta' Lulju, 1961. Din il-fabbrika kienet saret bil-ħidma tas-Sur Edgar Soler.

Fil-bidu tas-snin disgħin tas-seklu l-ieħor, l-aħwa Magro ngħataw b'ċens mill-Gvern biċċa art kbira x-Xewkija biex fiha jibnu kumpless li jinkludi fih magna għall-ipproċessar tat-tadam bl-iskop li l-fabbrika tibda tesporta l-prodotti tagħha.

Ix-xogħol tal-bini beda f'Settembru, 1990, u sentejn wara, fi Frar/Marzu ta' l-1992, fil-parti tal-bini li kienet lesta, bdew jagħmlu l-bottijiet. Fl-1995 sar l-ewwel għasir tat-tadam biex jinħadem kunserva. Il-fabbrika l-ġdida tax-Xewkija għandha kapaċità ta' għaxar darbiet aktar minn dik li kellhom ir-Rabat, li kienet tagħmel prodotti għas-suq lokali biss. Il-fabbrika tax-Xewkija, li għandha wkoll iċ-ċertifikat ta' l-iġjene ta' l-ikel skond l-*istandards* ta' l-Unjoni Ewropea, bdiet taħdem ukoll għall-esportazzjoni. Infatti fl-1996 ġew esportati l-ewwel prodotti. Illum il-fabbrika ta' *Magro Brothers* fix-Xewkija tagħmel 'il fuq minn 80 prodott, u 60% tal-produzzjoni ssir għall-esportazzjoni. Bla ebda dubju ta' xejn, il-fabbrika ta' *Magro Brothers*, fix-Xewkija, hija l-aqwa waħda għall-produzzjoni ta' l-ikel fil-gżejjer Maltin.

***(Jissokta)***

LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA — Minn George N. Cassar

# IMBERKIN jew MISĦUTIN?




| | |
|---|---|
| **Ix-Xiħ:** | **...... Min hu qalbu tajba ma jbatix għal dejjem.. xi darba l-Fortuna tmissu..** |
| **Spiru:** | **Mela lilek għax ma messitekx? Int m'intix qalbek tajba?** |
| **Ix-Xiħ:** | **X'jonqosni, ibni ? Lili l-Fortuna fetħitli wkoll.** |
| **Tonina:** | **Tassew ? Fetħitlek il-bieb?** |
| **Ix-Xiħ:** | **Fetħitli, binti .** |
| **Spiru:** | **Tassew ? Sibt xejn flus, nann, x'ħin dħalt ġewwa ?** |
| **Ix-Xiħ:** | **Sibt dak li kelli bżonn dak il-ħin. . ..sibt skutella kafè taħraq bil-ftiet.. Tkun imbierka l-ħniena t'Alla, ma rrid xejn iżjed..** |
| **Tonina:** | **Daqshekk biss, nann ? Daqshekk mhux ftit ?..** |
| **Ix-Xiħ:** | **X'nambi iżjed ?** |
| **Spiru:** | **Flus.. . ..ma għandekx bżonn flus ? ..** |
| **Ix-Xiħ:** | **X'nagħmel bil-flus, ibni ? .. . .Nerġa' nsir żgħir ma nistax; nixtri l-mewt bihom ma nistax... ..Il-Fortuna tiegħi tagħtini dak li jkolli bżonn dak il-ħin.** |
| **Spiru:** | **Eh ! Xi ftit !** |
| **Tonina:** | **B'daqshekk tgħid li l-Fortuna fetħitlek ?** |
| **Ix-Xiħ:** | **Għala le, binti ? Mhux fortuna li bħalissa qed nieħu gost b'din l-iskutella kafè, li qiegħed nistrieħ bil-qiegħda ?.. . .. li m'iniex inħoss il-bard ?..** |

Ix-Xiħ li għandna f'dis-silta meħuda mill-kummiedja "Il-Fortuna tal-Bakkaljaw" ta' Ġuże' Aquilina mhuwiex xi xiħ żmagat. Jaf x'qed jgħid. Jgħid u jiftaħar li huwa kuntent għax sab min inewwillu skutella kafè, għax qiegħed jistrieħ bil-qiegħda u mhuwiex iħoss bard. Għalih daqshekk biżżejjed. U ngħiduha bla tlaqliq, min ikun sodisfatt b'li għandu, fqir kemm hu fqir, jista' jqis ruħu b'sinjur, forsi aqwa mill-aqwa sinjurun.. Għandu mnejn dax-xwejjaħ kien jitlob l-istess talba li kien iħobb jitlob ir-Re David: "Mulej, tagħtinix la faqar u l-anqas għana. Tini biss dak li neħtieġ għall-ħajja."

### *Xejn mhu b'xejn*

Sabiħa dit-talba tar-re David, ta' min jidra jgħidha kuljum. Imma ssib min jgħidlek , u ma nafx min jista' jlumu, biex tlaħħaq mal-ħajja trid il-flus, anzi gelgul ta' flus u miskin int jekk tfittex u ma ssibx. Il-patri li ntrabat bil-vot tal-faqar jiġi bżonnhom kif tiġi bżonnhom il-mara tad-dar kull meta toħroġ għax-xirja. Il-flus għandek bżonnhom jekk trid li jkollok platt fuq il-mejda u saqaf fuq rasek; tridhom biex tħallas il-kontijiet, biex tilbes u tiddeverti. Xejn mhu b'xejn. Ma nistax nimmaġina soċjetà ċivilizzata kif tista' tgħaddi mingħajrhom. Huma

li jdawru r-rota tal-ħajja u jagħtuna sigurtà u sens ta' serħan il-moħħ. Il-flus fihom is-saħħa u hawn min jgħidlek li fihom ukoll il-barka t'Alla. Mhux hekk biss, meta jitkellmu huma, qisu tkellem l-oraklu. Bihom issodd il-ħluq u tiftaħ il-bibien li trid - niftiehmu, barra dawk ta' 'l fuq mis-sħab.

### Bihom tixtri l-qoxra, mhux il-qalba

Imma, u din hija imma kbira, jaf ikollok il-mijiet u l-eluf u l-inkwiet jibqa' ma' wiċċek xorta waħda. "Nixtri l-mewt bihom ma nistax" qalilna x-Xiħ. Il-kobob tal-problemi jibqgħu ma jinħallux. L-anqas sa jżidulek fis-saħħa jew fl-għerf, fil-ġmiel jew fl-hena. Dil-verita' joħroġha b'mod enfatiku d-drammaturgu Norveġiż Henrik Ibsen :

*"Bil-flus tista' tixtri l-qoxra imma mhux il-qalba;*
*l-ikel imma mhux l-aptit;*
*il-mediċina imma mhux is-saħħa.*
*Bihom tista' ssir taf in-nies imma b'daqshekk ma jkollokx ħbiberija;*
*bihom issib min jaqdik imma ma jagħtukx fedeltà;*
*bihom tgħaddi ġranet ta' ferħ imma ma jġibulekx hena u sliem."*

Barra minn dan, il-flus mhumiex garanzija tas-suċċess ; mhux dejjem jixprunawk. Min hu mżejjen b'ħeġġa u rieda qawwija, anki jekk jinzerta fqir daqs Ġobb, kapaċi jasal fejn irid. Nafu b'artisti kbar li għexu fil-faqar. Kos, qed ngħid bejni u bejn ruħi, kieku dawn l-artisti sabu min ifawwarhom bil-miljuni, kif kien jixirqilhom, għandu mnejn kienu jżarmaw kmieni u ħafna mill-kapulavuri li tawna ma konniex ingawduhom. Hemm imbagħad lista twila ta' eroj , fosthom missjunarji Maltin , li l-flus ma jagħmlux bihom. Araħom jiċċaħħdu mill-ġid kollu ta' madwarhom, jitfgħu l-ankri f'xi pajjiż tat-tielet dinja biex lil min hu batut iqabbduh it-triq tal-ġid u tas-sliem.

### L-inkwiet tal-flus

Il-flus imarrduk bil-virus li jġorru magħhom meta jibdew jikkontrollawlek ħajtek. Meta flok jibqgħu tiegħek, int issir tagħhom; flok jaqduk , isiru s-sidien tiegħek, sidien perikolużi għall-aħħar. Torqod u tqum, moħħok jħewden dejjem bil-flus. L-imniezel li tkun ġemmajt flok jagħtuk serħan il-moħħ, ma jħallukx tmidd rasek fuq l-imħadda bil-kwiet. Ħajtek nistħajjilhom jagħmluhielek qisha biċċa faħma qed tinħaraq.

Mhux ta' b'xejn il-Maltin ħolqu ħrafa qasira, ftit u xejn eretika. Jgħidu li meta Alla ġie biex joħloq il-flus, Huwa qal: "Sa noħloq xi ħaġa egħżeż minni." Għall-flus hawn min lest jagħmel kulma jiġih f'rasu, kont sa ngħid, ibigħ ruħu. L-agħar tradiment li nsibu fl-istorja sar għal tletin biċċa tal-fidda. Fi żmien l-aħħar gwerra f'pajjiżna kien daħal is-suq l-iswed u kellna min seraq u selaħ kemm felaħ. Il-flus ibiddlu mhux biss l-idejn imma anki l-imħuħ u l-qlub. Hawn min ma jsibha xejn bi kbira li għax jiflaħ iħallas, araħ iħaxxem u jqarraq. Sa fl-isports jidħol dal-ħmieġ. Naturalment meta l-qerq isir fuq skala nazzjonali jitlob kundanna akbar.

Qrajna b'pajjiżi ċivilizzati li stagħnew kemm felħu minn fuq dahar popli fqar meta xtraw minn għandhom materja prima u ħallsu għaliha bil-ħbub. Alla biss jaf kemm tilwim u ġlied jinqala' ħtija tal-flus, kemm jinħadmu nases ta' inganni minħabba fihom. Il-Malti għandu raġun jgħidlek li huma "mitraħ tax-xewk". Giovanni Papini nqeda b'terminu iktar iebes u sejħilhom "ħmieġ tax-xitan". Naturalment, tista', iva, tagħmel għomrok u żmienek tmaqdarhom u tisħethom kemm tiflaħ, imma kif aċċennajt fil-bidu, għalihom ikollok taqa', lilhom jitolbuk iddendel. Bħalissa qed jaħbat ma' moħħi aneddotu ħelu u nagħlaq bih.

*Wieħed avukat Russu magħruf rebbaħ kawża diffiċli. Il-klijent tiegħu, wara li sab ruħu liberat, dar fuqu u qallu :*

*"Sur avukat, emminni, ma nafx kif ser nibqa' nafħulek ?"*

*U l-avukat, ta' avukat li hu, wieġbu fil-pront:*

*"Ħabib tiegħi, minn mindu l-Feniċi ivvintaw il-flus, tweġiba waħda biss hemm għall-mistoqsija li għamiltli ."*

DM
David's Bakery Caterers
Il-Kwalità l-ewwel!
Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

# MILL-KUNSILLI LOKALI TA' GHAWDEX

*Informazzjoni u Rapporti mibgħuta mis-Sindki tad-diversi Kunsilli Għawdxin*

# Ħidma f'Diversi Livelli għal Kerċem Aħjar

**Jikteb Joe Grima, Sindku ta' Kerċem**

*Il-Prijoritajiet tal-Kunsill:*
*INFRASTRUTTURA - AMBJENT - EDUKAZZJONI*

B'dawn il-prijoritajiet quddiem għajnejna, sentejn ilu meddejna għonqna għall-programm vast ta' xogħol f'din ir-raba leġiżlatura minn kemm ilu li twaqqaf l-ewwel Kunsill Lokali fir-raħal tagħna fl-1994. Hija ħaġa mill-aktar naturali li aħna bħala membri tal-Kunsill nidentifikaw diversi xogħlijiet li jridu jsiru, imbagħad b'għaqal naraw kif nistgħu nwettquhom matul it-tlett snin ta' amministrazzjoni. U hekk għamilna, ftit wara li ġejna eletti fl-aħħar elezzjoni tal-Kunsill f'Ġunju 2004. Fassalna programm ta' xogħol u bil-mod il-mod qed naraw li dan jitwettaq.

### • *INFRASTRUTTURA*

Il-qasam ta' l-infrastruttura dejjem ingħata prijorità kbira, u nistgħu ngħidu li huwa l-aktar qasam li jieħu ammonti kbar ta' flus. Il-flus allokati għall-infrastruttura jintefqu prinċipalment fil-bini ta' toroq ġodda, proġetti ta' tisbiħ u issa wkoll fil-proġett tal-bini taċ-ċentru ċiviku ġdid.



### *Toroq*

Fost it-toroq li lestejna f'dawn is-sena u nofs nistgħu nsemmu Triq Qasam San Pawl, Triq Għajn Tuta u Triq Franġisk u Rosa Camilleri. F'din ta' l-aħħar ħsibna wkoll biex nagħmlu gandott għall-ilma tax-xita, filwaqt li waħħalna fanali dekorattivi u qsari. Fit-toroq kollha li qed niksu bit-tarmak, qed nibdlu s-servizzi kollha bħal ilma, drenaġġ u telefon. Bħalissa ninsabu fl-aħħar preparamenti sabiex fil-ġimgħat li ġejjin nibdew ix-xogħlijiet fuq Triq il-Ġojjin, Triq ix-Xagħri, Sqaq Xirfi u parti minn Triq l-Avukat Anton Calleja. Bħalissa qed insofru wkoll minn ħsarat fit-toroq kawża tax-xita kontinwa li għamlet. Għal ġimgħat sħaħ ix-xita ma ppermettietx lill-Kunsill sabiex isewwi dawn il-ħsarat, iżda ninsabu ppreparati biex hekk kif it-temp ikun aħjar, inkunu nistgħu nsewwu dawn il-ħsarat.

### *Ċentru Ċiviku*

Rigward il-bini taċ-ċentru ċiviku nistgħu ngħidu li lestejna l-fażi l-aktar diffiċli tal-proġett. Id-devoluzzjoni ta' l-art fejn qed jinbena dan iċ-ċentru fi Pjazza Orvieto, kienet saret f'Lulju 2003. F'Jannar 2005 il-MEPA approvat il-



permessi neċessarji kollha, u allura kien imiss li jinbeda x-xogħol fuq is-sit. Iċ-ċentru ser ikollu faċċata ta' 60 pied b'fond ta' 90 pied. Sar it-tħammil kollu ta' l-art, u nbnew pedamenti kbar. Inbena wkoll il-*basement* taċ-ċentru, u issa jmiss is-saqaf sabiex hekk ikollna l-ewwel fażi kompluta.

Meta ċ-ċentru jkun lest ser jilqa' fih l-uffiċini tal-Kunsill, l-Għassa tal-Pulizija, l-Berġa u l-Librerija.

## *Pjazza Santa Luċija*

Ħdimna u lestejna wkoll il-proġett ta' tisbiħ ta' Pjazza Santa Luċija. Hemmekk bdilna d-dehra ta' din il-pjazza permezz ta' bankini, fanali dekorattivi, qsari kbar u bankijiet.

## *Masġar tal-Familja*

Bħalissa qed inlestu wkoll il-pjanti tal-Masġar tal-Familja li ser isir fi Triq il-Ħorġ fis-snin li ġejjin. Il-pjanti l-ewwel jintbgħatu lill-MEPA, u wara għandha ssir id-devoluzzjoni tal-art lill-Kunsill sabiex ikun jista' jibda x-xogħol.

## • *AMBJENT*

Meta ssemmi l-kelma ambjent, tkun semmejt kelma li fiha tiġbor ħafna affarijiet mill-aktar importanti u vitali fil-ħajja ta' llum. Illum ilkoll kemm aħna nirrikonoxxu l-ħtieġa li l-ambjent tagħna nħarsuh. Għalhekk, il-Kunsill Lokali tagħna qed jinvesti eluf ta' liri fis-sena f'dan ir-rigward. Dan qed nagħmluh f'dak li għandu x'jaqsam ma' indafa u proġetti oħra.

## *Indafa*

Dwar l-indafa, nistgħu ngħidu li l-Kunsill Lokali tagħna joffri l-massimu fejn jidħlu servizzi: ġbir ta' skart mid-djar, kennies, ġbir ta' skart goff permezz ta' *open skips* darbtejn fil-ġimgħa, *bulky refuse on-demand* u anke *Bring-in Site*. Huwa xieraq li nirringrazzja lir-residenti kollha li qed jikkoperaw ħafna mal-Kunsill sabiex ir-raħal tagħna jinżamm fl-aħjar stat possibbli f'dak li għandu x'jaqsam ma' ndafa.

## *Proġett tal-Għadira*

Rigward proġetti oħrajn nista' nsemmi dak tal-bini ta' ħitan tas-sejjiegħ fit-triq ta' l-Għadira ta' San Raflu. Hawnhekk b'wiċċna minn quddiem nistgħu ngħidu li qegħdin insalvaw dan il-post mill-ħerba li kien jinsab fiha. Diġà bnejna mijiet ta' metri ta' ħitan.
Fil-ġimgħat li għaddew bdejna wkoll proġett ieħor ta' bini ta' ħitan tas-sejjiegħ – din id-darba fi Triq ta' Doti u Triq Qasam San Pawl. Dan ix-xogħol qed isir minn żewġ ħaddiema li l-Kunsill akkwista mingħand il-Gvern. Ix-xogħol ser jitkompla f'partijiet oħra tar raħal.

Qed naraw ukoll li kull sena jitħawlu għadd ta' siġar ġodda f'inħawi differenti tar-raħal tagħna. Kull sena qed norganizzaw ukoll l-attività "Jum is-Siġar".

## • *EDUKAZZJONI*

Il-qasam edukattiv huwa wkoll wieħed mill-pilastri importanti fi żminijietna. B'edukazzjoni ma nifhmux biss it-tagħlim fl-iskejjel tagħna, jew kemm jidħlu studenti minn Kerċem fl-Università. Hemm diversi affarijiet oħra importanti li permezz tagħhom inkunu ngħinu lir-residenti tagħna jkunu aktar edukati, fosthom:

1. Bdilna l-post tal-Librerija Lokali u allura għamilniha aktar aċċessibbli għal kulħadd.
2. Investejna f'xiri ta' kotba ġodda.
3. Qed noffru *Internet* b'xejn lill-istudenti u lil dawk li għandhom bżonn.
4. Nedejna korsijiet fil-*computer* u fis-snajja tradizzjonali, bħal ganutell u monasteru.
5. Għinna lill-iskejjel tagħna anke f'dak li għandu x'jaqsam il-qasam sportiv u kulturali.
6. Għinna lin-*nursery* tal-Kerċem Ajax FC f'diversi inizjattivi.

## • *INIZJATTIVI OĦRA*

Fost id-diversi inizjattivi oħra li qed jieħu l-Kunsill Lokali Kerċem nista' nsemmi dawk marbuta mal-ħarsien tal-ambjent storiku tar-raħal tagħna. Ftit tal-ġranet ilu waslu l-permessi neċessarji sabiex ikun jista' jsir ir-restawr tal-Għajn tal-Lunzjata minn "Din l-Art Ħelwa". Għandna aktar xogħlijiet ipprogrammati f'inħawi oħra tal-Lunzjata, anke ma' għaqdiet oħra, fosthom "Wirt Għawdex".

Nedejna l-"Ġimgħa tal-Kostitwenza" bi programm sħiħ ta' attivitajiet mifruxa fuq diversi ġranet. Din ser tibqa' ssir kull sena.

Il-*website* tal-Kunsill www.kercem.gozo.com inbidlet f'ġurnal elettroniku li jiġi aġġornat kuljum bl-aħħar aħbarijiet dwar ir-raħal u l-għaqdiet tiegħu.

Bdejna naħdmu wkoll sabiex naraw kif nisfruttaw xi benefiċċji li nistgħu nieħdu mill-ġemellaġġ li r-raħal tagħna għandu mal-belt taljana ta' Orvieto.

Dawn huma kollha frott tal-għaqda li teżisti fil-Kunsill Lokali tagħna. Flimkien qed inkomplu naħdmu sabiex naraw il-lokalità tagħna aħjar milli hi llum.

**STEDINA LIS-SINDKI KOLLHA**
**TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX**

Nilqgħu artikli u rapporti bir-ritratti fuq xi attivitajiet li saru jew proġetti ġodda li se jsiru fil-lokalità tagħkom. Ibagħtu r-rapporti *word processed* flimkien mar-ritratti fuq diskette jew CD lid-Direzzjoni tar-Rivista sa' l-aħħar tax-xahar.



XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# *Fra Krispin Zammit - 1*

## *(1788 - 1867)*

Wieħed mill-Għawdxin li miet proprju b'fama ta' qdusija huwa Fra Krispin Zammit, ajk Kappuċċin. Ma għamel xejn speċjali iżda dak kollu li wettaq għamlu b'imħabba kbira.

Fra Krispin twieled fit-22 ta' Diċembru 1788 fl-inħawi tal-Belliegħa f'Victoria, Għawdex, qrib ħafna tal-kunvent tal-Kappuċċini. Fil-magħmudija ngħata l-ismijiet ta' Nikola, Ġużeppi u Pietru. Il-ġenituri tiegħu, Valerju u Marija Zammit, kienu jaqilgħu ħobżhom mill-biedja u għalhekk Nikola trabba f'dan l-ambjent. Huwa qatt ma rċieva edukazzjoni formali fi skola iżda ħa t-tagħlim nisrani mill-ġenituri tiegħu u minn tliet ħutu kbar: tnejn ingħaqdu mal-Kappuċċini u ieħor mal-Franġiskani Konventwali.

Sa minn età żgħira Nikola ħa grazzja mal-Kappuċċini peress li kien joqgħod xi għaxar minuti biss mixi mill-kunvent ta' din l-ordni. Ħass is-sejħa li jsir reliġjuż ajk. Dan ifisser li jgħix it-tliet voti tal-faqar, kastità u ubbidjenza mingħajr ma jsir saċerdot. F'din is-sitwazzjoni huwa sab ruħu f'dilemma. Il-ġenituri tiegħu kienu jeħtieġu l-għajnuna tiegħu peress li f'dawk iż-żminijiet ma kienx hawn servizzi soċjali. Iżda mnebbaħ minn Alla u mill-konfessur tiegħu fetaħ qalbu magħhom fuq ix-xewqa li kellu. Peress li kellhom għal qalbhom l-għożża tar-rieda ta' Alla ma ridux imorru kontra x-xewqa ta' binhom. Ta' min jinnota li meta wasal għal din id-deċiżjoni kellu ħamsa u għoxrin sena u dan juri d-determinazzjoni tiegħu li jsir reliġjuż.

Għalhekk wara li ddeċieda li jħalli kollox għamel talba lill-gwardjan tal-kunvent tal-Kappuċċini ta' Għawdex biex jingħaqad ma' din l-ordni. Dan mill-ewwel għarraf lill-Kustodju f'Malta. Wara li ħalla xi jiem jgħaddu, bagħat għal Nikol u fit-3 ta' Marzu 1814 il-Kustodju P Ġużepp Maria tah il-libsa kappuċċina bl-isem ta' Fra Krispin, fil-Furjana, Malta. Għadda sena bħala novizz fil-kunvent ta' Santa Liberata l-Furjana. Il-patrijiet kienu tal-fehma li Fra Krispin kien l-aktar wieħed virtuż fost in-novizzi. Wara għamel il-voti perpetwi kif ukoll il-professjoni sollenni.

Ix-xogħlijiet li wettaq kienu ta' ċirkatur, jiġifieri li jiġbor il-karità għall-kunvent filwaqt li dejjem ta' xhieda ta' iben San Franġisk u kien residenti fil-kunvent tal-Furjana. Fl-1867 marad bl-idropsija li wasslitu biex jiltaqa' ma' Ġesù li għalih iddedika ħajtu. F'lista tar-reliġjużi Kappuċċini 1588-1955 insibu miktub hekk fuqu: "L-ajk Fra Krispin minn Għawdex, li miet bi fwieħa ta' qdusija, u wara mewtu qala' mijiet u mijiet ta' grazzji li għamluh magħruf f'kull rokna ta' Malta u Għawdex".

Illum il-fdal tiegħu jinsab fil-kannierja tal-Kappuċċini l-Furjana f'tebut trasparenti, wieqaf u liebes it-tonka f'niċċa ġol-ħajt.

***Angelo Xuereb***

*(Din is-sensiela hija bbażata fuq il-ktejjeb 'Ħajja tal-Qaddej ta' Alla Fra Krispin minn Għawdex, ajk kappuċċin tal-provinċja ta' Malta', miktub P. Elija minn Ħal Lija O.F.M. Cap, Malta 1956).*




MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31




### *Deus Caritas Est (Alla Hu Imħabba)*

Dan hu t-titlu ta' l-ewwel Enċiklika ta' Benedittu XVI, maħruġa b'seba' lingwi fil-25 ta' Jannar li għadda. Hi ndirizzata lill-Kattoliċi kollha u hi maqsuma f'żewġ sezzjonijiet: waħda fuq it-tifsira ta' l-imħabba fl-istorja tas-salvazzjoni u l-oħra fuq il-prattika ta' l-imħabba mill-Knisja. Il-Papa qal li l-għan tiegħu kien li jitkellem dwar l-imħabba li Alla għandu għalina u li min-naħa tagħna rridu naqsmu ma' l-oħrajn. Iż-żewġ aspetti, l-imħabba personali u l-prattika tal-karità, huma profondament marbuta flimkien, huwa qal.

### *Eżempju qawwi ta' maħfra*

Mehmet Alì Agca, li fl-1981 ipprova joqtol lil Ġwanni Pawlu II, inħeles mill-ġustizzja Torka bla ma talab pubblikament maħfra, spjega rappreżentant tas-Santa Sede. "Ġwanni Pawlu II ħafer lil dak li pprova joqtlu", iddikjara fid-9 ta' Jannar Mons. Stanislaw Dziwisz, l-Arċisqof ta' Krakovja, permezz tal-portavuċi tiegħu Fr. Robert Necek. "Bla ma nidħol fil-kwistjoni, niftakar fi frażi tal-Papa: 'Kif nistgħu nippreżentaw ruħna quddiem il-Mulej jekk ma naħfrux lil xulxin?'" huwa qal. Il-Papa kien wera fil-beraħ il-maħfra għall-aggressur tiegħu u kien żaru fil-ħabs fis-27 ta' Diċembru 1983.

### *L-Iraq jerġa' jsir "Knisja tal-martri"*

L-Arċisqof ta' Kirkuk, Mons. Louis Sako, fisser li l-komunità nisranija Iraqqina qed "tinbidel għal darba oħra fi Knisja tal-martri" wara l-attentati b'karozzi bomba li saru kontra nsara miġbura għall-quddiesa tal-Ħadd tad-29 ta' Jannar. Almenu tliet persuni mietu u aktar minn 20 sfaw feruti minħabba esplużjonijiet li seħħew f'sitt knejjes f'Bagdad u fil-belt ta' Kirkuk.

### *Aktar monsaterji fl-inħawi foqra tad-dinja*

Skond Suor Gisela Happe O.S.B. segretarja ġenerali ta' istituzzjoni li tikkoordina l-attività internazzjonali ta' Benedittini, Trappisti u Histerġensi, "jitwaqqfu dejjem aktar monasterji kontemplattivi fir-reġjuni l-aktar foqra tad-dinja". Suro Gisela fissret li "attwalment fid-dinja hawn madwar 16,000 sorijiet Benedittini, 8,000 monaċi ta' l-istess ordni, 2,000 Trappisti u 2,000 Histerġensi". "F'dawn il-kongregazzjonijiet kontemplattivi – kompliet tgħid – qed iqumu ħafna vokazzjonijiet, l-aktar fil-Vjetnam, fil-Filippini u fil-Korea ta' Isfel". Hija fakkret ukoll kif fl-2002, is-Sorijiet Benedittini ta' Lumbashi (Repubblika Demokratika tal-Kongo) waqqfu fiċ-Ċiad l-ewwel kunvent kontemplattiv tal-Pajjiż.

### *Konklużjonijiet tassew attwali*

Dokument ippubblikat mill-Kunsill Pontifiċju tal-Kultura dwar il-fidi nisranija llum u n-nuqqas ta' twemmin u l-indifferenza reliġjuża, isemmi dawn il-konklużjonijiet mibnija fuq indikazzjonijiet u proposti ġejjin mill-ħames kontinenti: (1) l-importanza li nixhdu l-ġmiel li nkunu persuna maħbuba minn Alla; (2) il-ħtieġa li nġeddu l-apoloġetika nisranija; (3) li nilħqu l-*homo urbanus* bi preżenza pubblika fid-dibattiti soċjali; (4) il-kuraġġ li nirreaġixxu bi proposta ġdida u ferħana ta' kultura nisranija quddiem kultura dominanti spiss nieqsa mit-twemmin u indifferenti fejn tidħol ir-reliġjon, (5) nuru li l Kristjaneżmu hu aħbar tajba għall bnedmin u l kulturi kollha.







*Għawdxin li għadna niftakru - 31* *Minn Pawlu Mizzi*

# MASTRU MIKIEL TAL-BADIKU

Tassew ma tridx tkun gharef illum biex tieħu ritratt. B'biċċa kamera diġital u b'par għajnejn tajba tiġbed li trid!'

Anke tifel! B'mowbajl jieħu ritratt jgħaġġbek!

'Mur ġib lis-surmast tal-Badiku!' għidt bejni u bejn ruħi.

Tbissimt mal-ħsieb. U għal sekonda bqajt naħseb. Kien, imma, biżżejjed dak il-ħsieb biex jixgħelli l-imgħoddi ta' tfuliti.

Is-surmast tal-Badiku kien diġà ħareġ bil-pensjoni meta rajtu l-ewwel darba. Kelli xi seba' snin, 'kk ma niżbaljax fl-*Empire Day* tal-1937 fis-*Silver Jubilee Ground* tax-Xewkija. Żgur li kont fil-klassi tas-ser Xerri – dak li llum ħafna minnha nafuh bħala Marċell ta' Nina. Niftakar l-għada tal-*holiday* ta' l-*isports day*, kif dħalna fil-klassi – bilkemm konna għadna raddejna salib niftakar – kien tellagħni bilqiegħda fuq il-*cupboard* u qalli: 'Ara x'ġabulek. Qis li tgħożżu u la titilfux!' Ħarist lejh kważi bi bruda. Kien ir-ritratt tiegħi waqt is-*sack race*: b'idejja fuq żaqqi nżomm ix-xkora biex ma taqagħlix u tifel ieħor jidher nofsu minn wara xi qamtejn quddiemi.

M'għadux għandi dak ir-ritratt. Imma, għadu f'moħħi. Kont ġejt l-aħħar. U s-ser lit-tfal qallhom: 'Issa mar-ritratt ma ħaqqielux ċapċipa dal-ħabib tagħna? Ġie l- ...'. U lissen l-elle, waqaf u kien sa jidħak. Imma, it-tfal ma ħallewhx jispiċċa. Fehmuh u nfexxew f'ċapċipa jgħajtu kemm jifilħu. U tant ċapċpu u għajtu li daħal is-surmast jara x'ġara. Is-ser kien ġa lewa xufftejh jitbissem biex ikompli.

Imma, ħares lejja u kif ra li għajnejja kienu mimlija dmugħ, ferfer tferfira idejh qisu Ciccio Ingrassia. U, 'Biżżejjed!' għajjat. 'Biżżejjed!'

Mal-għajta sikta. U kif ra li siktu, bis-solta tbissima ċajtiera tiegħu, kompla: 'Ħaqqielu, mela le, din iċ-ċapċipa! L-ewwel ma ġiex ...' U waqaf u reġa' tbissem. U kompla: ' ... u lanqas l-aħħar. Għax fl-isports, kunu afu tfal, la hemm ta' l-ewwel u lanqas ta' l-aħħar. Hemm biss tfal jiġru u jaqbżu. Fl-isports biżżejjed li tieħu sehem. U, Mizzi kien waħdu minn dil-klassi li ħa sehem. Nagħtuh ċapċipa oħra.'

U malajr is-ser Marċell ta' *teacher* bravu li kien dawwar is-sitwazzjoni traġika f'waħda ta' trijonf. Jien ukoll imsaħt id-dmugħ, it-tfal komplew iċapċpuli u s-surmast ħareġ 'l barra jxengel rasu u jidħak. Dak ir-ritratt tal-Badiku tfajtu fil-basket u kif ħriġt mill-iskola qattajtu. Ma ridtx niftakar iżjed! Imma, ma nsejtu qatt! U lanqas lill-Badiku!

Illum, li għaddew iktar minn sebgħin sena, għadu quddiemi. Kien ġabli kurżità naraħ jittawwal minn taħt biċċa sewda. Imbagħad ħareġ rasu, ħares lejna u reġa' daħħalha taħt il-biċċa s-sewda. Donnu qed jittrombja 'l xi ħadd minnha. Jien ma kontx qlajt għajnejja minn fuqu. Lanqas meta l-*inspector* spara u għajjat 'Go . o . o o!'



U meta bdejt niħħoppja ġbidt iktar lejn dak ir-raġel tat-trepied bil-kaxxa tar-ritratti milli lejn il-bandiera tal-*finish*.

Sthajjiltu barrani. Qsajjar u liebes ġlekk u kalziet abjad u b'beritta ċatta bajda fuq rasu kien qisu wieħed minn dawk li kienu s-soltu jiġu qabel xi *sports day* biex jittrenjawna.

Kien dejjem *smart* das-surmast Mikiel. Sajf u xitwa. Anke taraħ fir-ritratti. Taħsbu mudell tal-moda. Kowt iswed u kappell nofs ċilindru. Bħad-deputati Ngliżi tal-Parlament ta' Westminster.

U bħalhom ukoll kien kolt. Jitkellem fuq kollox. Fuq l-istorja ta' pajjiżu, imbagħad! Kien jafha fuq ponot subgħajh! Kien jgħaġġbek tisimgħu jitkellem fuq il-gvernaturi li ħakmu 'l Malta.

Tħares lejh iġiblek suġġestjoni. Dejjem xikk! Anke fuq ix xogħol! Kemm jekk qed jieħu ritratt tal Ġgantija u kemm jekk tat-Tieqa tad-Dwejra jew ta' l-Għar ta' Karolina fix-Xlendi. Hu bħala parti mir-ritratt. Bil-ħwejjeġ ta' fuqu. Għax bih fir-ritratt ma kienx itellef mix-xena u, barra li kien jagħti firma lir-ritratt, kien b'figurtu jagħti ħjiel tal-ħin u taż-żmien li fihom ikun inġibed ir-ritratt.

Tieħu r-ritratti dak iż-żmien kien diġà xogħol speċjalizzat. Kien jeħtieġ iktar minn sengħa. Fotografu kien iktar artist milli artiġjan. La kellu x'jaqsam mal-ħaddied li jagħmel il-*ferro battuto* u lanqas ma' l-arġentier li jagħmel il-fildigrano. Fotografu jrid ikun ħafif, jagħżel il-mument f'waqtu u għajn tajba. F'kelma waħda deċiż f'għemilu.

Hekk kien is-surmast tal-Badiku. Għalhekk ma kienx il-fotografu tal-festa! Minn dawk bħal Turu! Min jiftakru! Bejniethom kien hemm baħar jaqsam !

Turu kien fotografu ambulanti. Wieħed minn dawk li jġorr studju sħiħ miegħu: trepied, kaxxa tar-ritratti bit-tromba taċ-ċarruta, ħġieġ u bekkijiet. U d-*dark room*. Bil-banjijiet għall-iżvilupp u għall-fikser. Sa ħabel u ċombini biex inixxef ir-ritratt kien iġorr miegħu!

Qabel l-aħħar gwerra dawn il-fotografi ambulanti f'Għawdex kienu jidhru biss f'xi festa. F'Malta, imma, kont issibhom qrib xi stazzjonijiet militari. Il-ħin kollu. L-iktar fit-toroq u fil-ġonna mnejn kienu jgħaddu s-suldati!

Ritratt kien għożża dak iż-żmien. Speċjalment ta' min kien 'il bogħod! U dan kienu jafuh daw' l-fotografi. Għalhekk lil kull min jgħaddi minn ħdejhom kienu jwaqqfuh u jgħidulu:

'*Tak'a picture, sir?*'

U kif jieqaf, iqiegħedu quddiem il-kamera, xi sitt piedi 'l bogħod, u jagħtih il-poża. Aktarx b'idu fuq qaddu. Jew fuq ix-xabla, jekk ikun suldat. U jekk jinzerta namrat man-namrata, poża romantika.

U kif il-fotografu kien jarahom li qagħdu kif riedhom, b'ħeffa li għandu biss min jagħmel il-bużullotti, kien jaħsadhom vampa dawl ġo speċi ta' lembut. U mat-tlikk tax-xater tal-lenti, iċapċap idu u jgħajjat: 'Lesti! Bravi!'

U sakemm jaslu ħdejh biex jaraw x'ħareġ fir-ritratt ikun diġa laqa' idu u tħallas!

X'sengħa!

Il-fotografu professjonista kellu arti milli sengħa. Jieħu r-ritratti fi studju attrezzat iktar minn t'avukat: purtieri, mejda u biskuttin fin-nofs, ġinokkjatur fil-ġenb, u ħdejh sufan tal-wiker, vetrina bil-kotba, u *reflectors* f'kull rokna. Forsi, għalhekk, ritratt ta' *studio* apprezzat daqs akwarell jew tpinġija biż-żejt!

Minn dawn f'Malta kont tgħoddhom fuq subgħajk t'idek il-waħda. Ellis, Grech, u Ciancio l-Belt. U Blackman, Cassar il-Ħamrun.

Ma' dawn il-fotografi professjonisti kont nikklassifikah lis-surmast tal-Badiku. Fis-snin tletin, għajr għal tal-Kaptan, ma nafx li kien hemm bħalu. Fitt u preċiż.

Tassew professjonista kien dan Michele Farrugia. Tfulitu ftit nafu fuqha. Għaddiha x-Xagħra. Fejn twieled. Ma' missieru li kien ħajjat. L-iskola għaddiha kollha, primarja u sekondarja. U meta daħal skrivan mal-Gvern bilkemm kellu sittax-il sena. Ftit wara, imma, mar jgħallem fl-iskola primarja tan-Nadur. U baqa' jgħallem sa ma' kellu sebgħa u erbgħin sena.

Is-suġġett favorit tiegħu kien ix-xjenza. Waqt il-lezzjoni tagħha beda jiddeletta bil-fotografija. Bl-esperimenti. B'kaxxa b'lenti *concave* juri kif l-immaġini ta' oġġett fuq naħa tal-lenti tasal in-naħa l-oħra tiegħu bil-maqlub.

Kienu jaffaxxinawh dawk l-esperimenti ! Tant li spiċċa biex il-kaxxa għamilha kamera u meta ħareġ minn mal-Gvern fl 1925 xtara l għamara tal *Malta Photographic Company* mingħand Zammit Hamet u rama *studio* għal rasu.

Kien l-ewwel *studio* tar-ritratti f'Għawdex. Fetaħ l-ewwel ħanut żgħir mad-dar tiegħu n-Nadur, *casa-bottega*. Wara, imma, kif qabad niżel ir-Rabat. Għall-bidu mar ħdejn ta' Pompej fit-triq ta' Sannat u ftit xhur wara sab dar ikbar fi Pjazza Savina; u baqa' hemm għall-bqija ta' ħajtu.

Il-wasla tiegħu fir-Rabat ħabtet mat-taqlib soċjali. Min kien jgħix dak iż-żmien jaf x'kienu it-tletinijiet. Tassew ir-riefnu ta'qabel it-tempesta. Id-dnubiet kollha nqalgħu. Bis-sospensjonijiet u vendikazzjonijiet l-oħra li jġibu magħhom. U *meetings*, u purċissjonijiet, u elezzjonijiet. Kollox fi platt wieħed. Min hu fuq naħa u min hu fuq oħra. U sokor ta' ideat ġodda bla rażan. Soċjaliżmu. Nazzjonaliżmu. U kapitaliżmu u komuniżmu. Imbagħad fl-1939 faqqgħet il-gwerra. U aħna nqbadna fit-tempesta u komplejna nitqallbu u nitħabtu.

Kienu snin li ma jintesewx. F'Malta kull fotografu għamel ħiltu biex fakkarhom bir-ritratt. *Meetings*, dimostrazzjonijiet, frejgati fil-port, maskerati bil-viljuni, parati fi Pjazza San Ġorġ, fortizzi bil-kanuni u b'elf ritratt ieħor. U f'Għawdex Mikiel il-Badiku għamel l-istess. B'mod inqas militari. B'ritratti ta' paċi: tad-Dudi jdoqqu wara l-bibien, tfajliet jaħdmu l-bizzilla, tal-ħalib bil-mogħoż wara l-bieb u bl-atturi ta' Ċensu tar-Rebekk jew ta' Manwil ta' Żerreq ippożati waqt xi tijatrin. U iktar ma nħares lejhom u iktar ma nqalleb il-*Guide to Gozo* (Malta, 1937) ir-ritratti tiegħu iktar ngħid:

'Imma x'*foresight* kellu dar-raġel! X'wirt ħallielu 'l Għawdex!'

'Għax il-professjonista dejjem ifittex li jagħti l-kwalità. Li jkollu l-isbaħ u jkun l-aħjar', qalli xi għoxrin sena ilu student Ġappuniż li talabni nurih xi ritratti antiki fil-kollezzjoni tiegħi. Kien qed jagħmel teżi fuq il-fotografu Malti Augusto Felice. L-iktar fuq il-*portraits*. U urieni bħala eżempu, tfajla bilqiegħda sieq fuq oħra b'kappell daqshiex marbut ċoff taħt għonqha. Tassew kapulavur!

U urieni ieħor ta' Ġappuniż imdaħħal fiż-żmien. U ieħor ta' grupp ta' tfal. U warajh ieħor. Wieħed isbaħ mill-ieħor! Kollha ta' Ġappuniżi. U kollha meħuda minn dan Felice. Fl-1878 kien telaq minn Malta u mar Pariġi. U minn hemm Londra u ma nafx f'kemm il-belt oħra. Fl-aħħar spiċċa Tokjo fejn għamel tassew isem għalih u għal Malta.

U hekk ukoll għamlu oħrajn! Tibda minn Leandro Preziosi, l-ewwel fotografu Malti, li kien studja taħt l-aħwa Lumier ġo Pariġi fl-1842. U spiċċa fil-ġurnalisti tal-ġurnali tagħna, bħal Larry Calleja u Charles Grech, li biex jagħtu l-aħjar kienu marru bil-kamera fuq frontijiet tal-gwerra fil-Korea, fil-Vjetnam u fl-Eġittu.

Forsi ukoll iktar minn hekk kien il-professjonaliżmu tas-surmast tal-Badiku! Għax għall-Badiku r-reqqa kienet kollox. U ma kienx la kien jaqta' qalbu u lanqas jiddejjaq jistenna biex fix-xogħol tiegħu jikseb l-aqwa u l-aħjar!

Dak iż-zmien is-sengħa ta' kif tiffiksja xbieha fotografika fuq metall jew ħġieġ permezz tal-kimika kienet għadha tissejjaħ *daguerreotypy*. Kelma tqila, oriġinata mill-isem 'Daguerre' Louis (1789-1851) li kien sab kif isir dal-proċess. Sa żmien il-Badiku din ix-xjenza kienet għaddiet minn żviluppi kbar u ħafna għamlu isem minnha. Fost dawn anke Ġużeppi tal-Kaptan, metikolużi bħal tal-Badiku u ta' l-affari tiegħu u ta' paċenzja kbira daqsu. Jekk tiċċaqlaq minn kif iqegħdek, jerġa' jqegħdek sewwa u jibqa' jressqek issa 'l hawn u issa 'l hemm sa ma jaqbdek fil-poża li jixtieqek hu.

## Passiġġata Biblika - 14

*"Ikollok ħniena minni o Alla fi tjubitek,*
*fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti."(Salm 50:3)*

# IL-MIXJA TAL-KONVERŻJONI

minn Fr. Charles Buttigieg

### *Il-kelma 'konverżjoni'*

Ġesù beda l-missjoni tiegħu b'sejħa għall-konverżjoni: "Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba" (Mk 1:15). Il-kelma lhudija għall-'konverżjoni' hija 'xuv', li tfisser 'terġa' lura', 'iddur', iddur lejn l-oriġini, mela ddur lejn Alla. Il-kelma griega 'metanoia' hi iktar profonda u tfisser 'bidla fil-ħsieb' (meta - bidla, noe_ - ħsieb) bidla fil-mentalità, bidla fil-moħħ, bidla fir-ruħ. Fl-Atti tal-Appostli 9:35; 11:21; 15:3 għandna kelma griega oħra, 'epistrophi' li tfisser bidla fil-kondotta tal-ħajja: "In-nies kollha li kienu joqogħdu f'Lidda u f'Saron rawh u daru (epestrepsan) lejn il-Mulej" (9:35). Il-konverżjoni hija fuq kollox sejħa sabiex dejjem nimmaturaw fil-fidi u niġġeddu fi Kristu.

Interessanti ukoll li nsemmu r-rabta tan-numru erbgħin fil-bibbja mal-konverżjoni. In-numru erbgħin huwa dejjem marbut ma' żmien ta' rikonċiljazzjoni tant mixtieqa. Għandna l-erbgħin jum u l-erbgħin lejl tad-dilluvju f'Ġen 7:11; l-erbgħin sena tal-poplu jiġġerra fid-deżert qabel ma daħal fl-Art Imwegħda f'Num 14:34; l-erbgħin jum għall-konverżjoni ta' Ninwe f'Ġona 3:4; l-erbgħin jum ta' Ġesù fid-deżert qabel ma beda l-ministeru pubbliku tiegħu f'Mt 4:2.

Il-bibbja li hija l-istorja tas-salvazzjoni hija mmarkata mela mis-sejħa għall-konverżjoni tal-bniedem lejn Alla kif ser naraw f'dan l-istudju.

## *Il-Konverżjoni fl-Antik Testment*

### 1. L-Indiema u l-Penitenza

Għidna li l-konverzjoni timplika bidla fil-ħsieb u ddur lejn Alla. Dan il-proċess jidher fil-bibbja permezz tal-indiema u l-penitenza. L-indiema hija meta l-bniedem jagħraf u jammetti l-iżball li jkun għamel, jiddiżappruvah, jisgħobbih, jiddeċiedi li jħalli d-dnub u jibda ħajja ġdida. Il-penitenza li għandha tesprimi din l-indiema sinċiera sservi sabiex il-bniedem ipatti għal dnubietu u jimmatura iktar fir-ritorn tiegħu lejn Alla.

Fil-Bibbja nsibu sens qawwi ta' ndiema, per eżempju l-indiema ndividwali tas-sultan David li dineb gravament u ġie mċanfar mill-profeta Natan, espressa fis-salmi tiegħu fosthom dak 50 (Il-Miserere): "Ikollok ħniena minni o Alla fi tjubitek; fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar htijieti" (v.3). Insibu ukoll indiema komunitarja u ndiema nazzjonali.

Il-profeti kellhom proprju din il-missjoni li jsejħu lill-poplu għall-indiema, għal dik vera u sinċiera. Il-profeta Osea (fit-8 seklu q.k.) jikteb: "Jiena tjieba rrid, mhux sagrifiċċju, li tagħrfu lil Alla rrid u mhux vittmi maħruqa" (Os 6:6). F'Ġeremija, qabel l-eżilju fis-6 seklu q.k. insibu: "Jekk intom tbiddlu għall-aħjar imġibitkom u għemilkom, jekk tagħmlu l-ħaqq bejn wieħed u għajru, jekk ma tgħakksux il-barrani, l-iltim u l-armla, u demm bla ħtija ma xxerrdux f'dan il-post u wara allat oħra ma tmorrux b'deni tagħkom, inħallikom tgħammru f'dan il-post, fl-art li tajt lil missirijietkom minn dejjem għal dejjem" (Ġer 7:5-7).

Il-profeta Eżekjel fl-eżilju, jikteb: "Imma jekk il-midneb jerġa' lura mid-dnub li jkun għamel u jagħmel is-sewwa u l-ġustizzja, hu jsalva ruħu" (Eżek 18:28). Fit-tielet Iżaija wara l-eżilju nsibu: "Jaqaw mhuwiex dan is-sawm li jiena rrid, jiġifieri, li tħoll l-irbit tal-ħażen, u tqaċċat ix-xkiel tal-madmad, li tibgħat ħielsa l-maħqurin u tkisser kull madmad?" (Iż 58:6).

Il-profeta Ġona (fil-5 seklu q.k.) li jkun mibgħut minn Alla biex isejjaħ għall-indiema u għall-konverżjoni tal-poplu ta' Ninwe (illum il-belt ta' Mosul fl-Iraq). Il-profeta Ġoel fis-sena 400 q.k. b'qawwa kbira nieda jum il-Mulej u stieden għall-konverżjoni vera: "Ċarrtu qlubkom u mhux ilbieskom" (Ġoel 2:13).

### 2. Liturġiji penitenzjali

Fil-ktieb tal-Levitiku nsibu diversi sagrifiċċji bħala sinjal ta' ndiema; insibu s-sagrifiċċji tal-ħruq 'l-olakawst' (kap 1) fejn il-vittma kienet tinħaraq kollha kemm hi lil Alla u d-duħħan tal-vittma kien jogħla 'olah' lejn is-sema. L-iskop ta' dan kien qima lil Alla, talba għal xi grazzja u sinjal ta' ndiema u tpattija għal dnubiet. Insibu s-sagrifiċċji tas-sliem u ta' devozzjoni, 'zebah xelamin' (kap 3) bħala ħbiberija bejn Alla u l-bniedem. Insibu ukoll is-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, 'hattah' (kap 4) biex proprju jpatti għall-ħtija li wieħed ikun għamel u b'hekk jitnaddaf mit-tniġġis tiegħu. Il-vittma kienet biċċa tinħaraq fuq l-artal, biċċa tingħata lill-qassis u l-bqija kienet tinħaraq 'il barra mill-komunità. Insibu ukoll sagrifiċċji oħra ta' riparazzjoni minħabba nuqqasijiet lejn il-qassisin u s-santwarju (ara wkoll Neh. 9; Iż. 63, 15-19; Bar. 1:15).

### 3. Salmi penitenzjali

Għandna ukoll is-salmi penitenzjali sew individwali u sew kollettivi, li huma s-salmi 6; 32; 38, 50; 102; 130 u 143. Is-salm 130 (De profundis): "minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej: isma Sidi l-leħen tiegħi!"( v.1-2) kien jitkanta mill-pellegrini lejn Ġerusalemm b'qalb niedma qabel il-liturġija u s-sagrifiċċju tal-maħfra.

### 4. Jum il-Maħfra

Il-verb fil-lhudi għall-'maħfra' huwa 'kafar' li jfisser li 'tgħatti', 'tostor' jew 'taħbi' imma jista' jfisser ukoll 'tirrikonċilja' u 'tifdi'. Infatti il-'kofer' kien il-prezz tal-fidwa ta' persuna mill-jasar. Il-verb malti 'ħafer' għandu konnessjoni ma' dan il-verb lhudi. Il-kaph, 'k' lhudija li tippronunċja eżattament bħal il-'k' qawwija tal-malti u l-'pe' lhudija li tinħass 'f' meta tkun singola u 'p' meta rdoppjata; għalhekk fil-lhudi għandna 'yom kippur', 'jum il-maħfra' u

n-nom 'kapporet', l-għatu, dik iċ-ċangatura tad-deheb li sservi ta' għatu għal fuq l-arka tal-patt.

Il-poplu Lhudi kien obbligat mill-Mulej li n-nazzjon kollu ta' Iżrael darba fis-sena jniedi jum ta' penitenza nazzjonali u ta' tpattija kif naraw f'Lev 16, jum l-espjazzjoni jew il-purifikazzjoni tal-poplu, 'Yom Kippur'[2] li taħbat fl-10 tax-xahar ta' Tixri (Settembru-Ottubru) u fejn il-Qassis il-Kbir liebes l-ilbiesi speċjali tal-penitenza kien jidħol darba fis-sena fil-post il-qaddis (fis-Sanctum Sanctorum) fejn kien hemm l-arka, it-tron ta' Alla. Il-Qassis il-Kbir kien ipatti għal dnubietu kif ukoll għall-ħtijiet tal-poplu. Huwa diġà minn ġimgħa qabel kien jinqata' waħdu minn nies u jagħmel penitenza qabel ma jidher quddiem il-Mulej. Il-poplu sa minn ġurnata qabel, kien jibda s-sawma li fiha la kien jiekol u anqas jixrob. Kien jilbes ilbies abjad b'sinjal ta' viżtu, uħud jilbsu ilbies li jniggeż jew isawtu lilhom infushom, kienu jpoġġu anke l-irmied fuq ir-ras u l-irġiel ma jqaxxrux il-leħja.

Kien imbagħad f'dan il-jum ta' penitenza nazzjonali li l-poplu kien jinġabar fil-bitħa l-kbira tat-tempju, u jinqraw is-siltiet mill-kotba mqaddsa. Ix-xjuħ tal-poplu kienu jippreżentaw żewġ bdabad. Bix-xorti kien jintgħażel dak li jkun ta' Alla u dan jinqatel għas-sagrifiċċju u d-demm tiegħu kien jinġabar fi bwieqi biex jittraxxax parti minnu fil-post il-qaddis, fuq l-għatu tal-arka, il-propizjatorju (il-maqgħad, is-siġġu tal-ħniena ta' Alla ) il-'hilasterios'. Hawnhekk biss u f'dan il-jum biss, il-qassis il-kbir jippronunzja l-isem sagru ta' Alla, 'Jahweh'. Imbagħad joħroġ bil-bqija tad-demm u jroxxu fuq il-poplu niedem minn ħtijietu kollha, sabiex ifakkar fid-demm tal-ħaruf maqtul u mraxxax fuq il-blajjet tal-bibien tagħhom fl-Eġittu li kien ħelishom mill-mewt.

Il-bodbod l-ieħor 'l-ghazazel' wara li l-qassis ikun stqarr l-ħtijiet tiegħu u tal-poplu fuqu, kienu jitilquh fid-deżert iġorr fuqu d-dnubiet tal-poplu biex jiltaqa' mal-ispirtu ħażin tad-deżert, 'Ghazazel'.

## Il-Konverżjoni fit-Testment il-Ġdid

Fil-G.T. naraw lil Ġwanni l-Battista jistieden lin-nies u jgħajjat bħall-iljun: "Indmu, għax is-Saltna tas-smewwiet waslet" (Mt 3:2), espressa fil-magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet li hu kien jagħmel fix-xmara Ġordan.

Il-bidu tal-ministeru ta' Ġesù wara erbgħin jum ta' irtir fid-deżert proprju jibda b'din l-istedina: "Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba" (Mk 1:15). Kristu li qabel xi miraklu, kien jitlob att ta' konverżjoni u ta' fidi: "il-fidi tiegħek fejqitek" (Mk 10:52). U fuq kollox it-tagħlim tiegħu, kien kontinwament stedina għall-indiema u l-maħfra kif naraw fil-parabboli tal-maħfra ta' Alla, per eċċellenza dik tal-Iben il-Ħali fejn għandna dik ix-xena kommoventi tat-tgħannieqa tal-missier ma' ibnu li kien 'mejjet' fid-dnub.

San Pawl ifisser din il-bidla, bil-konċetti tal-bniedem il-qadim "imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa" u l-bniedem il-ġdid "maħluq" skond Alla. Din hija l-ħajja ġdida fi Kristu: "Għandkom twarrbu l-ħajja tagħkom ta' qabel u tinżgħu l-bniedem il-qadim, imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa u tilbsu l-bniedem il-ġdid, maħluq skond Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija ġejja mill-verità" (Ef 4:22-24).

Il-predikazzjoni ta' San Pietru fl-Atti ta' l-Appostli hija ukoll stedina għall-indiema: "Indmu u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù għall-maħfra tad-dnubiet" (Atti 2:39).


Il-konverżjoni ta' San Pawl

L-Ittra lil-Lhud turi lil Kristu li hu l-Qassis il-Kbir li xerred demmu għalina u daħal fis-santwarju tas-Sema biex jidħol għalina. Kristu li hu nnifsu jsir il-'hilasterion' il-ġdid, l-għuda tas-salib, l-għuda tal-ħniena ta' Alla sabiex permezz tad-demm tiegħu jsalvaw il-bnedmin kollha (ara Lhud 8:1-6).

Anke fl-Apokalissi l-aħħar ktieb fil-bibbja, San Ġwann jistieden lill-Knisja ta' Efesu għall-penitenza u għall-indiema. "Mela issa, ġib quddiem għajnejk fiex waqajt; indem u erġa aqbad l-opri tiegħek tal-bidu" (Apok 2:5).

## Konklużjoni

Tajna ħarsa mela fil-qosor lejn il-mixja tal-konverżjoni tal-bniedem lejn Alla fil-Bibbja. Ejjew aħna lkoll mgħammdin fi Kristu nwettqu l-missjoni tagħna li nikkonvertu kuljum u li ngħinu lill-oħrajn sabiex iqumu tassew mid-dlam tad-dnub tagħhom għall-glorja tal-qawmien ta' Kristu.

*[1] Fil-kultura griega u dik feniċja l-irmied hu simbolu ta' qawmien mill-ġdid.*
*[2] Bil-grieg 'hemera eksilasmou' u bil-latin 'dies propitiationis' u fit-Talmud insibu 'jom som', 'jum is-sawm' bħalma hi msejħa fl-Atti 27:9.*

## Biblijografija


*Beauchamp, P.*, I profeti d'Israele o il dramma di un'alleanza, *Cinisello Balsamo 1988.*

*Biedermann, H.*, Dictionary of Symbolism, *New York 1992.*

*Garbini G.*, Note di lessicografia ebraica, *Brescia 1998.*

*Küng, H.*, Ebraismo. Passato, presente, futuro, *Milano 1999.*

*Lurker, M.*, Wörterbuch biblischer Bilder und Symbole, *Munich 1987.*

*Meynet, R.*, Morto e Risorto secondo le Scritture, *Bologna 2002.*




*(IT-TIENI PARTI)*

## Il-Mard Infettiv

**Iżda dan l-iżvilupp ġab miegħu ukoll il-mard infettiv jew li jittieħed. Ċertu mard li kien jinsab fl-annimali beda ftit ftit jaffettwa wkoll lin-nies. Wara żmien dan l-istess mard beda jinfirex fost in-nies ukoll minn bniedem għall-bniedem. (L-istess storja qed tirrepeti ruħha llum fil-każ tal-influwenza tat-tjur). Illum nafu li hemm iktar minn sittin marda li taffettwa kemm lill-annimali u kemm lin-nies.**



Imma l-iktar ħaġa interessanti u ovja hija li l-bniedem qed jittieħed minn mard ta' annimali li huwa stess immansa u rabba miegħu bħal klieb, qtates, tjur, mogħoż, nagħaġ, qżieqeż u żwiemel. Dan kien proċess naturali li mexa skond ma' tgħallimna l-bijoloġija jew aħjar it-teorija ta' evoluzzjoni ta' Charles Darwin (1808 – 1882). Barra minn hekk ta' min isemmi mard iktar komuni li l-bniedem ħoloq huwa stess permezz tal-kontaminazzjoni tal-ilma. Fost dan il-mard, insemmu l-kolera, it-tifojde, is-salmonella, il-poljo u d-difterija. (Illum il-bniedem sab tarf ta' dan il-mard, imma fil-bidu kien jagħmel ħerba qabel ma' kien hawn it-tilqim kontra tiegħu).

Għalhekk sa minn żmien Neolitiku kemm il-bniedem u kemm l-annimali kienu ġa jimirdu bit-tuberkulożi u l-ġidri. Il-qżieqeż u l-papri għaddew minn ġenerazzjoni għal oħra tip ta' influwenza komuni u ż-żwiemel tip ieħor ta' virus (rhinovirus) li biż-żmien beda jaffettwa lill-bniedem ukoll. Filwaqt li l-ħożba ġejja minn virus li oriġinarjament kien jeżisti biss fil-klieb. Każ ieħor ta' mard li ġej mill-annimali u li tfaċċa fiż-żminijiet moderni huwa il-Marda tal-Baqra Miġnuna. Dan kien riżultat tar-regħba u tbagħbis min-naħa tal-bniedem. Illum in-nuqqas tagħna qed inbatuh aħna l-bnedmin għax aħna stess qed noħolqu mard ġdid u perikoluż.

## Il-Mediċina u l-Kummerċ

Il-mediċina ħafna drabi imxiet skond is-sitwazzjoni ta' dak il-perjodu partikulari. Hekk meta l-Imperu tal-Punent beda jaħkem fuq pajjiżi oħra ferm 'il bogħod il-mediċina imxiet skond il-bandiera. Ċertu mard tropikali beda dieħel fil-pajjiżi tal-punent u min-naħa l-oħra mard tal-punent beda dieħel f'dawn il-pajjiżi ukoll. Dan kien żmien il-Kolonjaniżmu Franċiż, Spanjol u Ingliż. Il-bniedem tal-punent ħa l-kapaċitajiet tiegħu mediċi imma hemm sab mard differenti li xi drabi kien ifisser mewt. Il-pajjiżi tropikali kienu jfissru l-qabar tal-bniedem abjad. Fost dawn il-mardiet kien hemm il-malarja (tfisser arja ħażina) għax kienu jaħsbu li hija kkaġunata minn arja mniġġsa u d-deni isfar.

Is-sintomi tal-marda tal-malarja, li hija trasmetta permezz tan-nemusa Anofiles, kienu ġa magħrufa fi żmien il-Griegi tal-qedem, imma ma kienux jafu jispjegaw kif tirriżulta din il-marda. Kien fi żminijiet moderni madwar mill sena ilu li l-konnessjoni bejn il-malarja u n-nemus kienet skoperta minn żewġ tobba Ingliżi, wieħed Ronald Ross (1857 – 1932) kien stazzjonat fl-Indja, u l-ieħor Patrick Manson (1844 – 1922) kien iktar anzjan minn Ross u li mill-1866 kien Uffiċjal Mediku Ingliż stazzjonat fiċ-Ċina. Dan ta' l-aħħar kien studjuż ta' parassiti jew organiżmu li jgħixu biss f'ġisem ta' xi kreatura oħra u fil-kaz tal-bniedem jistgħu jikkawżaw il-mard ukoll. Fl-1894 Manson kien qal lill-kollega żagħżugħ tiegħu li l-malarja tista' tkun trasmessa minn gdim ta' nemus. Dan kompla jaħdem fuq din it-teorija u sab li din il-marda hija kkawżata mill-parassita Plasmodium. Manson huwa meqjus bħala missier il-mediċina tropikali. It-taljan Giovanni Grassi (1854 – 1925) independentament kien sab fl-1898 ukoll li l-malarja u n-nemus għandhom x'jaqsmu ma' xulxin, imma l-Premju Nobel għall-



Mediċina kien ingħata lil Ross waħdu fl-1901. (Ta' min igħid li Grassi ma kienx tabib imma żooloġista).

Il-parassita Plasmodium tgħix fin-nemusa Anofiles. Meta din tniggeż lill-bniedem, il-parassiti jgħaddu ġod-demm għal ġol-fwied tal-bniedem fejn jimmultiplikaw u fi żmien ġimgħatejn jerġgħu jidħlu fid-demm f'numri ferm akbar u jikkawżaw is-sintomi tal-malarja fosthom uġigħ ta' ras, għejja u deni qawwi u bard kbir. Skond iċ-ċentru mondjali kontra t-tixrid tal-mard hemm madwar 495 miljun ruħ li jimirdu bil-malarja u tlett miljun minnhom imutu kull sena kawża tal-malarja. Il-malarja mhix biss marda li nsibuha fl-Afrika imma fil-Lvant Nofsani u anke fil-Mediterran. Permezz ta' vjaġġar min-naħa għal oħra tad-dinja l-bniedem ferrex din il-marda fl-Indja u fiċ-Ċina. Dan minkejja li jeżistu pilloli preventivi kontra din il-marda.

Id-deni isfar ukoll kien jagħmel ħerba f'ċerti pajjiżi u fil-gwerra ta' bejn l-Ispanjoli u l-Amerikani f'Kuba (1898 – 1901) tant mietu suldati li l-Amerika waqqfet kummissjoni biex tistudja l-kawża ta' din il-marda. Din il-kummissjoni kienet ippreseduta minn Walter Reed (1851 – 1902) mill-Università ta' John Hopkins, li kien persuna brava, intelliġenti ħafna tant li ggradwa ta' tabib ta' 18-il sena. Tabib Kuban, Carlos Finlay kien għamel xi investigazzjonijiet u sab li hemm konnessjoni bejn id-deni isfar u n-nemusa bħal fil-każ tal-malarja. Il-kummissjoni Amerikana kienet qablet ma dan imma sabet li n-nemusa f'dan il-każ ma kienitx l-*Anofeles* imma l-*Aedes aegypti*. Imma l-kawża propja tad-deni isfar huwa virus li jikkawża emoriġiji mill-għajnejn, mill-imsaren u jattakka ukoll il-kliewi, il-qalb u l-fwied. Minħabba f'hekk il-ġilda tal-marid kienet tkun safra u minħabba f'hekk li bdew isejħulu deni isfar. Dan id-deni isfar qabel kien iħalli ħafna konsegwenzi tant li pjan franċiż biex jibnu kanal fil-Panama ma kienx irnexxa minnħabba din il-marda. Wara li sar programm ta' eradikazzjoni ta' din in-nemusa u sar it-tindif ta' l-ilma qiegħed fejn tgħix din in-nemusa, il-Kanal tal-Panama nbena bejn l-1904 u l-1914. Hawn naraw kif il-mediċina għenet l-iżvilupp u l-kummerċ. Minkejja dan is-suċċess il-mediċina tal-Punent qatt ma rnexxielha tirbaħ il-mard tal-pajjiżi tat-Tielet Dinja la dak iż-żmien u lanqas fiż-żminijiet moderni.

## It-Tixrid tal-Mard



Il-kummerċ, il-gwerer u l-ħakma ta' poplu fuq ieħor minn dejjem kienu mezz ta' tixrid tal-mard. Dan deher b'mod l iktar ċar bil-kisba ta' Hispaniola (illum Repubblika Domenikana u Hiati) minn Christofolo Columbus. L-ewwel kuntatt ma' din l-art sar fis-sena 1492. Hawn kienu iltaqgħu għall-ewwel darba d-Dinja l-Qadima mad-Dinja l-Ġdida. Din il-parti tad-dinja kienet għadha verġni mhux mittiefsa minn popli oħra. Għalhekk l-impatt li ħallew il-ħakkiema Spanjoli kien kbir ħafna.

L-ewwel marda li l-Ispanjoli esportaw lejn din l-art ġdida kienet l-influwenza tal-qżieqeż li ġarrew lejn din l-art il-qżieqeż li kien hemm fuq il-bastimenti ta' Columbus. L-ewwel epidemija faqqgħet fis-sena 1493. Wara din kien hemm oħrajn. L-istess ġara fl-1518 meta l-ġidri kien meħud fil-gżejjer tal-Karibew u kienu mietu fuq terz tal-popolazzjoni tal-Arawaks. Il-marda kompliet tinfirex fil-Porto Rico u f'Kuba u l-esploratur l-ieħor Spanjol, Hernán Cortés wassalha sal-Messiku fl-1521. Meta rebaħ lill-Belt tal-Messiku, tlett xhur wara 300,000 mill-popolazzjoni tal-belt mietu kawża ta' l-influwenza. L-istess ġara għaxar snin wara meta esploratur ieħor, Francesco Pizarro ħakem lil Perù. Din id-darba kienet il-ġidri li kkawżat eluf ta' mwiet. Mard ieħor bħal ħożba, influwenza, tifu nfirex madwar il-Messiku kollu, il-Brażil u postijiet oħrajn u għamel ħerba tant li l-Ispanjoli kellhom jimportaw skjavi mill-Afrika biex jaħdmu fl-għelieqi minħabba nuqqas ta' ħaddiema tal-post. L-importazzjoni ta' nies mill-Afrika ġabet tipi ta' iktar mard qalb dawn in-nies bħal malarja u deni isfar. Għalhekk l-ixkubetti u l-mikrobi għenu lill-poplu żgħir ta' Spanja jirbaħ nofs kontinent immens.

Min-naħa l-oħra Columbus ġab marda mid-Dinja l-Ġdida li ma kienitx teżisti fl-Ewropa. Din kienet il-marda tas-*sifilide*. L-ewwel każ ta' *sifilide* fl-Ewropa faqqa fl-1493 waqt l-assedju ta' Napli fi żmien il-gwerra ta' bejn Spanja u Franza. Dak iż-żmien ma kienx hemm kura u l-epidemija li seħħet qatlet eluf ta' suldati u nies. Oriġinarjament il-marda kienu ġabuha s-suldati spanjoli li kienu marru l-Amerika ma' Columbus.

Fi snin ta' wara mard ieħor kien il-kawża ta' mwiet fost is-suldati u kaġun ta' telf ta' gwerra. Hekk kien ġara meta s-suldati ta' Napuljun qasmu lejn ir-Russja fl-1812. Sa ftit xhur wara ħafna mis-suldati tiegħu mardu bit-tifu u mis-600,000 suldat ftit reġgħu lura lejn Franza.

*(jissokta)*

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

# ĦOLM IL-ĦAJJA



*Pariri lill-Adolexxenti minn* ***MARY PULI***

## *IL-MISTOQSIJA OĦT IL-GĦERF*

### 1 *Storja*

Turist b'mappa f'idu, ipprova jsib l-indirizz li kellu bżonn mingħajr ma jistaqsi lil ħadd. Fl-aħħar qata' qalbu u staqsa lil wieħed raġel li kien għaddej. It-turist qallu li ħaseb li t-triq li kien miexi fiha kienet tajba imma l-indirizz ma setax isibu. Fl-aħħar kellu jbaxxi rasu u jistaqsi kif kien ser jasal għall-indirizz li ried.

Ir-raġel wieġbu: "Jekk tibqa' miexi fit-triq li qbadt għandek mal-25,000 mil biex tasal imma jekk tiddeċiedi li tbiddel triqtek, baqagħlek 200 jarda biss!"

F' waħda mill-istejjer ċiniżi nsibu li negozjant tal-lanez u t-tarki beda jiftaħar li tant kienu b'saħħithom t-tarki tiegħu li xejn ma jniffidhom. Iżda wieħed li kien quddiemu jisimgħu staqsieh: Suppost waħda mill-lanez tiegħek tolqot waħda mit-tarki tiegħi x'jiġri?'' In-negozjant ma kellux tweġiba għalih.

Veru li l-mistoqsija oħt il-għerf, u mn'alla li nistaqsu lil min għandna nistaqsu biex ikollna tweġiba xierqa, għax kieku nieħdu triq u xogħol għalxejn minbarra l-ħin li naħlu biex naslu għas-soluzzjoni waħedna.

Mill-banda l-oħra, xi drabi allavolja nistaqsu xorta nibgħu mingħajr tweġiba għax bil mistoqsija li nagħmlu nħallu lil dak li jkun b'ħalqu miftuħ għax ma jkollux tweġiba għalina.

### 2 *Tagħlima*

Matul is-sena l-istudent ikollu jgħaddi mill-prova ta' l-eżamijiet u juri kemm qagħad attent, kemm studja u kemm ftakar mit-tagħlim li ħa. Biex l-istudent jasal għal dan, irid jagħmel reviżjoni minn ħin għall-ieħor, jistaqsi, jiġbor il-mistoqsijiet qabel l-eżamijiet ta' qabel fuq is-suġġett, janalizzahom u jqabbilhom ma' l-istudji li jkun jagħmel. Ir-reviżjoni għall-eżami trid issir biżżejjed kmieni biex l-istudent ikollu ċ-ċans jistaqsi meta ma jsibx tweġiba għall-mistoqsijiet, ħalli għall-eżami jmur b'moħħu mistrieħ.

Hemm bosta studenti li jistħu jistaqsu għax jaħsbu li se juru li huma injoranti quddiem sħabhom. Min jaf kemm fost l-istudenti jkun hemm oħrajn li lanqas huma ma jkunu jafuha. U mejtin għal tweġiba imma jistħu aktar minnek biex jitolbu tweġiba. Ejjew nagħmluha ċara. Għall-edukaturi l-injorant huwa dak li jaħseb li jaf it-tweġibiet kollha; min jaħseb li hu għaref jippretendi li jaf għandu tweġiba għal kull mistoqsija; huma l-għaqlin li jistaqsu għax dawn ikollhom ħerqa li jitgħallmu dejjem aktar.

### 3 *Pariri*

Kun għaqli! Ftakar li l-istudenti aktar minn kulħadd m'għandhomx għalfejn jistħu jistaqsu, għax b'hekk ikunu qed juru li għandhom xewqa li jżidu fit-tagħlim, għax kieku l-istudenti kienu jafu t-tweġibiet kollha ma kienx ikollhom għalfejn jattendu l-iskola jew kulleġġ. Fil-maġġoranza tagħhom l-għalliema u l-professuri huma ħerqana li jgħinu lill-istudenti tagħhom billi jispjegawlhom aktar dak li jgħallmuhom, għax ikun ta' unur għalihom li jaraw lill-istudenti jiksbu suċċess fis-suġġett tagħhom.

L-istudent irid jistaqsi u jagħmel reviżjoni tajba billi jagħmel *time-table* u jżommha akkost ta' kull sagrifiċċju. Tieħu gost aktar bis-suċċess fir-riżultati jekk tkun ħdimt b'sagrifiċċju kbir biex ġibtu. Tħallix it-tentazzjonijiet jiġru bik u tikkonvinċi ruħek li għandek bżonn tistrieħ aktar, jew li qed taħdem iżżejjed, għax jekk tħalli ftit ħin għar-rikreazzjoni ma tasalx għall-konklużjonijiet ta' din ix-xorta.

Tieħux għal dawk l-istudenti li jiftaħru kemm iddevertew u l-eżamijiet jieħdu ħsieb tagħhom infushom. Waqt ir-reviżjoni ieqaf ngħidu aħna kull nofs-siegħa u staqsi lilek innifsek: Xi studjajt sa issa? Jekk kapaċi twieġeb allura miexi tajjeb, għax jekk tiċċekkja lilek innifsek kull ftit ħin, ma tħallix il-ħolm u l-fantasija jagħmlu bik. Jekk tħossok għajjien u s-suġġett li jmiss ikun tqil, dur lejn suġġett eħfef, inkella irrilassa ftit, ħalli tħossok inqas għajjien biex tkompli bl-orarju tiegħek.

Iddaħħalx f'rasek li għajjejt u tieqaf, għax anke jekk ma tkunx għajjien, tħossok li għajjejt fil-veru sens tal-kelma. Meta jidħollok il-ħsieb li għajjejt, qum, aljena rasek għal ftit ħin, biżżejjed tagħmel kikra tè u kompli sejjer bix-xogħol li kont qed tagħmel.

*Dejjem tiegħek,* ***Mary Puli***


**TA' KENUNA**
**Bar & Restaurant**

*Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices*

Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645

Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.



# Bejnietna n-Nisa

Tiktbilna SUSAN MULVANEY



## ĦU TRONĠA ... TGĦINEK TNAQQAS IL-PIŻ!



Nofs tronġa (*grapefruit*) tliet darbiet kuljum qabel l-ikel tgħin biex persuna tnaqqas mill-piż żejjed, waqt li dawk li jieklu din il-frotta inaqqsu l-insulina (li jekk tkun għolja tista' twassal għal żieda fil-piż u problemi tal-qalb) u, jekk ikunu jpejpu,tnaqqsilhom ir-riskju tal-kanċer għax toħnoq il-*carcinogen* fid-duħħan tat-tabakk.

Dan it-tagħrif joħroġ minn ħafna studji li ħarġet l-*American Chemical Society* dan l-aħħar biex turina l-benefiċċji li għandu l-frott taċ-ċitru.

Dr Ken Fujioka, direttur tar-riċerka fil-Klinika Scripps f'San Diego u awtur ewlieni ta'studju dwar l-użu tat-tronġa biex persuna tnaqqas mill-piż, qal li l-hekk imsejħa ''dieta tronġa'', tħajjar lil persuna tiekol tronġa flimkien ma'dieta bilanċjata li jkun fiha l-proteini. Fl-istudju li għamel, Fujioka qassam mitt raġel u mara li kellhom piż żejjed (iżda li ma kienux qed jippruvaw jonqsu) f'erba' gruppi. Qabel kull ikla, lil grupp tah estratt tat-tronġa, lil ieħor meraq tat-tronġa, lil ieħor nofs tronġa biex jikluha, lill-aħħar grupp tah *placebo* (estratt mogħti biss għal effett psikoloġiku u mhux fiżjoloġiku). Biex kulħadd ikun fuq l-istess livell f'dik li hija attività, ġiegħlhom jagħmlu nofs siegħa mixi tliet darbiet fil-ġimgħa. Fit-tmiem ta' 12-il ġimgħa, instab li l-grupp li ngħata l-*placebo* naqqas ftit inqas minn nofs kilo, dak ta' l-estratt naqqas kważi kilo u kwart, dak tal-meraq naqqas mal-kilo u nofs u dawk li kielu t-tronġa naqqsu aktar minn kilo u nofs. L-aħħar grupp kielu tronġa u nofs kuljum. Fujioka ammetta li din ma kinitx ħaġa faċli għalihom. Ħafna minnhom kieluha bħal ma jieklu larinġa: qasmuha min-nofs, imbagħad in-nofs reġgħu qasmuh f'erbgħa,neħħew il-qoxra u ż-żerriegħa u kieluha. Meta tittiekel hekk, it-tronġa tħalli iżjed benefiċċji.

Kif it-tronġa tista' twassal biex persuna titlef il-piż żejjed għadu mhux magħruf. Iżda skond Fujioka '' jidher li tgħin ir-reżistenza kontra l-insulina li tiżviluppa hekk kif il-persuna teħxien. It-tnaqqis fil-piż minħabba li persuna tiekol it-tronġa ma kienx ta' sorpriża għal esperta oħra, Julie Upton , kelliema għall-*American Dietetic Association.* ''Kul il-frott qabel kull ikla u tonqos mill-piż, għax il-*fibre* jimlik u l-frott fih anqas kaloriji minn ikel ieħor. Nofs tronġa fiha 60 kaloriji, xaħam xejn u sitt grammi ta'fibre. Il-frotta għandu mnejn għandha benefiċċji oħra. Fit-tieni studju,il-meraq tat-tronġa għen inaqqas l-attività ta' *enzyme* li tagħmel id-duħħan tas-sigarett kaċiroġenu. Kristine Cuthrell, riċerkaturi fiċ-ċentru tar-Riċerka fil-Kanċer fl-Universita ta' Hawaii, qabdet 49 persuna li jpejpu u tathom il-meraq tat-tronġa. Wara ftit zmien, eżaminatilhom l-urina biex tara l-attività ta' *enzyme* tal-fwied, magħruf bħala CYPIA2, li maħsuba li tattiva l-kimiċi li jwasslu għall-kanċer fid-duħħan tas-sigaretti.Hija qalet li dawk li xorbu tliet tazzi normali ta' meraq tat-tronġa kuljum naqqsu l-attività ta' din l-*enzyme*. Dan ma kienx l-ewwel studju li sab li t-tronġa tista' toħnoq karċiroġeni. Ħafna huma l-istudji li juru li dieta ta' ħaxix u frott tnaqqas ir-riskju tal-kanċer. Cuthrell hija tal-parir li jkun aħjar għall-persuna li tpejjep li tiekol il-frott milli tixrob il-meraq tagħhom.''l-ewwel parir tiegħi huwa li jieqfu jpejpu. Jekk mhumiex kapaċi, allura ma tkunx idea ħażina li jixorbu ħafna *grapefruit juice* u jieklu ħafna frott ieħor u ħaxix.''

BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

# L-Irħula Għawdxin

*Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard*
*Ritratti ta' Joseph P. Zammit*
*u Joseph Sultana*





## 2.
## Għajnsielem

*Għajn is-sliem, tal-paċi benna*
*Hekk sejħulek, Misilmin,*
*għajn li minnha int ħadt ismek*
*Hekk sa tibqa' tul is-snin.*

*Il-Madonna ta' Loretu*
*Lilek tħares mis-smewwiet,*
*Għax il-maqdes int bnejtilha*
*l-oħla f'art it-tliet għoljiet.*

*"Viva x-Xemx" Għajnsielem jgħajjat*
*lejn it-tmiem t'Awissu x-xahar,*
*inti l-għożża ta' dar-raħal*
*li għalik joħroġ bi ħġar.*

*Kollok sfura qisek xmejxa*
*b'Ġesù ħlejju fuq idejk,*
*qed isejjaħ il-miġemgħa*
*biex tinteta' go riglejk...*

*Biex bħall-anġli jagħtu qima*
*Li ġarrew darek mill-bogħod;*
*Din l-għamara fejn fis-sliema*
*Lil Ġesù rabbejt fis-sod.*

*Lill-port t'Għawdex mill-fortizza .*
*Ta' Chambray ħares f'kull żmien,*
*Lit-turist li jiġi jżurna*
*Agħtih merħba, roddlu s-sliem.*









# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti mill-kollezzjoni ta' Joseph Sultana



*Is-sbuħija u l-qilla tal-baħar fi żminijiet xitwija fix-Xatt l-Aħmar, Għajnsielem*




IN FRACTIONE PANIS